MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

MEJJU 2007

# RAPPORT TAL-KONVERĠENZA MEJJU 2007

RAPPORT TAL-KONVERĠENZA

BANK ĊENTRALI EWROPEW

BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA
















# RAPPORT TAL-KONVERĠENZA
# MEJJU 2007

Fl-2007 il-pubblikazzjonijiet kollha tal-BĊE għandhom motif meħud mill-karta tal-flus ta' l-€20.






**© Bank Ċentrali Ewropew, 2007**

**Indirizz**
Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Ġermanja

**Indirizz postali**
Postfach 16 03 19
60066 Frankfurt am Main
Ġermanja

**Telefon**
+49 69 1344 0

**Sit elettroniku**
http://www.ecb.int

**Fax**
+49 69 1344 6000

**Telex**
411 144 ecb d

*Il-jeddijiet kollha miżmuma.*
*Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa bil-patt li jiġi rikonoxxut dan is-sors.*

*L-aħħar data għall-istatistika inkluża f'din il-ħarġa kienet is-26 t'April 2007.*

ISSN 1725-9436 (stampat)
ISSN 1725-9649 (elettroniku)

# WERREJ

1 INTRODUZZJONI 5

2 QAFAS GĦALL-ANALIŻI
2.1 Konverġenza ekonomika 7
2.2 Kompatibilità tal-leġislazzjoni nazzjonali mat-trattat 14

3 SOMMARJI TAL-PAJJIŻI
3.1 Ċipru 29
3.2 Malta 31

4 EŻAMI TAL-KONVERĠENZA EKONOMIKA
4.1 Ċipru 35
4.2 Malta 53

ANNESS
IL-METODOLOĠIJA STATISTIKA TA' L-INDIKATURI TAL-KONVERĠENZA 71

5 EŻAMI TAL-KOMPATIBILITÀ TAL-LEĠISLAZZJONI NAZZJONALI MAT-TRATTAT
5.1 Ċipru 79
5.2 Malta 83

GLOSSARJU 89

# TAQSIR

## PAJJIŻI

| | | | |
|---|---|---|---|
| BE | Il-Belġju | LU | Il-Lussemburgu |
| BG | Il-Bulgarija | HU | L-Ungerija |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka | MT | Malta |
| DK | Id-Danimarka | NL | L-Olanda |
| DE | Il-Ġermanja | AT | L-Awstrija |
| EE | L-Estonja | PL | Il-Polonja |
| GR | Il-Greċja | PT | Il-Portugall |
| ES | Spanja | RO | Ir-Rumanija |
| FR | Franza | SI | Is-Slovenja |
| IE | L-Irlanda | SK | Is-Slovakja |
| IT | L-Italja | FI | Il-Finlandja |
| CY | Ċipru | SE | L-Isvezja |
| LV | Il-Latvja | UK | Ir-Renju Unit |
| LT | Il-Litwanja | | |

## OĦRAJN

| | |
|---|---|
| b.t.p. | bilanċ tal-pagamenti |
| BĊE | Bank Ċentrali Ewropew |
| BĊN | bank ċentrali nazzjonali |
| BIS | *Bank for International Settlements* – Bank għal Pagamenti Internazzjonali |
| BPM5 | *IMF Balance of Payments Manual (5th edition)* – Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti ta' l-IMF (il-5 edizzjoni) |
| ĊD | ċertifikat ta' depożitu |
| CPI | *Consumer Price Index* – Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur |
| EDP | *excessive deficit procedure* – proċedura dwar defiċit eċċessiv |
| ERM | *exchange rate mechanism* – mekkaniżmu tar-rata tal-kambju |
| ESA 95 | *European System of Accounts 1995* – Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995 |
| EUR | euro |
| HICP | *Harmonised Index of Consumer Prices* – Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur |
| IFM | istituzzjoni finanzjarja monetarja |
| ILO | *International Labour Organization* – Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol |
| IME | Istitut Monetarju Ewropew |
| IMF | *International Monetary Fund* – Fond Monetarju Internazzjonali |
| OECD | *Organisation for Economic Co-Operation and Development* – Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u għall-Iżvilupp |
| PDG | prodott domestiku gross |
| PPI | *Producer Price Index* – Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi |
| RKE | rata tal-kambju effettiva |
| SEBĊ | Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali |
| UE | Unjoni Ewropea |
| UEM | Unjoni Ekonomika u Monetarja |
| ULCM | *unit labour costs* fil-manifattura |
| ULCT | *unit labour costs* fl-ekonomija totali |

**Skond il-prassi tal-Komunità, il-pajjiżi ta' l-UE f'dan ir-rapport jidhru wara xulxin b'mod alfabetiku skond l-ismijiet tal-pajjiżi fil-lingwi nazzjonali.**

# I INTRODUZZJONI

L-euro ġie introdott fl-1 ta' Jannar 1999. Bħalissa, hemm 13-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li adottaw l-euro b'konformità mar-rekwiżiti tat-Trattat, bl-aħħar pajjiż li adotta l-euro reċentement, fl-1 ta' Jannar 2007, ikun is-Slovenja. Fl-istess waqt, wara t-tkabbir ta' l-UE fl-2004 u fl-2007, 14-il Stat Membru bħalissa mhumiex jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u għadhom ma adottawx l-euro.

Dan ir-Rapport tal-Konverġenza ġie mħejji wara talbiet għal eżami tal-pajjiż li saru minn Ċipru fit-13 ta' Frar 2007 u minn Malta fis-27 ta' Frar 2007. Bit-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) qed jissodisfa r-rekwiżit ta' l-Artikolu 122(2) flimkien ma' l-Artikolu 121(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat). Dan l-Artikolu jobbliga lill-BĊE biex jirrapporta lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (il-Kunsill ta' l-UE) għall-inqas darba kull sentejn jew fuq talba mill-Istat Membru li għandu deroga "dwar il-progress li jkun sar mill-Istati Membri biex iwettqu l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-kisba ta' l-unjoni ekonomika u monetarja". L-istess mandat ingħata lill-Kummissjoni Ewropea, li wkoll ħejjiet rapport, u ż-żewġ rapporti se jitressqu quddiem il-Kunsill ta' l-UE flimkien.

F'dan ir-rapport, il-BĊE qed juża l-qafas applikat fir-Rapporti tal-Konverġenza preċedenti. Għaż-żewġ pajjiżi kkonċernati, dan ir-rapport jeżamina, jekk intlaħaqx livell għoli ta' konverġenza ekonomika sostenibbli, jekk il-leġislazzjoni nazzjonali hix kompatibbli mat-Trattat u jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti statutorji biex il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) tagħhom isiru parti integrali ta' l-Eurosistema.

L-eżami tal-proċess tal-konverġenza ekonomika jiddependi ħafna mill-kwalità u l-integrità ta' l-istatistika li fuqha jkun ibbażat. Il-kompilazzjoni u r-rappurtar ta' l-istatistika, b'mod partikolari l-istatistika finanzjarja tal-gvern, m'għandhomx ikunu soġġetti għal konsiderazzjonijiet politiċi. L-Istati Membri ġew mistiedna biex jagħtu prijorità lill-kwalità u lill-integrità ta' l-istatistika tagħhom, u jiżguraw li jkun hemm sistema xierqa ta' kontrolli u kontro-kontrolli meta jkunu qed jikkompilaw din l-istatistika, u japplikaw standards minimi fil-qasam ta' l-istatistika. Dawn l-istandards għandhom isaħħu l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà ta' l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-istatistika u b'hekk jgħinu biex isostnu l-fiduċja fil-kwalità ta' l-istatistika fiskali (ara l-anness ta' l-istatistika tal-Kapitlu 4).

Dan ir-Rapport tal-Konverġenza hu strutturat kif ġej. Il-Kapitlu 2 jiddeskrivi l-qafas użat għall-eżami tal-konverġenza ekonomika u legali. Il-Kapitlu 3 fih is-sommarji tal-pajjiżi, li jipprovdu r-riżultati ewlenin ta' l-eżami tal-konverġenza ekonomika u legali. Il-Kapitlu 4 jeżamina f'iżjed dettall l-istat tal-konverġenza ekonomika f'kull wieħed miż-żewġ Stati Membri li qed jiġu eżaminati u jipprovdi deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija ta' l-istatistika ta' l-indikaturi tal-konverġenza. Fl-aħħarnett, il-Kapitlu 5 jeżamina l-kompatibilità tal-leġislazzjoni nazzjonali ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, inklużi l-istatuti tal-BĊN tagħhom, ma' l-Artikoli 108 u 109 tat-Trattat u ma' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ).

# 2 QAFAS GĦALL-ANALIŻI

## 2.1 KONVERĠENZA EKONOMIKA

Biex jeżamina l-istat tal-konverġenza ekonomika fiż-żewġ Stati Membri li qed jiġu kkunsidrati, il-BĊE juża qafas komuni għall-analiżi li jiġi applikat għal kull pajjiż individwali. L-ewwel, il-qafas komuni hu bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-applikazzjoni tagħhom mill-BĊE għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżviluppi fil-prezzijiet, fil-bilanċi fiskali u fil-proporzjon tad-dejn, fir-rati tal-kambju u r-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil, flimkien ma' fatturi rilevanti oħra. It-tieni, il-qafas hu bbażat fuq firxa ta' indikaturi ekonomiċi li jħarsu lejn il-passat u l-futur u li huma kkunsidrati importanti biex jiġi eżaminat f'iktar dettall kemm il-konverġenza hi sostenibbli. Il-kaxex 1 sa 4 hawn taħt juru fil-qosor id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u jipprovdu dettalji dwar il-metodoloġija li jiddeskrivu l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-BĊE.

Dan ir-rapport jibni fuq il-prinċipji stabbiliti fir-rapporti preċedenti u ppubblikati mill-BĊE (u qabel dan, mill-Istitut Monetarju Ewropew), biex jiġi żgurat li jkun hemm kontinwità u trattament ugwali. B'mod partikolari, il-BĊE juża għadd ta' prinċipji biex jiggwida ruħu fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' konverġenza. L-ewwel, il-kriterji individwali huma interpretati u applikati b'mod strett. Ir-raġuni fundamentali għal dan il-prinċipju hi li l-għan ewlieni tal-kriterji hu li jiżguraw li dawk l-Istati Membri biss li għandhom kondizzjonijiet ekonomiċi li jwasslu għaż-żamma ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-koerenza taż-żona ta' l-euro jistgħu jipparteċipaw fiha. It-tieni, il-kriterji tal-konverġenza jikkostitwixxu pakkett koerenti u integrat, u għalhekk il-kriterji kollha għandhom jiġu sodisfatti; it-Trattat ma jindikax xi klassifika ta' importanza, u jelenka l-kriterji kollha fuq l-istess livell. It-tielet, il-kriterji ta' konverġenza jridu jiġu sodisfatti abbażi ta' *data* attwali. Ir-raba', l-applikazzjoni tal-kriterji ta' konverġenza għandha tkun konsistenti, trasparenti u sempliċi. Barra minn hekk, qed terġa ssir enfasi fuq il-fatt li l-konverġenza trid tinkiseb fuq bażi dewwiema u mhux sempliċement f'xi waqt speċifiku. Għal din ir-raġuni, l-eżamijiet tal-pajjiżi jidħlu fid-dettall f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibbiltà tal-konverġenza.

F'dan ir-rigward, l-iżviluppi ekonomiċi fil-pajjiżi kkonċernati jiġu eżaminati minn perspettiva li tħares lejn il-passat u li tkopri, ġeneralment, l-aħħar għaxar snin. Dan jgħin biex jiġi ddeterminat aħjar kemm ir-riżultati attwali huma r-riżultat ta' tibdil strutturali ġenwin, u dan għandu jwassal għal stima iżjed preċiża tas-sostenibbiltà tal-konverġenza ekonomika.

Barra dan, u sa fejn ikun xieraq, tiġi adottata perspettiva li tħares 'l quddiem. F'dan il-kuntest tingħata attenzjoni partikolari għall-fatt li s-sostenibbiltà ta' żviluppi ekonomiċi favorevoli tiddependi ħafna minn reazzjonijiet politiċi li jkunu jixirqu u li jkunu jistgħu jilqgħu għall-isfidi attwali u tal-ġejjieni. B'mod ġenerali, issir enfasi fuq il-fatt li l-kisba tas-sostenibbiltà tal-konverġenza ekonomika tiddependi minn kemm wieħed jitlaq minn qagħda ekonomika tajba, kif ukoll mill-politika mħaddma wara l-adozzjoni ta' l-euro.

Il-qafas komuni jiġi applikat individwalment għaż-żewġ Stati Membri li qed jiġu kkunsidrati. Dawn l-eżamijiet tal-pajjiżi, li jiffokaw fuq ir-riżultati ekonomiċi ta' kull Stat Membru, għandhom jiġu kkunsidrati separatament, skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 121 tat-Trattat.

L-aħħar data għall-istatistika inkluża f'dan ir-Rapport tal-Konverġenza kienet is-26 t'April 2007. L-istatistika użata fl-applikazzjoni tal-kriterji tal-konverġenza ġiet ipprovduta mill-Kummissjoni Ewropea (ara wkoll l-anness ta' l-istatistika 4 u t-tabelli u ċ-ċarts), b'kooperazzjoni mal-BĊE fil-każ tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil. Id-*data* tal-konverġenza dwar l-iżviluppi fil-prezzijiet u dwar ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil hi mogħtija sa Marzu 2007, l-aħħar xahar li għalih kienet disponibbli *data* dwar l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP). Għal *data* ta' kull xahar dwar ir-rati tal-kambju, il-

perijodu li ġie kkunsidrat f'dan ir-rapport jispiċċa f'Marzu 2007, waqt li d-*data* ta' kuljum ġiet inkluża sa s-26 t'April 2007. Id-*data* għall-bilanċi fiskali tkopri l-perijodu sa l-2006. Ġew ikkunsidrati wkoll stimi minn sorsi differenti, flimkien ma' l-iżjed programmi reċenti ta' konverġenza ta' l-Istati Membri u tagħrif ieħor meqjus importanti biex jiġi stabbilit jekk il-konverġenza tkunx sostenibbli fil-futur. Id-data tal-pubblikazzjoni tal-previżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għar-rebbiegħa 2007, li qed tiġi meqjusa wkoll f'dan ir-rapport, kienet is-7 ta' Mejju 2007. Ir-rapport ġie adottat mill-Kunsill Ġenerali tal-BĊE fl-14 ta' Mejju 2007.

Fir-rigward ta' l-iżviluppi fil-prezzijiet, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-applikazzjoni tagħhom mill-BĊE huma mfissra fil-Kaxxa 1.

**Kaxxa 1**

## ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

### 1 Dispożizzjonijiet tat-Trattat

L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 121(1) tat-Trattat jesiġi:

"il-ksib ta' livell għoli ta' stabbilità fil-prezzijiet; dan jirriżulta minn rata ta' inflazzjoni li l-iżjed, tkun tixbaħ lil dik tat-tlett Stati Membri li jkunu qed imorru l-aħjar f'dik li hi l-istabbilità fil-prezzijiet";

L-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmija fl-Artikolu 121 tat-Trattat jistipula li:

"il-kriterju fuq l-istabbilità tal-prezzijiet imsemmi fl-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 121(1) ta' dan it-Trattat ifisser li l-Istat Membru jkollu grad ta' stabbilità tal-prezzijiet li jkun sostenibbli, u rata medja ta' inflazzjoni, osservata fuq perijodu ta' sena qabel l-eżami, li ma teċċedix b'aktar minn 1.5% dik ta' l-aħjar tliet Stati Membri f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet. L-inflazzjoni għandha tiġi mkejla permezz ta' indiċi ta' prezzijiet tal-konsumatur fuq bażi komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali."

### 2 Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat

Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, il-BĊE japplika d-dispożizzjonijiet tat-Trattat kif imfisser hawn taħt:

– L-ewwel, fir-rigward ta' "r-rata medja ta' inflazzjoni, osservata fuq perijodu ta' sena qabel l-eżami", ir-rata ta' l-inflazzjoni ġiet ikkalkulata permezz tal-bidla fl-aħħar medja ta' l-HICP fuq 12-il xahar meta mqabbla mal-medja fuq it-12-il xahar ta' qabel. Għalhekk, fir-rigward tar-rata ta' l-inflazzjoni, il-perijodu ta' referenza kkunsidrat f'dan ir-rapport hu minn April 2006 sa Marzu 2007.

– It-tieni, l-idea li "bħala massimu, dik ta' l-aħjar tliet Stati Membri f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet" li hi użata għad-definizzjoni tal-valur ta' referenza, ġiet applikata billi ntużat il-medja aritmetika mhux ippeżata tar-rata ta' l-inflazzjoni tat-tliet pajjiżi ta' l-UE li ġejjin, u li kellhom l-iżjed rati baxxi ta' inflazzjoni: il-Finlandja (1.3%), il-Polonja (1.5%) u l-Isvezja (1.6%). Għalhekk, ir-rata medja hi ta' 1.5% u, meta wieħed iżid 1½ punti perċentwali, il-valur ta' referenza hu ta' 3.0%.

L-inflazzjoni ġiet stmata abbażi ta' l-HICP, li ġie żviluppat biex tiġi stmata l-konverġenza f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet fuq bażi paragunabbli (ara l-anness ta' l-istatistika). Bħala tagħrif, ir-rata medja ta' l-inflazzjoni fiż-żona ta' l-euro tinsab fil-parti ta' l-istatistika ta' dan ir-rapport.

Biex ikun jista' jsir eżami iżjed dettaljat tas-sostenibbiltà ta' l-iżviluppi fil-prezzijiet, ir-rata medja ta' l-inflazzjoni HICP tul il-perijodu ta' referenza ta' 12-il xahar minn April 2006 sa Marzu 2007 hi eżaminata fuq ir-riżultati ekonomiċi ta' l-Istati Membri tul dawn l-aħħar għaxar snin f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet. F'dan ir-rigward, tingħata attenzjoni lill-orjentament tal-politika monetarja, b'mod partikolari l-fatt jekk il-kisba u ż-żamma ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet kienux l-għan ewlieni ta' l-awtoritajiet monetarji, u tingħata attenzjoni wkoll lill-kontribut ta' oqsma oħra tal-politika ekonomika għal dan il-għan. Barra dan, jitqiesu l-implikazzjonijiet ta' l-ambjent makro-ekonomiku għall-ksib ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet. L-iżviluppi fil-prezzijiet jiġu eżaminati għal dak li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet tad-domanda u ta' l-offerta, u fost affarijiet oħra, tal-fatturi li jinfluwenzaw l-ispejjeż tax-xogħol u l-prezzijiet ta' dak li hu importat. Fl-aħħarnett, jitqiesu xejriet f'indiċijiet tal-prezzijiet oħra rilevanti (bħal l-HICP minbarra ikel mhux ipproċessat u enerġija, is-CPI (Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur) nazzjonali, is-CPI minbarra bidliet fit-taxxa indiretta netta, d-*deflator* tal-konsum privat, id-*deflator* tal-PDG u l-prezzijiet tal-produzzjoni). Minn perspettiva li tħares lejn il-ġejjieni, tingħata indikazzjoni dwar il-prospetti ta' żviluppi inflazzjonarji fis-snin li ġejjin, inklużi stimi minn organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin u mill-parteċipanti fis-suq. Barra dan, qed jiġu diskussi aspetti strutturali li huma rilevanti biex jinżamm ambjent li jwassal għall-istabbiltà tal-prezzijiet wara li jiġi adottat l-euro.

Fir-rigward ta' l-iżviluppi fiskali, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-applikazzjoni tagħhom mill-BĊE, flimkien ma' kwistjonijiet ta' proċedura, huma mfissra fil-Kaxxa 2.

**Kaxxa 2**

## ŻVILUPPI FISKALI

### 1 Dispożizzjonijiet tat-Trattat

It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 121(1) tat-Trattat jesiġi:

"pożizzjoni finanzjarja tal-Gvern sostenibbli; dan jirriżulta meta jkun wasal għall-pożizzjoni fl-estimi tkun mingħajr żbilanċ eċċessiv kif stabbilit fl-Artikolu 104 (6)".

L-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza msemmija fl-Artikolu 121 tat-Trattat jistipula li:

"il-kriterju fuq il-pożizzjoni ta' l-estimi tal-gvern imsemmija fit-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 121(1) ta' dan it-Trattat ifisser li filwaqt ta' l-eżami l-Istat Membru ma jkunx suġġett meta jiġi eżaminat għal deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 104(6) ta' dan it-Trattat li jkun hemm żbilanċ eċċessiv."

L-Artikolu 104 jistabbilixxi l-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv. Skond l-Artikolu 104(2) u (3), il-Kummissjoni Ewropea tħejji rapport jekk Stat Membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti tad-dixxiplina fiskali, b'mod partikolari jekk:

(a) il-defiċit ippjanat jew attwali tal-gvern bħala proporzjon tal-PDG jkun akbar mill-valur ta' referenza (definit fil-Protokoll dwar il-proċedura ta' l-iżbilanċ eċċessiv bħala 3% tal-PDG), sakemm:

– jew il-proporzjon ikun naqas b'mod sostanzjali u kontinwu u jkun laħaq livell li jkun qrib il-valur ta' referenza; jew, inkella,

– iż-żejjed fuq il-valur ta' referenza jkun biss eċċezzjonali jew temporanju u l-proporzjon jibqa' qrib il-valur ta' referenza;

(b) id-dejn tal-Gvern bħala proporzjon tal-PDG jaqbeż il-valur ta' referenza (definit fil-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv bħala 60% tal-PDG), sakemm il-proporzjon ma jkunx qed jonqos biżżejjed u joqrob lejn il-valur ta' referenza b'ritmu sodisfaċenti.

Barra dan, ir-rapport imħejji mill-Kummissjoni għandu jqis jekk id-defiċit tal-gvern jaqbiżx l-infiq tal-gvern fl-investiment u l-fatturi rilevanti l-oħra kollha, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u fiskali ta' l-Istat Membru fuq żmien medju. Minkejja li jkunu ġew sodisfatti l-kriterji, il-Kummissjoni tista' wkoll tħejji rapport jekk din jidhrilha li jkun hemm riskju ta' defiċit eċċessiv fi Stat Membru. Il-Kumitat għall-Ekonomija u l-Finanzi jesprimi opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni. Fl-aħħarnett, skond l-Artikolu 104(6), il-Kunsill ta' l-UE, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jkun qies kwalunkwe osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel, jevalwa kollox u b'maġġoranza kwalifikata, jiddeċiedi jekk ikunx jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru.

## 2 Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat

Biex tiġi eżaminata l-konverġenza, il-BĊE jesprimi l-fehma tiegħu dwar l-iżviluppi fiskali. Fir-rigward tas-sostenibbiltà, il-BĊE jeżamina l-indikaturi ewlenin ta' l-iżviluppi fiskali mill-1997 sa l-2006, jikkunsidra l-prospetti u l-isfidi għall-finanzi tal-gvern ġenerali u jiffoka fuq ir-rabtiet bejn l-iżviluppi tad-defiċit u d-dejn.

Fir-rigward ta' l-Artikolu 104, il-BĊE, b'differenza mill-Kummissjoni, ma għandu l-ebda rwol formali fil-proċedura dwar defiċit eċċessiv. Ir-rapport tal-BĊE jgħid biss jekk il-pajjiż hux soġġett għall-proċedura tad-defiċit eċċessiv.

Fir-rigward tad-dispożizzjoni tat-Trattat li tgħid li d-dejn bħala proporzjon tal-PDG li jkun ogħla minn 60% għandu jkun qed "jonqos b'mod suffiċjenti u joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti", il-BĊE jeżamina x-xejriet passati u futuri fil-proporzjon tad-dejn.

L-eżami ta' l-iżviluppi fiskali hu bbażat fuq *data* miġbura abbażi tal-kontijiet nazzjonali, skond is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995 (ara l-anness ta' l-istatistika). Il-biċċa l-kbira taċ-ċifri ppreżentati f'dan ir-rapport ġew mogħtija mill-Kummissjoni f'April 2007 u jinkludu pożizzjonijiet finanzjarji tal-gvern mill-1997 sal-2006, kif ukoll previżjonijiet tal-Kummissjoni għall-2007.

Fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, ir-riżultat tas-sena ta' referenza 2006, jiġi eżaminat fir-rigward ta' kif marru l-Istati Membri tul l-aħħar għaxar snin. L-ewwel, jitqies il-progress tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern f'dan il-perijodu, kif ukoll il-fatturi li fuqhom ikun ibbażat; jiġifieri d-differenza bejn it-tkabbir fil-PDG nominali u r-rati ta' l-imgħax, il-bilanċ primarju, u l-aġġustament tad-defiċit-dejn. Perspettiva bħal din tista' tagħti iżjed tagħrif dwar kemm l-ambjent makro-ekonomiku, b'mod partikolari r-rati tat-tkabbir u ta' l-imgħax flimkien, ikun affettwa d-dinamika tad-dejn. Din tista' wkoll tipprovdi iżjed tagħrif dwar ir-riżultati ta' l-isforzi għall-konsolidament fiskali, kif riflessi fil-bilanċ primarju, u dwar ir-rwol ta' fatturi speċjali kif inklużi fl-aġġustament tad-defiċit-dejn. Barra dan, titqies l-istruttura tad-dejn tal-gvern, u tingħata attenzjoni b'mod partikolari lill-proporzjon u l-iżvilupp tad-dejn b'maturità fuq żmien qasir u lid-dejn f'muniti barranin. Meta jitqabblu dawn il-proporzjonijiet mal-livell attwali tal-proporzjon tad-dejn, toħroġ ċara l-vulnerabbiltà tal-bilanċi fiskali għal ċaqliq fir-rati tal-kambju u ta' l-imgħax.

Imbagħad, jiġi eżaminat l-iżvilupp tal-proporzjon tad-defiċit. F'dan il-kuntest, hu importanti li wieħed jiftakar li l-bidla fil-proporzjon annwali tad-defiċit ta' pajjiż ġeneralment tkun influwenzata minn ħafna affarijiet li fuqhom tkun imsejsa. Dawn l-influwenzi spiss jinqasmu f'"effetti ċikliċi" fuq in-naħa l-waħda, li jirriflettu r-reazzjoni tad-defiċits għal bidliet fiċ-ċiklu ekonomiku, u f'"effetti mhux ċikliċi" fuq in-naħa l-oħra, li spiss hu mifhum li jirriflettu aġġustamenti strutturali jew permanenti għall-politika fiskali. Madankollu, effetti mhux ċikliċi tali, kif ikkwantifikati f'dan ir-rapport, mhux bilfors jidhru li jkunu qed jirriflettu għal kollox bidla strutturali fil-pożizzjonijiet fiskali, għaliex jinkludu effetti temporanji fuq il-bilanċ fiskali li jkunu ġejjin mill-impatt kemm ta' miżuri ta' politika kif ukoll ta' fatturi speċjali. Xejriet passati fl-infiq u d-dħul tal-gvern huma kkunsidrati wkoll f'iżjed dettall u jissemmew l-oqsma kollha li jeħtieġu aktar konsolidament.

Minn perspettiva li tħares 'l quddiem, jiġu kkunsidrati l-pjanijiet nazzjonali għall-baġit u l-previżjonijiet reċenti tal-Kummissjoni Ewropea għall-2007, u jittieħed kont ta' l-istrateġija fiskali fuq żmien medju, kif tidher fil-programm tal-konverġenza. Dan jinkludi eżami ta' kif inhu projettat li jitwettaq fuq żmien medju, kif previst fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, kif ukoll tal-prospetti għall-proporzjon tad-dejn abbażi tal-politika fiskali attwali. Barra dan, issir enfasi fuq l-isfidi fuq żmien twil għas-sostenibbiltà tal-pożizzjonijiet fiskali, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni ta' skemi tal-pensjonijiet tal-gvern mhux iffinanzjati, fil-kuntest ta' tibdil demografiku u tal-garanziji mogħtija mill-gvern.

Fir-rigward ta' l-iżviluppi fir-rati tal-kambju, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-applikazzjoni tagħhom mill-BĊE huma mfissra fil-Kaxxa 3.

**Kaxxa 3**

## ŻVILUPPI FIR-RATA TAL-KAMBJU

### 1 Dispożizzjonijiet tat-Trattat

It-tielet inċiż ta' l-Artikolu 121(1) tat-Trattat jesiġi:

"osservanza fil-marġni ta' fluttwazzjoni normali li dwarhom hemm provdut bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea, għal mill-inqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni fil-konfront tal-munita ta' xi Stat Membru ieħor".

L-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza msemmija fl-Artikolu 121 tat-Trattat jistipula li:

"il-kriterju fuq il-parteċipazzjoni f'Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea msemmi fit-tielet subinċiż ta' l-Artikolu 121(1) ta' dan it-Trattat ifisser li Stat Membru jkun irrispetta il-marġini normali ta' fluttwazzjoni li hemm provdut dwarhom bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarju Ewropea mingħajr tensjonijiet qawwija għal ta' l-anqas l-aħħar sentejn qabel l-eżami. Partikolarment, l-Istat Membru ma jridx ikun żvaluta r-rata bilaterali ċentrali tal-munita tiegħu kontra xi munita ta' xi Stat Membru ieħor fuq inizjattiva tiegħu stess għall-istess perijodu."

## 2 Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat

Fir-rigward ta' l-istabbiltà tar-rata tal-kambju, il-BĊE jeżamina jekk il-pajjiż ikunx ipparteċipa fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju II (ERM II) (li minn Jannar 1999 issostitwixxa l-ERM) għal perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-eżami tal-konverġenza mingħajr tensjonijiet qawwija, b'mod partikolari, mingħajr żvalutazzjoni kontra l-euro. F'każijiet ta' parteċipazzjoni fuq żmien iqsar, l-iżviluppi fir-rata tal-kambju jiġu deskritti fuq perijodu ta' referenza ta' sentejn bħal ma sar f'rapporti preċedenti.

Waqt li jiġu kkunsidrati l-fatturi li setgħu wasslu għal xi żieda fil-valur tal-munita, bħal ma sar fl-imgħoddi, l-eżami ta' l-istabbiltà tar-rata tal-kambju kontra l-euro jiffoka fuq il-fatt li r-rata tal-kambju għandha tkun qrib ir-rata ċentrali ta' l-ERM II. F'dan ir-rigward, il-wisa' tal-faxxa ta' ċaqliq fi ħdan l-ERM II ma tippreġudikax l-eżami tal-kriterju dwar l-istabbiltà tar-rata tal-kambju.

Barra dan, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' "tensjonijiet qawwija" tiġi ġeneralment indirizzata billi: i) jiġi eżaminat il-livell ta' devjazzjoni tar-rati tal-kambju mir-rati ċentrali ta' l-ERM II kontra l-euro; ii) jintużaw indikaturi bħall-volatilità tar-rata tal-kambju fir-rigward ta' l-euro u x-xejra f'dan, kif ukoll id-differenzjali fir-rata ta' l-imgħax fuq żmien qasir fir-rigward ta' l-euro u l-iżviluppi f'dan; u iii) jiġi kkunsidrat ir-rwol ta' l-interventi fis-suq tal-kambju.

Ir-rati tal-kambju bilaterali kollha għall-perijodu ta' referenza minn Mejju 2005 sa April 2007 huma r-rati ta' referenza uffiċjali tal-BĊE (ara l-anness ta' l-istatistika).

Kemm Ċipru kif ukoll Malta ilhom jipparteċipaw fl-ERM II b'seħħ mit-2 ta' Mejju 2005, jiġifieri għal ftit iżjed minn sentejn qabel ma ġie ffinalizzat dan ir-rapport. Kif marru l-muniti tagħhom kontra l-euro jidher tul il-perijodu mis-27 t'April 2005 sas-26 t'April 2007, (jiġifieri d-data ta' l-għeluq użata f'dan ir-rapport). Bejn is-26 t'April 2007 u l-14 ta' Mejju 2007 (id-data meta ġie ffinalizzat dan ir-rapport) ir-rati tal-kambju tal-muniti taż-żewġ pajjiżi fil-konfront ta' l-euro kienu stabbli.

Minbarra r-riżultati tar-rata tal-kambju nominali kontra l-euro, tiġi eżaminata wkoll id-*data* relatata mas-sostenibbiltà tar-rata tal-kambju attwali. Din tittieħed mill-iżvilupp tar-rati tal-kambju reali, bilaterali u effettivi, mill-kontijiet kurrenti, kapitali u finanzjarji tal-bilanċ tal-pagamenti u mill-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali nett tal-pajjiż fuq perijodi itwal ta' żmien. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-integrazzjoni tas-swieq, jiġi eżaminat ukoll is-sehem taż-żona euro fil-kummerċ barrani totali tal-pajjiż.

Dwar l-iżviluppi fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-applikazzjoni tagħhom mill-BĊE huma mfissra fil-Kaxxa 4.

Kaxxa 4

## ŻVILUPPI FIR-RATI TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

### 1 Dispożizzjonijiet tat-Trattat

Ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 121(1) tat-Trattat jesiġi:

"id-durabilità tal-konverġenza miksuba mill-Istat Membru u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea kif jidher fil-livelli tar-rati ta' mgħax f'perijodi fit-tul".

L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmija fl-Artikolu 121 tat-Trattat jistipula li:

"il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati ta' mgħax imsemmija fir-raba' subinċiż ta' l-Artikolu 121(1) ta' dan it-Trattat ifisser li, Stat Membru osservat fuq perijodu ta' sena qabel l-eżami, kellu rata ta' mgħax nominali medja għal żmien twil li ma taqbiżx b'aktar minn żewġ punti perċentwali dik, fl-aħħar mill-aħħar, tat-tliet Stati Membri li jmorru l-aħjar fl-istabbilità tal-prezzijiet. Ir-rati ta' mgħax jitqiesu abbażi ta' titoli tal-gvern għal żmien twil jew obbligazzjonijiet komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali."

### 2 Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat

Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, il-BĊE japplika d-dispożizzjonijiet tat-Trattat kif imfisser hawn taħt:

– L-ewwelnett, fir-rigward tar-"rata ta' mgħax nominali medja għal żmien twil" osservata tul "perijodu ta' sena qabel l-eżami", ir-rata ta' l-imgħax fuq żmien twil ġiet ikkalkulata bħala medja aritmetika fuq l-aħħar 12-il xahar li għalihom kien hemm *data* ta' l-HICP. Il-perijodu ta' referenza kkunsidrat f'dan ir-rapport hu dak ta' bejn April 2006 u Marzu 2007.

– It-tieni, l-idea li "bħala massimu, it-tliet Stati Membri li jmorru l-aħjar fl-istabbilità tal-prezzijiet" li tintuża fid-definizzjoni tal-valur ta' referenza ġiet applikata billi ntużat il-medja aritmetika mhux ippeżata tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil ta' l-istess tliet pajjiżi ta' l-UE, u jiġi inkluż il-kalkolu tal-valur ta' referenza għall-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet (ara l-Kaxxa 1). Tul il-perijodu ta' referenza kkunsidrat f'dan ir-rapport, ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil ta' dawn it-tliet pajjiżi kienu ta' 3.8% (Svezja), 3.9% (Finlandja) u 5.3% (Polonja); b'hekk, ir-rata medja hi ta' 4.4% u, meta żżid 2 punti perċentwali, il-valur ta' referenza hu ta' 6.4%.

Ir-rati ta' l-imgħax ġew imkejla abbażi tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil armonizzati, li kienu ġew imħejjija biex tkun tista' tiġi eżaminata l-konverġenza (ara l-anness ta' l-istatistika).

Għal pajjiż fejn ma hi disponibbli l-ebda rata ta' l-imgħax armonizzata fuq żmien twil, sa fejn jista' jkun, issir analiżi wiesgħa tas-swieq finanzjarji, filwaqt li jittieħed kont tal-livell tad-dejn tal-gvern u ta' indikaturi rilevanti oħra, biex b'hekk issir stima ta' kemm kienet ilha teżisti l-konverġenza miksuba mill-Istat Membru u l-parteċipazzjoni tiegħu fl-ERM II.

Kif issemma hawn fuq, it-Trattat jagħmel referenza esplicita għall-fatt li "id-durabilità tal-konverġenza" hi riflessa fil-livell tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil. Għalhekk, żviluppi tul il-perijodu ta' referenza minn April 2006 sa Marzu 2007 jiġu eżaminati fuq l-isfond ta' kif żviluppaw ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil tul dawn l-aħħar għaxar snin (jew il-perijodu li għalih hemm *data* disponibbli) u l-fatturi ewlenin li jaffettwaw id-differenzjali fir-rigward tar-rata medja ta' l-imgħax fuq żmien twil prevalenti fiż-żona ta' l-euro.

Fl-aħħarnett, l-Artikolu 121(1) tat-Trattat jesiġi li dan ir-rapport iqis ħafna fatturi rilevanti oħra, jiġifieri "l-iżviluppi ta' l-ECU, ir-riżultati ta' l-integrazzjoni tas-swieq, is-sitwazzjoni u l-iżvilupp fil-kont kurrenti tal-bilanċi tal-pagamenti u analiżi ta' l-iżvilupp tal-*unit labour costs* u indiċijiet oħra tal-prezzijiet". Dawn il-fatturi huma analizzati fil-Kapitlu 4 skond il-kriterji individwali elenkati hawn fuq. Fid-dawl ta' l-introduzzjoni ta' l-euro fl-1 ta' Jannar 1999, m'għadx hemm diskussjoni dwar l-iżvilupp ta' l-ECU.

## 2.2 KUMPATIBBILTÀ TAL-LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI MAT-TRATTAT

### 2.2.1 INTRODUZZJONI

L-Artikolu 122(2) tat-Trattat jeħtieġ li l-BĊE (u l-Kummissjoni) jirrapportaw, ta' l-anqas darba kull sentejn jew fuq it-talba ta' l-Istat Membru b'deroga, lill-Kunsill tal-UE skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 121(1). Kull rapport minn dawn għandu jinkludi eżami tal-kumpatibbiltà bejn, min-naħa l-waħda, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru b'deroga, inklużi l-istatuti tal-BĊN tiegħu, u fuq l-oħra, l-Artikoli 108 u 109 tat-Trattat u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'il quddiem l-"Istatut"). Dan l-obbligu tat-Trattat li japplika għall-Istati Membri b'deroga jissejjaħ ukoll "konverġenza legali". Meta jivvaluta l-konverġenza legali, il-BĊE mhuwiex illimitat għal valutazzjoni formali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali letteralment, imma jista' jqis ukoll jekk l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tikkonformax ma' l-ispirtu tat-Trattat u l-Istatut. Il-BĊE jinsab imħasseb partikolarment minħabba indikazzjonijiet, li dan l-aħħar qed jikbru, ta' pressjoni fuq il-korpi tal-BĊNi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' xi Stati Membri, liema pressjoni hija inkonsistenti ma' l-ispirtu tat-Trattat fir-rigward ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali. Għalhekk, il-BĊE se josserva mill-qrib kull żvilupp qabel kull valutazzjoni pożittiva finali li tikkonkludi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru hija kumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

#### STATI MEMBRI B'DEROGA U KONVERĠENZA LEGALI

Ċipru u Malta, li l-leġiżlazzjoni tagħhom qed tiġi eżaminata f'dan ir-rapport, għandhom l-istatus ta' Stati Membri b'deroga i.e. għadhom m'adottawx l-euro. L-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni[1] jistabbilixxi li: "Kull Stat Membru ġdid għandu jipparteċipa fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja mid-data ta' l-adeżjoni bħala Stat Membru b'deroga fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 122 tat-Trattat tal-KE". Il-BĊE eżamina l-livell ta' konverġenza legali f'Ċipru u Malta, kif ukoll il-miżuri leġiżlattivi li huma ħadu jew li għandhom bżonn jieħdu sabiex jilħqu dan il-għan.

L-għan tal-valutazzjoni tal-konverġenza legali huwa biex tkun iffaċilitata d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE fir-rigward ta' liema Stati Membri "jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-munita unika". Dawn il-kundizzjonijiet jirriferu, fil-qasam legali, b'mod partikolari għall-indipendenza tal-bank ċentrali u għall-integrazzjoni tal-BĊNi fl-Eurosistema.

1 Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33). Għall-Bulgarija u r-Rumanija, ara l-Artikolu 5 ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203)

### STRUTTURA TAL-VALUTAZZJONI LEGALI

Bejn wieħed u ieħor il-valutazzjoni legali ssegwi l-qafas tar-rapporti ta' qabel tal-BĊE u tal-IME dwar il-konverġenza legali, b'mod partikolari ir-Rapporti ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 (dwar ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Isvezja), ta' Mejju 2006 (dwar il-Litwanja u s-Slovenja), ta' l-2004 (dwar ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Isvezja), ta' l-2002 (dwar l-Isvezja) u ta' l-2000 (dwar il-Greċja u l-Isvezja) u r-Rapport ta' Konverġenza ta' l-IME ta' l-1998. Il-kumpatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali hija kkunsidrata wkoll fid-dawl ta' kull emenda leġiżlattiva magħmula qabel il-15 ta' Marzu 2007.

### 2.2.2 SKOP TA' L-ADATTAMENT

#### 2.2.2.1 OQSMA TA' ADATTAMENT

Għall-iskop li jkunu identifikati dawk l-oqsma fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali teħtieġ li tkun adattata, qed jiġu eżaminati l-kwistjonijiet li ġejjin:

– il-kumpatibbiltà mad-dispożizzjonijiet dwar l-indipendenza tal-BĊNi fit-Trattat (l-Artikolu 108) u l-Istatut (l-Artikoli 7 u 14.2) kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità (l-Artikolu 38 ta' l-Istatut);

– il-kumpatibbiltà mal-projbizzjonijiet ta' l-iffinanzjar monetarju (l-Artikolu 101 tat-Trattat) u l-aċċess privileġġat (l-Artikolu 102 tat-Trattat) u l-kumpatibbiltà ma' l-ortografija waħdanija ta' l-euro meħtieġa mid-dritt Komunitarju; u

– l-integrazzjoni legali tal-BĊNi fi ħdan l-Eurosistema (partikolarment fir-rigward ta' l-Artikoli 12.1 u 14.3 ta' l-Istatut).

#### 2.2.2.2 "KUMPATIBBILTÀ" VERSUS "ARMONIZZAZZJONI"

L-Artikolu 109 tat-Trattat jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun "kumpatibbli" mat-Trattat u l-Istatut; kull inkumpatibbiltà għalhekk trid titneħħa. La s-supremazija tat-Trattat u l-Istatut fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, u lanqas in-natura ta' l-inkumpatibbiltà, ma jaffettwaw il-ħtieġa li jkun hemm konformità ma' l-obbligu.

L-obbligu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun "kumpatibbli" ma jfissirx li t-Trattat jeħtieġ l-"armonizzazzjoni" ta' l-istatuti tal-BĊN, jew ma' xulxin jew ma' l-Istatut. Il-partikolaritajiet nazzjonali jistgħu jkomplu jeżistu sakemm ma jiksrux il-kompetenza esklussiva tal-Komunità fi kwistjonijiet monetarji. Tabilħaqq, l-Artikolu 14.4 ta' l-Istatut jippermetti li l-BĊNi jaqdu funzjonijiet li ma jkunux dawk speċifikati fl-Istatut, safejn ma jolqtux l-għanijiet u l-ħidmiet tas-SEBĊ. Id-dispożizzjonijiet li jawtorizzaw dawn il-funzjonijiet addizzjonali fl-istatuti tal-BĊN huma eżempju ċar taċ-ċirkostanzi fejn jistgħu jibqgħu xi differenzi. Minflok, il-kelma "kumpatibbli" tindika li l-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-istatuti tal-BĊN jeħtieġu aġġustament biex jiġu eliminati inkonsistenzi mat-Trattat u l-Istatut u biex ikun żgurat il-grad meħtieġ ta' integrazzjoni tal-BĊNi fis-SEBĊ. B'mod partikolari, kull dispożizzjoni li tikser l-indipendenza tal-BĊN, kif iddefinita fit-Trattat, u r-rwol tiegħu bħala parti integrali tas-SEBĊ għandha tiġi aġġustata. Għalhekk biex dan jintlaħaq, mhux biżżejjed li wieħed jistrieħ biss fuq il-primat tad-dritt Komunitarju fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-obbligu fl-Artikolu 109 tat-Trattat ikopri biss l-inkompatibbiltà mat-Trattat u l-Istatut. Iżda, leġiżlazzjoni nazzjonali li mhix kumpatibbli mal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Komunità għandha tinġieb konformi ma' din il-leġiżlazzjoni sekondarja. Il-primat tad-dritt Komunitarju ma jaffettwax l-obbligu li tiġi adattata l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan l-obbligu ġenerali joħroġ mhux biss mill-Artikolu 109 tat-Trattat imma wkoll mill-

ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.[2]

It-Trattat u l-Istatut ma jippreskrivux il-mod kif il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun adattata. Dan jista' jsir b'referenza għat-Trattat u l-Istatut, jew billi jiġu inkorporati dispożizzjonijiet tagħhom u ssir referenza għall-provenjenza tagħhom, jew billi titneħħa kull inkumpatibbiltà jew b'taħlita ta' dawn il-metodi.

Barra minn dan, fost affarijiet oħrajn, bħala għodda biex tintħalaq u tinżamm il-kumpatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mat-Trattat u l-Istatut, il-BĊE għandu jiġi kkonsultat mill-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Istati Membri dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu, bis-saħħa ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat u l-Artikolu 4 ta' l-Istatut. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-konsultazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi[3] titlob b'mod espliċitu li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex dan l-obbligu jitħares.

### 2.2.3. L-INDIPENDENZA TAL-BĊNi

Fir-rigward ta' l-indipendenza ta' bank ċentrali u kwistjonijiet dwar il-kunfidenzjalita`, il-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 kellha tkun adattata biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat u l-Istatut u tkun fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004. L-Isvezja kienet obbligata biex iġġib fis-seħħ l-adattamenti meħtieġa sa minn meta ġiet stabbilita s-SEBĊ fl-1 ta' Ġunju 1998.

#### 2.2.3.1 L-INDIPENDENZA TAL-BANK ĊENTRALI

F'Novembru 1995, l-IME stabbilixxa lista ta' karatteristiċi ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali (deskritti aktar 'il quddiem fid-dettal fir-Rapport ta' Konverġenza tiegħu ta' l-1998) li kienu l-bażi ta' l-eżami tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' dak iż-żmien, partikolarment l-istatuti tal-BĊN. Il-kunċett ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali jinkludi tipi varji ta' indipendenza li għandhom ikunu eżaminati separatament, jiġifieri indipendenza funzjonali, istituzzjonali, personali u finanzjarja. Tul dawn l-aħħar ftit snin, kien hemm aktar reqqa fl-analiżi ta' dawn l-aspetti ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali fl-opinjonijiet adottati mill-BĊE. Dawn l-aspetti huma l-bażi biex jiġi eżaminat il-livell ta' konverġenza bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri b'deroga, fuq in-naħa l-waħda, u t-Trattat u l-Istatut, fuq in-naħa l-oħra.

#### INDIPENDENZA FUNZJONALI

L-indipendenza tal-bank ċentrali m'hijiex għan fiha nnifisha imma aktar hija strument biex tintlaħaq mira li għandha tkun iddefinita b'mod ċar u għandha tiddomina fuq kull għan ieħor. L-indipendenza funzjonali teħtieġ li l-għan primarju ta' kull BĊN jiġi kkomunikat b'mod ċar u legalment ċert u li jkun konformi għal kollox ma' l-għan primarju ta' l-istabbilta` fil-prezzijiet stabbilit mit-Trattat. L-indipendenza tintlaħaq billi tagħti lill-BĊNi l-mezzi u l-istrumenti meħtieġa biex dan il-għan jintlaħaq indipendentament minn kull awtorita` oħra. L-obbligu fit-Trattat għall-indipendenza tal-bank ċentrali tirrifletti l-fehma ġenerali li l-għan primarju ta' l-istabbilta` fil-prezzijiet jintlaħaq l-aħjar minn istituzzjoni indipendenti għal kollox b'definizzjoni preċiża tal-mandat tagħha. L-indipendenza tal-bank ċentrali hija kumpatibbli għal kollox ma' li żżomm il-BĊNi responsabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom, li huwa aspett importanti fit-titjib tal-kunfidenza fl-istatus indipendenti tagħhom. Dan ifisser trasparenza u djalogu ma' terzi partijiet.

Fir-rigward ta' meta jseħħ dan, it-Trattat mhuwiex ċar dwar meta l-BĊNi ta' l-Istati Membri b'deroga kellhom jikkonformaw ma' l-għan primarju ta' l-istabbiltà fil-prezzijiet stabbilit fl-Artikolu 105(1) tat-Trattat u l-Artikolu 2 ta' l-Istatut. Fil-każ ta' l-Isvezja, il-mistoqsija kienet jekk dan l-obbligu għandux

2 Ara, fost l-oħrajn, Kawża 167/73 il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża [1974] Ġabra 359 ("Code du Travail Maritime").

3 ĠU 189, 3.7.1998, p. 42.

jibda miż-żmien meta s-SEBĊ ġiet imwaqqfa jew mill-adozzjoni tal-euro. Għal dawk l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-1 ta' Mejju, 2004, il-mistoqsija kienet jekk għandux jibda minn dik id-data jew mill-adozzjoni tal-euro. Filwaqt li l-Artikolu 105(1) tat-Trattat ma japplikax għall-Istati Membri b'deroga (ara l-Artikolu 122(3) tat-Trattat), l-Artikolu 2 ta' l-Istatut japplika għal dawn l-Istati Membri (ara l-Artikolu 43.1 ta' l-Istatut). Il-BĊE huwa tal-fehma li l-obbligu fuq il-BĊNi li jkollhom l-istabbiltà fil-prezzijiet bħala l-għan primarju tagħhom jibda mill-1 ta' Ġunju 1998 fil-każ ta' l-Isvezja u mill-1 ta' Mejju 2004 għall-Istati Membri li ssieħbu fl-UE f'dik id-data. Dan huwa bbażat fuq il-fatt li wieħed mill-prinċipji gwida tal-Komunità, jiġifieri l-istabbiltà fil-prezzijiet (l-Artikolu 4(3) tat-Trattat), japplika wkoll għall-Istati Membri b'deroga. Huwa wkoll ibbażat fuq l-għan tat-Trattat li l-Istati Membri kollha għandhom jirsistu għal konverġenza makroekonomika, inkluża l-istabbiltà fil-prezzijiet, li hija l-intenzjoni wara dawn ir-rapporti regolari tal-BĊE u l-Kummissjoni. Din il-konklużjoni hija bbażata wkoll fuq ir-raġuni ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali, li hija ġġustifikata biss jekk l-għan ġenerali ta' l-istabbiltà fil-prezzijiet ikollu primat.

Il-valutazzjonijiet tal-pajjiż f'dan ir-rapport huma bbażati fuq dawn il-konklużjonijiet fir-rigward ta' kemm ġie rrispettat fil-ħin l-obbligu fuq il-BĊNi ta' l-Istati Membri b'deroga li jkollhom l-istabbiltà fil-prezzijiet bħala l-għan primarju tagħhom.

### INDIPENDENZA ISTITUZZJONALI

Il-prinċipju ta' l-indipendenza istituzzjonali jissemma b'mod espliċitu fl-Artikolu 108 tat-Trattat u l-Artikolu 7 ta' l-Istatut. Dawn iż-żewġ artikoli jipprojbixxu lill-BĊNi u lill-membri tal-korpi tagħhom responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet milli jfittxu jew jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità, minn kwalunkwe gvern ta' xi Stat Membru jew minn kwalunkwe korp ieħor. Barra minn dan, dawn jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri milli jfittxu li jinfluwenzaw lil dawk il-membri tal-korpi tal-BĊNi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet li d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jaffettwaw it-twettiq tal-ħidmiet relatati mas-SEBĊ tal-BĊNi.

Jekk il-BĊN huwiex organizzat bħala korp proprjetà ta' l-Istat, korp speċjali tad-dritt pubbliku jew sempliċiment kumpanija pubblika b'responsabbiltà illimitata, hemm ir-riskju li tista' ssir xi influwenza mis-sid fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ħidmiet relatati mas-SEBĊ minħabba din il-proprjetà. Din l-influwenza, kemm jekk eżerċitata permezz tad-drittijiet ta' l-azzjonisti jew mod ieħor, tista' taffettwa l-indipendenza tal-BĊN u għandha għalhekk tkun illimitata bil-liġi.

#### Projbizzjoni ta' għoti ta' struzzjonijiet

Drittijiet ta' terzi persuni biex jagħtu struzzjonijiet lill-BĊNi, il-korpi tagħhom responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-membri tagħhom huma inkompatibbli mat-Trattat u l-Istatut safejn għandhom x'jaqsmu l-ħidmiet relatati mas-SEBĊ.

#### Projbizzjoni ta' approvazzjoni, sospensjoni, annullament jew differiment ta' deċiżjonijiet

Drittijiet ta' terzi persuni biex japprovaw, jissosspendu, jannullaw jew jiddifferixxu d-deċiżjonijiet tal-BĊNi huma inkompatibbli mat-Trattat u l-Istatut safejn għandhom x'jaqsmu l-ħidmiet relatati mas-SEBĊ.

#### Projbizzjoni li d-deċiżjonijiet jiġu ċċensurati minħabba raġunijiet legali

Id-dritt għal korpi minbarra qrati indipendenti biex jiċċensuraw, fuq bażi legali, deċiżjonijiet dwar it-twettiq ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ huwa inkompatibbli mat-Trattat u l-Istatut billi t-twettiq ta' dawn il-ħidmiet ma jistax jiġi vvalutat mill-ġdid fuq il-livell politiku. Id-dritt tal-Gvernatur biex jissospendi l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet adottati minn korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tas-SEBĊ jew tal-BĊN minħabba raġunijiet legali, u sussegwentament biex jibgħathom lill-korpi politiċi għal deċiżjoni finali, ikun jammonta

daqslikieku terzi persuni jintalbu jagħtu struzzjonijiet.

### Projbizzjoni ta' parteċipazzjoni f'korpi ta' BĊN responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet bi dritt tal-vot

Parteċipazzjoni minn rappreżentanti ta' terzi persuni f'korp responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' BĊN bi dritt tal-vot dwar kwistjonijiet li jittrattaw l-eżerċizzju mill-BĊN tal-ħidmiet relatati mas-SEBĊ, anke jekk dan il-vot ma jkunx deċisiv, huwa inkompatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

### Projbizzjoni ta' konsultazzjoni *ex ante* fir-rigward ta' deċiżjoni ta' BĊN

Obbligu statutorju espliċitu biex BĊN jikkonsulta *ex ante* terzi persuni jipprovdi lil dawn ta' l-aħħar b'mekkaniżmu formali biex jinfluwenzaw id-deċiżjoni finali, u huwa għalhekk inkompatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

Madankollu, id-djalogu bejn BĊNi u terzi persuni, anke meta ibbażat fuq obbligi statutorji biex jipprovdu informazzjoni u jiskambjaw fehmiet, huwa kumpatibbli ma' l-indipendenza tal-bank ċentrali bil-kundizzjoni li:

- dan ma jirriżultax f'interferenza ma' l-indipendenza tal-membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN;

- l-istatus speċjali tal-Gvernaturi fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE huwa rrispettat bis-sħiħ; u

- jiġu osservati l-obbligi ta' kunfidenzjalità li jirriżultaw mill-Istatut.

### Twettiq ta' dmirijiet ta' membri tal-korpi ta' BĊN responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet

Dispożizzjonijiet statutorji fir-rigward tat-twettiq ipprovdut minn terzi persuni (e.ż. gvernijiet) fir-rigward tad-dmirijiet tal-membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN (e.ż. fir-rigward tal-kontijiet), għandhom jinkludu salvagwardji adegwati sabiex din is-setgħa ma tolqotx il-kapaċità tal-BĊN membru individwali indipendentament biex jadotta deċiżjonijiet fir-rigward ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ (jew biex jimplimenta deċiżjonijiet adottati fuq livell tas-SEBĊ). Għal dan l-effett hija rrikkmandata dispożizzjoni espliċita fl-istatuti tal-BĊN.

## INDIPENDENZA PERSONALI

Id-dispożizzjoni ta' l-Istatut dwar il-garanzija tal-kariga tal-membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊNi tkompli tissalvagwarda l-indipendenza tal-bank ċentrali. Il-Gvernaturi huma membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. L-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut jipprovdi li l-istatuti tal-BĊN għandhom, b'mod partikolari, jipprovdu għal perijodu minimu ta' kariga ta' ħames snin għall-Gvernatur. Jipproteġi wkoll kontra t-tkeċċija arbitrarja tal-Gvernaturi, billi jipprovdi li l-Gvernaturi jistgħu jitneħħew mill-kariga biss jekk ma jissodisfawx aktar il-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom jew jekk ikunu ħatja ta' mġiba ħażina serja, bil-possibbilta` ta' rikors lejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. L-istatuti tal-BĊN għandhom jikkonformaw ma' din id-dispożizzjoni kif imsemmi hawn taħt.

### Perijodu minimu ta' kariga għall-gvernaturi

L-istatuti tal-BĊN għandhom, skond l-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut, jinkludu perijodu minimu ta' kariga ta' ħames snin għall-Gvernatur. Dan ma jipprekludix perijodi itwal ta' kariga, filwaqt li perijodu ta' kariga indefinit ma jeħtieġx adattament ta' l-istatuti sakemm ir-raġunijiet għat-tkeċċija tal-Gvernatur ikunu konformi ma' dawk ta' l-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut. Meta l-istatuti tal-BĊN jiġu emendati, il-liġi li temenda għandha tissalvagwarda l-garanzija tal-kariga tal-Gvernatur u ta' membri oħra tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet li jistgħu jkollhom jagħmluha minflok il-Gvernatur.

### Raġunijiet għat-tkeċċija tal-gvernaturi

L-istatuti tal-BĊN għandhom jiżguraw li l-Gvernaturi ma jistgħux jitkeċċew għal raġunijiet minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut. L-iskop ta' dan ir-rekwiżit

huwa biex l-awtoritajiet involuti fil-ħatra tal-Gvernaturi, partikolarment il-gvern jew il-parlament, jinżammu milli jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom biex ikeċċuhom minn Gvernatur. L-istatuti tal-BĊN għandhom jew jinkludu raġunijiet għat-tkeċċija li huma kumpatibbli ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut, jew jeskludu kull referenza għar-raġunijiet għat-tkeċċija (billi l-Artikolu 14.2 japplika direttament).

#### Garanzija tal-kariga u raġunijiet għat-tkeċċija tal-membri tal-korpi tal-BĊNi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet, minbarra l-gvernaturi, li huma involuti fit-twettiq ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ

L-indipendenza personali tiġi pperikolata jekk l-istess regoli għall-garanzija tal-kariga u r-raġunijiet għat-tkeċċija tal-Gvernaturi ma japplikawx ukoll għal membri oħra tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊNi involuti fit-twettiq tal-ħidmiet relatati mas-SEBĊ.[4] Dispożizzjonijiet varji tat-Trattat u ta' l-Istatut jeħtieġu garanzija tal-kariga paragunabbli. L-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut ma jillimitax il-garanzija tal-kariga għall-Gvernaturi, filwaqt li l-Artikolu 108 tat-Trattat u l-Artikolu 7 ta' l-Istatut jirreferu għal "membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet" tal-BĊNi, aktar milli speċifikament għall-Gvernaturi. Dan japplika b'mod partikolari meta l-Gvernatur huwa l-ewwel fost dawk indaqs bejn il-kollegi bi drittijiet ekwivalenti ta' votazzjoni jew fejn dawk il-membri l-oħra jkollhom jagħmluha minflok il-Gvernatur.

#### Dritt ta' stħarriġ ġudizzjarju

Il-membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊNi għandhom ikollhom id-dritt jissottomettu kwalunkwe deċiżjoni li jitkeċċew quddiem qorti indipendenti, sabiex jiġi llimitat il-potenzjal għal diskrezzjoni politika fil-valutazzjoni tar-raġunijiet għat-tkeċċija tagħhom.

L-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut jistipula li l-Gvernaturi tal-BĊN li jkunu tkeċċew mill-pożizzjoni tagħhom jistgħu jirreferu din id-deċiżjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha jew tirreferi għall-Istatut jew tibqa' siekta dwar id-dritt biex tirreferi d-deċiżjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropew (billi l-Artikolu14.2 ta' l-Istatut japplika direttament).

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprovdi wkoll għad-dritt ta' stħarriġ ġudizzjarju mill-qrati nazzjonali ta' deċiżjoni biex jitkeċċa kwalunkwe membru ieħor tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN involuti fit-twettiq tal-ħidmiet relatati mas-SEBĊ. Dan id-dritt jista' jkun kwistjoni ta' liġi ġenerali jew jista' jieħu l-forma ta' dispożizzjoni speċifika. Anke jekk jista' jingħad li dan id-dritt jinsab fil-liġi ġenerali, għal raġunijiet ta' ċertezza legali jkun għaqli li jiġi nkluż speċifikament dan id-dritt ta' stħarriġ ġudizzjarju.

#### Salvagwardji kontra kunflitt ta' interess

L-indipendenza personali tfisser ukoll li jiġi żgurat li l-ebda kunflitt ta' interess ma jqum bejn id-dmirijiet tal-membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN fir-rigward tal-BĊNi rispettivi tagħhom (u wkoll tal-Gvernaturi fir-rigward tal-BĊE) u kwalunkwe funzjoni oħra li dawk il-membri tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet involuti fit-twettiq tal-ħidmiet relatati mas-SEBĊ jista' jkollhom u li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza personali tagħhom. Bħala prinċipju, is-sħubija ta' xi korp responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet involut fit-twettiq ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ hija inkumpatibbli ma' l-eżerċizzju ta' funzjonijiet

4 Ara l-paragrafu 8 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2004/35 ta' l-4 ta' Novembru 2004 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Ungeriż dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi dwar il-Magyar Nemzeti Bank; il-paragrafu 8 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2005/26 ta' l-4 t'Awwissu 2005 fuq it-talba tan-Národná banka Slovenska dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att Nru 566/1992 Coll. dwar in-Národná banka Slovenska, kif emendat, u dwar emendi ta' ċerti liġijiet; il-paragrafu 3.3 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2006/44 tal-25 t'Awwissu 2006 fuq it-talba tal-Banca d'Italia dwar l-Istatut emendat tal-Banca d'Italia; il-paragrafu 2.6 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2006/32 tat-22 ta' Ġunju 2006 fuq it-talba tas-Senat Franċiż dwar abbozz ta' liġi tal-Banque de France; u l-paragrafi 2.3 u 2.4 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2007/6 tas-7 ta' Marzu 2007 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Ġermaniż dwar abbozz tat-Tmien Liġi li temenda l-Liġi dwar id-Deutsche Bundesbank.

oħra li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess. B'mod partikolari, il-membri ta' dawn il-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ma jistax ikollhom kariga jew interess li jistgħu jinfluwenzaw l-attivitajiet tagħhom, kemm jekk permezz ta' uffiċju fil-fergħat eżekuttivi jew leġiżlattivi ta' l-istat jew fl-amministrazzjonijiet reġjunali jew lokali, jew permezz ta' involviment f'organizzazzjoni ta' negozju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu evitati kunflitti ta' interess potenzjali min-naħa ta' membri mhux eżekuttivi f'korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet.

## INDIPENDENZA FINANZJARJA

Anke jekk BĊN huwa indipendenti għal kollox mil-lat funzjonali, istituzzjonali u personali (i.e. din hija ggarantita bl-istatuti tal-BĊN) l-indipendenza globali tiegħu tkun ipperikolata jekk ma jkunx jista' jirrikorri b'mod awtonomu għal riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex iwettaq il-mandat tiegħu (i.e. biex iwettaq il-ħidmiet relatati mas-SEBĊ mitluba minnu skond it-Trattat u l-Istatut).

L-Istati Membri ma jistgħux iqiegħdu lill-BĊNi tagħhom f'pożizzjoni fejn ma jkollhomx riżorsi finanzjarji biżżejjed biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom relatati mas-SEBĊ jew ma' l-Eurosistema, skond il-każ. Għandu jkun innutat li l-Artikoli 28.1 u 30.4 ta' l-Istatut jipprovdu għal possibbiltà ta' aktar sejħiet fuq il-BĊNi biex jagħmlu kontribuzzjonijiet lill-kapital tal-BĊE u biex jagħmlu aktar trasferimenti ta' riżervi barranin.[5] Barra minn dan, l-Artikolu 33.2 ta' l-Istatut jipprovdi[6] li fil-każ ta' xi telf soffrut mill-BĊE li ma jistax jiġi paċut kollu kontra l-fond ta' riżerva ġenerali, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeciedi li jpaċi t-telf li jifdal kontra d-dħul monetarju tas-sena finanzjarja rilevanti fi proporzjon u sa l-ammonti allokati lill-BĊNi. Il-prinċipju ta' l-indipendenza finanzjarja jeħtieġ li l-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet tħalli lill-BĊN fil-pożizzjoni li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu bla tfixkil.

Barra minn dan, il-prinċipju ta' l-indipendenza finanzjarja jimplika li BĊN għandu jkollu mezzi suffiċjenti mhux biss biex iwettaq ħidmiet relatati mas-SEBĊ imma wkoll il-ħidmiet nazzjonali tiegħu nnifsu (e.ż. li jiffinanzja l-amministrazzjoni u l-operat tiegħu nnifsu).

Il-kunċett ta' l-indipendenza finanzjarja għandu għalhekk ikun eżaminat mill-perspettiva ta' jekk kwalunkwe terza persuna hijiex kapaċi teżerċita influwenza diretta jew indiretta mhux biss fuq il-ħidmiet ta' xi BĊN, imma wkoll fuq l-abbiltà (imfissra kemm b'mod operattiv f'termini ta' riżorsi ta' impjegati, u finanzjarji f'termini ta' riżorsi finanzjarji xierqa) biex iwettaq il-mandat tieħu. L-erba' aspetti ta' l-indipendenza finanzjarja stabbiliti hawn isfel huma rilevanti b'mod partikolari f'dan ir-rispett, u xi wħud ġew ppreċiżati pjuttost riċenti.[7] Dawn huma l-karatteristiċi ta' l-indipendenza finanzjarja fejn il-BĊNi huma l-aktar vulnerabbli għal influwenza barranija.

### Determinazzjoni ta' l-estimi

Jekk xi terza persuna jkollha s-setgħa biex tiddetermina jew tinfluwenza l-estimi tal-BĊN, dan huwa inkompatibbli ma' l-indipendenza finanzjarja sakemm il-liġi ma tipprovdix klawsola ta' salvagwarda bl-effett li dik is-

5 L-Artikolu 30.4 ta' l-Istatut japplika biss ġewwa l-Eurosistema.
6 L-Artikolu 33.2 ta' l-Istatut japplika biss ġewwa l-Eurosistema.
7 L-Opinjonijiet prinċipali formattivi tal-BĊE f'dan il-qasam huma li ġejja:
– CON/2002/16 tal-5 ta' Ġunju 2002 fuq it-talba tad-Dipartiment tal-Finanzi Irlandiż dwar Abbozz tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland, 2002;
– CON/2003/22 tal-15 t'Ottubru 2003 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Finlandiż dwar abbozz ta' proposta tal-gvern biex jiġi emendat l-Att tas-Suomen Pankki u atti oħra relatati;
– CON/2003/27 tat-2 ta' Diċembru 2003 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Federali Awstrijakk dwar abbozz ta' liġi Federali dwar il-Fondazzjoni Nazzjonali għar-Riċerka, it-Teknoloġija u l-Iżvilupp; u
– CON/2004/1 ta' l-20 ta' Jannar 2004 fuq it-talba tal-Kumitat Ekonomiku tal-Parlament Finlandiż dwar abbozz ta' proposta tal-gvern biex jiġi emendat l-Att tas-Suomen Pankki u atti oħra relatati;
– CON/2006/38 tal-25 ta' Lulju 2006 fuq it-talba tal-Bank of Greece dwar abbozz ta' dispożizzjoni dwar is-setgħat tal-Bank of Greece fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur;
– CON/2006/47 tat-13 ta' Settembru 2006 fuq it-talba tal-Ministeru Ċek ta' l-Industrija u l-Kummerċ dwar emenda tal-Liġi dwar iċ-Česká národní banka;
– CON/2007/8 tal-21 ta' Marzu 2007 fuq it-talba tal-Ministeru Ċek ta' l-Industrija u l-Kummerċ dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur dwar iċ-Česká národní banka.

setgħa hija mingħajr preġudizzju għal mezzi finanzjarji neċessarji biex jitwettqu l-ħidmiet relatati mas-SEBĊ tal-BĊN.

**Ir-regoli tal-kontabilità**

Il-kontijiet għandhom jitħejjew skond regoli ġenerali ta' kontabilità jew skond ir-regoli speċifikati mill-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' BĊN. Jekk dawn ir-regoli huma minflok speċifikati minn terzi persuni, allura r-regoli għandhom ta' lanqas iqisu dak li kien ġie propost mill-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN.

Il-kontijiet annwali għandhom ikunu adottati mill-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN, assistiti minn akkawntants indipendenti, u jistgħu jkunu suġġetti għal approvazzjoni *ex post* minn terzi persuni (e.ż. gvern, parlament). Fir-rigward tal-profitti, il-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu dwar il-kalkulazzjoni tagħhom indipendentement u professjonalment.

Fejn l-operat tal-BĊN ikun suġġett għall-kuntroll ta' uffiċju ta' verifika ta' l-istat jew korp simili inkarigat bil-kuntroll ta' l-użu tal-finanzi pubbliċi, l-iskop tal-kuntroll għandu jkun iddefinit b'mod ċar fil-qafas legali u għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet ta' l-awdituri esterni indipendenti tal-BĊN, kif sabbilit fl-Artikolu 27.1 ta' l-Istatut. Il-verifika ta' l-istat għandha ssir fuq bażi professjonali, indipendenti u bla politika.

**Distribuzzjoni tal-profitti, il-kapital tal-BĊNi u dispożizzjonijiet finanzjarji**

Fir-rigward ta' l-allokazzjoni tal-profitt, l-istatuti tal-BĊN jistgħu jistabbilixxu kif il-profitti għandhom ikunu allokati. Fin-nuqqas ta' dawn id-dispożizzjonijiet, id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-profitti għandha tittieħed mill-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN fuq raġunijiet professjonali, u m'għandhiex tkun suġġetta għad-diskrezzjoni ta' terzi persuni sakemm ma jkunx hemm klawsola ta' salvagwarda espliċita li tgħid li dan huwa mingħajr preġudizzju għall-mezzi finanzjarji neċessarji biex jitwettqu l-ħidmiet relatati mas-SEBĊ tal-BĊN.

Stat Membru ma jistax jimponi tnaqqis ta' kapital fuq BĊN mingħajr il-kunsens *ex ante* tal-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊN, li jaħseb li jiżgura li jkollu mezzi finanzjarji biżżejjed biex iwettaq il-mandat tiegħu skond l-Artikolu 105(2) tat-Trattat u l-Istatut bħala membru tas-SEBĊ. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet finanzjarji jew riżervi, il-BĊN għandu jkun ħieles indipendentement biex joħloq dispożizzjonijiet finanzjarji biex jissalvagwarda l-valur reali tal-kapital u l-attiv tiegħu.

**Responsabbiltà finanzjarja ta' l-awtoritajiet regolatorji**

Xi Stati Membri jpoġġu lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji tagħhom ġewwa l-BĊN tagħhom. Dan ma joħloq l-ebda problema jekk dawn l-awtoritajiet huma suġġetti għal proċess indipendenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊN. Madankollu, jekk il-liġi tipprovdi li dawn l-awtoritajiet regolatorji jkollhom proċess separat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, huwa importanti li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet adottati minnhom ma jipperikolawx il-finanzi tal-BĊN b'mod globali. F'dawn il-każijiet, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tagħti lill-BĊNi l-kuntroll aħħari fuq kwalunkwe deċiżjoni mill-awtoritajiet superviżorji li tista' taffettwa l-indipendenza tal-BĊN, b'mod partikolari l-indipendenza finanzjarja tiegħu.

### 2.2.3.2 KUNFIDENZJALITÀ

L-obbligu tas-segretezza professjonali għall-istaff tal-BĊE u l-BĊN skond l-Artikolu 38 ta' l-Istatut jista' jagħti lok għal dispożizzjonijiet simili fl-istatuti tal-BĊN jew fil-leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru. Il-primat tad-dritt Komunitarju u r-regoli adottati taħtu jimplikaw ukoll li l-liġijiet nazzjonali dwar l-aċċess ta' terzi persuni għal dokumenti ma jistax iwassal għal ksur tar-reġim ta' kunfidenzjalità tas-SEBĊ.

### 2.2.4 PROJBIZZJONI TA' L-IFFINANZJAR MONETARJU U L-AĊĊESS PRIVILEĠĠAT

#### 2.2.4.1 PROJBIZZJONI TA' L-IFFINANZJAR MONETARJU

Il-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju hija stabbilita fl-Artikolu 101(1) tat-Trattat, li jipprojbixxi faċilitajiet ta' owverdraft jew kwalunkwe tip ieħor ta' faċilita` ta' kreditu mal-BĊE jew il-BĊNi ta' l-Istati Membri favur l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Komunità, gvernijiet ċentrali, reġjonali, lokali jew awtoritajiet pubbliċi oħra, korpi oħra ggvernati mil-liġi pubblika, jew impriżi pubbliċi ta' l-Istati Membri; u x-xiri dirett mingħand dawn l-entitajiet tas-settur pubbliku mill-BĊE jew il-BĊNi ta' strumenti ta' debitu. It-Trattat jinkudi eżenzjoni waħda mill-projbizzjoni: ma tapplikax għal istituzzjonijiet ta' kreditu li huma pubbliċi, li fil-kuntest ta' l-għoti ta' riżervi mill-banek ċentrali, dawn għandhom jingħataw l-istess trattament bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu privati (l-Artikolu 101(2) tat-Trattat). Barra minn dan, il-BĊE u l-BĊNi jistgħu jaġixxu bħala aġenti fiskali għall-korpi tas-settur pubbliku msemmija hawn fuq (l-Artikolu 21.2 ta' l-Istatut). L-iskop preċiż ta' l-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju huwa ċċarat aktar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93 tat-13 ta' Diċembru 1993 li jispeċifika d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 104 u 104b(1) tat-Trattat[8] (issa l-Artikoli 101 u 103(1)), li jagħmel ċar li l-projbizzjoni tinkludi kwalunkwe ffinanzjar ta' l-obbligi tas-settur pubbliku fil-konfront ta' terzi persuni.

Il-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju hija ta' importanza essenzjali biex tiżgura li l-għan primarju tal-politika monetarja (jiġifieri li tinżamm l-istabbiltà fil-prezzijiet) ma jiġix imfixkel. Barra minn dan, l-iffinanzjar mill-bank ċentrali tas-settur pubbliku jnaqqas il-pressjoni għad-dixxiplina fiskali. Għalhekk il-projbizzjoni għandha tkun interpretata b'mod estensiv sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni stretta, suġġetta biss għal ċerti eżenzjonijiet illimitati misjuba fl-Artikolu 101(2) tat-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 3603/93. Il-pożizzjoni ġenerali tal-BĊE fir-rigward tal-kumpatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-projbizzjoni ġiet primarjament żviluppata fi ħdan il-qafas ta' konsultazzjonijiet tal-BĊE mill-Istati Membri dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali skond l-Artikolu 105(4) tat-Trattat.[9]

8 ĠU L 332, 31.12.1993, p. 1.

9 Xi opinjonijiet formattivi ta' l-IME/BĊE f'dan il-qasam huma li ġejja:
– CON/95/8 ta' l-10 ta' Mejju 1995 dwar il-konsultazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi Svediż skond l-Artikolu 109(f)(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea ("it-Trattat") u l-Artikolu 5.3 ta' l-Istatut ta' l-IME ("l-Istatut"); dwar abbozz ta' liġi tal-gvern li jintroduċi l-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju ("l-abbozz");
– CON/97/16 tas-27 t'Awwissu, 1997, dwar konsultazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi Federali Awstrijakk skond l-Artikolu 109(f)(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("it-Trattat") u l-Artikolu 5.3 ta' l-Istatut ta' l-IME kif elaborat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 1993 (93/717/KE) (id-"Deċiżjoni") dwar abbozz ta' Att Federali dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Awstrija fil-Ftehim il-Ġdid biex tissellef mal-Fond Monetarju Internazzjonali;
– CON/2001/32 tal-11 t'Ottubru 2001 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Portugiż dwar abbozz ta' digriet ta' liġi li jemenda l-qafas legali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kumpaniji finanzjarji;
– CON/2003/27 tat-2 ta' Diċembru 2003 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Federali Awstrijakk dwar abbozz ta' Liġi Federali dwar il-Fondazzjoni Nazzjonali għar-Riċerka, it-Teknoloġija u l-Iżvilupp;
– CON/2005/1 tat-3 ta' Frar 2005 fuq it-talba tal-Ministeru Taljan ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzi dwar abbozz ta' liġi li jemenda id-Digriet ta' Liġi Nru 7 tal-25 ta' Jannar, 1999, kif mibdul bil-Liġi Nru 74 tal-25 ta' Marzu 1999 dwar dispożizzjonijiet urġenti fir-rigward tal-parteċipazzjoni Taljana fl-intervenzjonijiet tal-Fond Monetarju Internazzjonali biex jikkonfronta kriżijiet finanzjarji severi tal-pajjiżi membri tiegħu;
– CON/2005/24 tal-15 ta' Lulju 2005 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Ċeka dwar abbozz ta' liġi dwar l-integrazzjoni tar-regolaturi tas-suq finanzjarju;
– CON/2005/29 tal-11 t'Awwissu 2005 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Federali Awstrijakk dwar abbozz ta' Liġi Federali dwar il-ħlas ta' kontribuzzjoni mill-Awstrija ġo *trust fund* amministrat mill-Fond Monetarju Internazzjonali għal pajjiżi li qed jiżviluppaw bi dħul baxx affettwati minn diżastri naturali;
– CON/2005/50 ta' l-1 ta' Diċembru 2005 fuq it-talba tan-Národná banka Slovenska dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att Nru 118/1996 Coll. dwar il-protezzjoni ta' depożiti tal-banek u dwar l-emendi ta' ċerti liġijiet, kif emendati l-aħħar; u
– CON/2005/60 tat-30 ta' Diċembru 2005 fuq it-talba tal-Lietuvos bankas dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar il-Lietuvos bankas;
– CON/2006/4 tas-27 ta' Jannar 2006 fuq it-talba tas-Central Bank of Cyprus dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġijiet tas-Central Bank of Cyprus ta' l-2002 u l-2003;
– CON/2006/15 tad-9 ta' Marzu 2006 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Pollakk dwar abbozz ta' liġi dwar is-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji;
– CON/2006/17 tat-13 ta' Marzu 2006 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Sloven dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi dwar il-Banka Slovenije;
– CON/2006/23 tat-22 ta' Mejju 2006 fuq it-talba tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; u
– CON/2006/58 tal-15 ta' Diċembru 2006 fuq it-talba tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar emendi ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

### LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI LI TITTRASPONI L-PROJBIZZJONI TA' L-IFFINANZJAR MONETARJU

B'mod ġenerali, it-traspożizzjoni ta' l-Artikolu 101 tat-Trattat, miżjud bir-Regolament (KE) Nru 3603/93, f'liġi nazzjonali m'hijiex meħtieġa billi t-tnejn li huma japplikaw direttament. Jekk, madankollu, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali jirriflettu dawn id-dispożizzjonijiet tal-Komunità li japplikaw direttament, dawn ma jistgħux idejqu l-iskop ta' l-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju jew jestendu l-eżenzjonijiet disponibbli taħt id-dritt Komunitarju. Per eżempju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-iffinanzjar mill-BĊNi ta' l-obbligazzjonijiet finanzjarji ta' xi Stat Membru lejn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (minbarra l-IMF, kif ipprovdut fir-Regolament (KE) Nru 3603/93) jew lejn terzi pajjiżi huwa inkumpatibbli mal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

### L-IFFINANZJAR TAS-SETTUR PUBBLIKU JEW TA' L-OBBLIGI TAS-SETTUR PUBBLIKU LEJN TERZI PERSUNI

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax titlob lil BĊN jiffinanzja jew it-twettiq tal-funzjonijiet minn korpi oħra tas-settur pubbliku jew l-obbligi tas-settur pubbliku fil-konfront ta' terzi persuni. Per eżempju, liġijiet nazzjonali li jawtorizzaw jew li jitolbu BĊN biex jiffinanzja korpi ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji li huma indipendenti mill-BĊN u li joperaw bħala estensjoni ta' l-istat, huma inkumpatibbli mal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

### ASSUNZJONI TA' PASSIV TAS-SETTUR PUBBLIKU

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ BĊN jassumi l-passiv ta' korp pubbliku li qabel kien indipendenti b'riżultat ta' rijorganizzazzjoni nazzjonali ta' ċerti ħidmiet u dmirijiet (per eżempju, fil-kuntest ta' trasferiment lill-BĊN ta' ċerti ħidmiet superviżorji li qabel kienu mwettqa mill-istat jew awtoritajiet pubbliċi indipendenti jew korpi) mingħajr ma tiżola lill-BĊN mill-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' qabel ta' dawn il-korpi pubbliċi li qabel kienu indipendenti, hija inkumpatibbli mal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

### GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAL ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U/JEW FINANZJARJI

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-iffinanzjar ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu minn BĊNi ħlief għal dawk l-attivitajiet marbutin mal-ħidmiet tal-bank ċentrali (bħal politika monetarja, sistemi ta' ħlas jew operazzjonijiet ta' għajnuna ta' likwidità temporanja), b'mod partikolari biex jiġu megħjuna istituzzjonijiet ta' kreditu u/jew finanzjarji insolventi oħra, hija inkumpatibbli mal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

### GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAL SKEMI TA' ASSIGURAZZJONI TA' DEPOŻITU U TA' KUMPENS GĦALL-INVESTITUR

Id-Direttiva ta' l-Iskemi ta' Garanzija ta' Depożitu[10] u d-Direttiva ta' l-Iskemi tà Kumpens għall-Investitur[11] jipprovdu li l-ispejjeż ta' l-iffinanzjar ta' skemi ta' garanzija ta' depożitu u skemi ta' kumpens għall-investitur għandhom jitħallsu, rispettivament, mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment innifishom. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-iffinanzjar minn BĊNi ta' xi skema nazzjonali ta' assigurazzjoni ta' depożitu tas-settur pubbliku għal istituzzjonijiet ta' kreditu, jew ta' xi skema nazzjonali ta' kumpens għall-investitur għal ditti ta' investiment, ma tkunx kumpatibbli mal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju, jekk mhux għal żmien qasir, ma tindirizzax sitwazzjonijiet urġenti, ma jiġux ipperikolati aspetti ta' stabbiltà sistemika, u d-deċiżjonijiet ma jibqgħux fid-diskrezzjoni tal-BĊN.

### 2.2.4.2 PROJBIZZJONI TA' L-AĊĊESS PRIVILEĠĠAT

BĊNi ma jistgħux, bħala awtoritajiet pubbliċi, jieħdu miżuri li jagħtu aċċess privileġġat mis-settur pubbliku lil istituzzjonijiet finanzjarji jekk dawn il-miżuri mhumiex ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet prudenti. Barra minn dan, ir-regoli dwar il-mobilizzazzjoni jew

10 Premessa 23 mad-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar l-iskemi ta' garanzija ta' depożitu (ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5).
11 Premessa 23 mad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar l-iskemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22).

l-ippleġġjar ta' strumenti ta' debitu ppromulgati mill-BĊNi m'għandhomx jintużaw bħala mezz ta' evażjoni tal-projbizzjoni ta' l-aċċess privileġġat.[12] Il-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam ma tistax tistabbilixxi dan l-aċċess privileġġat.

Dan ir-rapport jiffoka fuq il-kumpatibbiltà ta' kemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata mill-BĊNi kif ukoll ta' l-istatuti tal-BĊN mal-projbizzjoni tat-Trattat dwar l-aċċess privileġġat. Madankollu, dan ir-rapport huwa mingħajr preġudizzju għal valutazzjoni ta' jekk il-liġijiet, ir-regolamenti jew l-atti amministrattivi fl-Istati Membri jintużawx taħt l-umbrella ta' kunsiderazzjonijiet prudenti bħala mezz ta' evażjoni tal-projbizzjoni ta' l-aċċess privileġġat. Din it-tip ta' valutazzjoni ma taqax fi ħdan l-iskop ta' dan ir-rapport.

### 2.2.5 ORTOGRAFIJA WAĦDA GĦALL-EURO

L-euro huwa l-munita unika ta' l-Istati Membri li adottawh. Biex din l-uniċità tkun evidenti, id-dritt Komunitarju jitlob ortografija waħda għall-kelma "euro" fin-nominattiv singular fid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kollha nazzjonali u tal-Komunita`, wara li titqies l-eżistenza ta' alfabeti differenti.

Fil-laqgħa tiegħu f'Madrid fil-15 u s-16 ta' Diċembru, 1995, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li "l-isem mogħti lill-munita Ewropea għandu jkun l-Euro", li "l-isem … għandu jkun l-istess fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, wara li titqies l-eżistenza ta' alfabeti differenti" u li "l-isem speċifiku Euro għandu jintuża minflok it-terminu ġeneriku 'ECU' użat mit-Trattat biex jirriferi għall-unità tal-munita Ewropea". Finalment, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li: "Il-Gvernijiet tal-ħmistax Stat Membru laħqu l-ftehim komuni li din id-deċiżjoni hija l-interpretazzjoni miftiehma u definittiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat." Dan il-ftehim ċar u definittiv mill-kapijiet ta' stat u gvern ta' l-Istati Membri ġie kkonfermat fl-atti legali kollha tal-Komunità li jirreferu għall-euro, li dejjem jużaw ortografija waħda fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità.

Ta' importanza partikolari huwa l-fatt li fid-dritt monetarju tal-Komunità[13] inżammet l-ortografija waħda ta' l-euro kif miftiehma mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill riċenti (KE) Nru 2169/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro[14] jikkonferma l-ortografija korretta tal-munita unika. L-ewwel, ir-Regolament (KE) Nru 974/98 igħid fil-verżjonijiet kollha ta' l-lingwi li "l-isem mogħti lill-munita Ewropea għandu jkun l-'euro'". It-tieni, il-verżjonijiet kollha tal-lingwi tar-Regolament (KE) Nru 2169/2005 jirreferu għall-"euro".

Fl-2003 l-Istati Membri kollha rratifikaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill, li ltaqa' fil-kompożizzjoni ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern, tal-21 ta' Marzu, 2003, li temenda l-Artikolu 10.2 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew[15], fejn, għal darba oħra, din id-darba f'att legali li jappartieni għal-liġi primarja, l-isem tal-munita unika jinkiteb b'mod identiku fil-verżjonijiet kollha tal-lingwi.

Il-pożizzjoni ċara u definittiva ta' l-Istati Membri torbot ukoll lil dawk l-Istati Membri b'deroga. L-Artikolu 5(3) ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni jistipula li "l-Istati l-Membri l-ġodda huma fl-istess sitwazzjoni bħall-Istati Membri preżenti fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet jew riżoluzzjonijiet ta', jew pożizzjonijiet oħra meħudin mill-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill u fir-rigward ta' dawk

12 Ara l-Artikolu 3(2) ta' u premessa 10 mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3604/93 tat-13 ta' Diċembru 1993 li jispeċifika d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' l-aċċess privileġġat imsemmi fl-Artikolu 104a (issa l-Artikolu 102) tat-Trattat (ĠU L 332, 31.12.1993, p. 4).

13 Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti dispożizzjonijiet dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 162, 19.6.1997, p. 1), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 tal-31 ta' Diċembru 1998 dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn il-euro u l-valuti ta' l-Istati Membri li jadottaw l-euro (ĠU L 359, 31.12.1998, p. 1), it-tlieta li huma ġew emendati fl-2000 għall-introduzzjoni tal-euro fil-Greċja; ara wkoll l-atti legali adottati mill-Komunita` dwar il-muniti euro fl-1998 u fl- 1999.

14 ĠU L 346, 29.12.2005, p. 1.

15 ĠU L 83, 1.4.2003, p. 66.

li jittrattaw il-Komunità jew l-Unjoni adottati bi qbil komuni ta' l-Istati Membri; għandhom josservaw il-prinċipji u l-linji ta' gwida li joħorġu minn dawk id-dikjarazzjonijiet, riżoluzzjonijiet jew pożizzjonijiet oħra, u għandhom jieħdu dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom".

Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u minħabba l-kompetenza esklussiva tal-Komunità biex tiddetermina l-isem tal-munita unika, kwalunkwe devjazzjoni minn din ir-regola hija inkumpatibbli mat-Trattat u għandha tiġi eliminata. Filwaqt li dan il-prinċipju japplika għat-tipi kollha ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, il-valutazzjoni fil-kapitoli dwar il-pajjiż tiffoka fuq l-istatuti tal-BĊN u l-liġijiet dwar il-bidla għall-euro.

### 2.2.6 INTEGRAZZJONI LEGALI TAL-BĊNi FL-EUROSISTEMA

Dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali (b'mod partikolari l-istatuti tal-BĊN, imma wkoll leġiżlazzjoni oħra) li jżommu milli jitwettqu ħidmiet relatati ma' l-Eurosistema jew il-konformità mad-deċiżjonijiet tal-BĊE huma inkumpatibbli ma' l-operat effettiv ta' l-Eurosistema ladarba l-Istati Membri ikkonċernati adottaw l-euro. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun adattata biex tiżgura l-kumpatibbiltà mat-Trattat u l-Istatut fir-rigward ta' ħidmiet relatati ma' l-Eurosistema. Biex tkun konformi ma' l-Artikolu 109 tat-Trattat, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha tiġi aġġustata biex tiġi żgurata l-kumpatibbiltà tagħha sad-data ta' l-istabbilment tas-SEBĊ (fir-rigward ta' l-Isvezja) u sa l-1 ta' Mejju, 2004, (fir-rigward ta' l-Istati Membri li ssieħbu l-UE f'dik id-data). Madankollu, l-obbligi statutorji li għandhom x'jaqsmu ma' l-integrazzjoni legali sħiħa ta' BĊN fl-Eurosistema għandhom jidħlu fis-seħħ biss fil-mument li l-integrazzjoni sħiħa ssir effettiva, i.e. id-data li fiha l-Istati Membri b'deroga jadottaw l-euro.

L-oqsma prinċipali eżaminati f'dan ir-rapport huma dawk li fihom dispożizzjonijiet statutorji li jistgħu jfixklu l-konformità ta' BĊN ma' l-obbligi ta' l-Eurosistema. Dawn jinkludu dispożizzjonijiet li jistgħu jżommu lill-BĊN milli jieħu sehem fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija, kif iddefinita mill-korpi tal-BĊE responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet, jew li jfixklu Gvernatur milli jwettaq l-obbligi tiegħu bħala membru tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jew li ma jirrispettawx il-prerogattivi tal-BĊE. Issir distinzjoni bejn li ġejjin: għanijiet tal-politika ekonomika; ħidmiet; dispożizzjonijiet finanzjarji; politika tar-rata tal-kambju; u kooperazzjoni internazzjonali. Finalment, jissemmew oqsma oħra fejn l-istatuti ta' BĊN jistgħu jkollhom bżonn jiġu adattati.

#### 2.2.6.1 GĦANIJIET TAL-POLITIKA EKONOMIKA

L-integrazzjoni sħiħa ta' BĊN fl-Eurosistema teħtieġ li l-għanijiet statutorji jkunu kumpatibbli ma' l-għanijiet tas-SEBĊ, kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' l-Istatut. Dan ifisser, fost l-oħrajn, li għanijiet statutorji b'"togħma nazzjonali" – per eżempju, fejn dispożizzjonijiet statutorji jirreferu għall-obbligu biex il-politika monetarja titwettaq fi ħdan il-qafas tal-politika ekonomika ġenerali ta' l-Istat Membru rispettiv – ikollhom bżonn jiġu adattati.

#### 2.2.6.2 ĦIDMIET

Il-ħidmiet ta' BĊN ta' Stat Membru li adotta l-euro huma iddeterminati l-aktar bit-Trattat u l-Istatut, meta wieħed iqis l-istatus ta' BĊN bħala parti integrali mill-Eurosistema. Sabiex jikkonformaw ma' l-Artikolu 109 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet dwar il-ħidmiet fl-istatuti tal-BĊN għandhom għalhekk jiġu mqabbla mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat u l-Istatut, u kwalunkwe inkumpatibbiltà għandha titneħħa.[16] Dan japplika għal kwalunkwe dispożizzjoni li, wara l-adozzjoni ta' l-euro u l-integrazzjoni fl-Eurosistema, tikkostitwixxi impediment għall-eżekuzzjoni ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ, u b'mod

16 Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 105 u 106 tat-Trattat u l-Artikoli 3 sa 6 u 16 ta' l-Istatut.

partikolari għal dispożizzjonijiet li ma jirrispettawx is-setgħat tas-SEBĊ skond il-Kapitolu IV ta' l-Istatut.

Kull dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali dwar il-politika monetarja għandha tirrikonoxxi li l-politika monetarja tal-Komunità hija ħidma li titwettaq permezz ta' l-Eurosistema.[17] L-istatuti tal-BĊN jistgħu jkollhom dispożizzjonijiet dwar l-istrumenti tal-politika monetarja. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mqabbla ma' dawk fit-Trattat u l-Istatut u kwalunkwe inkompatibbiltà għandha titneħħa, sabiex jikkonformaw ma' l-Artikolu 109 tat-Trattat.

Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jagħtu d-dritt esklussiv tal-ħruġ tal-karti tal-flus lill-BĊN, għandhom jirrikonoxxu li ladarba l-euro jiġi adottat, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu d-dritt esklussiv jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus euro, skond l-Artikolu 106(1) tat-Trattat u l-Artikolu 16 ta' l-Istatut. Dispożizzjonijiet nazzjonali leġiżlattivi li jħallu lill-gvernijiet jinfluwenzaw kwistjonijiet bħad-denominazzjonijiet, il-produzzjoni, il-volum u l-irtirar tal-karti tal-flus euro għandhom ukoll, skond kif ikun il-każ, jew jiġu rrevokati jew jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE fir-rigward tal-karti tal-flus euro, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Istatut hawn fuq imsemmija. Minkejja t-tqassim tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-muniti bejn il-gvernijiet u l-BĊNi, id-dispożizzjonijiet rilevanti għandhom jirrikonoxxu s-setgħa tal-BĊE biex japprova l-volum tal-ħruġ tal-muniti euro ladarba l-euro jiġi adottat.

Fir-rigward ta' l-immaniġġjar tar-riżervi barranin,[18] kull Stat Membru li adotta l-euro li ma jittrasferixxix r-riżervi barranin uffiċjali tiegħu[19] lill-BĊN tiegħu huwa fi ksur tat-Trattat. Barra minn dan, id-dritt ta' terza persuna – per eżempju, il-gvern jew il-parlament – biex tinfluwenza deċiżjonijiet tal-BĊN fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tar-riżervi barranin uffiċjali m'huwiex konsistenti mat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 105(2) tat-Trattat. Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE b'assi barranin ta' riżerva f'proporzjon ma' l-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE. Dan ifisser li m'għandu jkun hemm l-ebda ostakolu legali biex BĊNi jittrasferixxu assi barranin ta' riżerva lill-BĊE.

#### 2.2.6.3 DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Id-dispożizzjonijiet finanzjarji fl-Istatut ikopru regoli dwar kontijiet finanzjarji[20], verifika[21], sottoskrizzjoni tal-kapital[22], trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva[23] u allokazzjoni tad-dħul monetarju[24]. Il-BĊNi għandhom ikunu jistgħu jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom skond dawn id-dispożizzjonijiet u għalhekk kull dispożizzjoni inkumpatibbli għandha tiġi rrevokata.

#### 2.2.6.4 POLITIKA TAR-RATA TAL-KAMBJU

Stat Membru b'deroga jista' jżomm il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-gvern huwa responsabbli għall-politika tar-rata tal-kambju ta' dak l-Istat Membru, bi rwol konsultattiv u/jew eżekuttiv mogħti lill-BĊN. Madankollu, saż-żmien li l-Istat Membru jadotta l-euro, din il-leġiżlazzjoni għandha tirrifletti l-fatt li r-responsabbiltà għall-politika tar-rata tal-kambju taż-żona tal-euro tkun ġiet ittrasferita għal-livell tal-Komunità skond l-Artikolu 111 tat-Trattat. L-Artikolu 111 jassenja r-responsabbiltà għal din il-politika lill-Kunsill ta' l-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE.

#### 2.2.6.5 KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Għall-adozzjoni tal-euro, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun kumpatibbli ma' l-Artikolu 6.1 ta' l-Istatut, li jipprovdi li fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali li tinvolvi l-ħidmiet fdati lill-Eurosistema, ikun il-BĊE li jiddeċiedi kif is-SEBĊ tkun irrappreżentata. Barra minn dan, il-leġiżlazzjoni

17 L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 105(2) tat-Trattat.
18 It-tielet inċiż ta' l-Artikolu 105(2) tat-Trattat.
19 Bl-eċċezzjoni ta' bilanċi operattivi tal-kambju fi flus barranin, li l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jistgħu jżommu skond l-Artikolu 105(3) tat-Trattat.
20 L-Artikolu 26 ta' l-Istatut.
21 L-Artikolu 27 ta' l-Istatut.
22 L-Artikolu 28 ta' l-Istatut.
23 L-Artikolu 30 ta' l-Istatut.
24 L-Artikolu 32 ta' l-Istatut.

nazzjonali għandha tħalli lill-BĊN jipparteċipa f'istituzzjonijiet monetarji internazzjonali, bil-kundizzjoni li jkun hemm l-approvazzjoni tal-BĊE (l-Artikolu 6.2 ta' l-Istatut).

### 2.2.6.6 MIXXELLANJU

Barra mill-kwistjonijiet ta' hawn fuq, fil-każ ta' ċerti Stati Membri hemm oqsma oħra fejn dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom ikunu adattati (per eżempju fil-qasam ta' sistemi ta' kklerjar *(clearing)* u pagamenti, u l-iskambju ta' l-informazzjoni).

# 3 SOMMARJI TAL-PAJJIŻI

## 3.1 ĊIPRU

Tul il-perijodu ta' referenza, ir-rata medja ta' l-inflazzjoni HICP fuq 12-il xahar f'Ċipru, kienet ta' 2.0%, li hi ħafna iżjed baxxa mill-valur ta' referenza ta' 3.0% kif stipulat fit-Trattat. Skond l-aħħar informazzjoni, ir-rata medja ta' 12-il xahar ta' l-inflazzjoni HICP mistennija tonqos ftit fix-xhur li ġejjin.

Meta wieħed iħares lura fuq perijodu itwal, jara li l-inflazzjoni HICP f'Ċipru kienet ikkontrollata, u l-perijodi meta kien hemm inflazzjoni relattivament għolja ma kienux spissi. Bejn l-1997 u l-2006 kien hemm ċaqliq fir-rata ta' bejn 2% u 3%, iżda fl-2000 u fl-2003 din għoliet għal 4.9% u 4.0% rispettivament, l-aktar minħabba żidiet qawwija fil-prezzijiet ta' l-enerġija u ta' l-ikel, kif ukoll minħabba żidiet gradwali relatati ma' l-armonizzazzjoni ma' l-UE fis-sisa fuq l-enerġija u ż-żieda fir-rata tal-VAT minn 10% għal 15% fil-perijodu 2002-03. Il-mod kif imxiet l-inflazzjoni fit-tul jirrifletti għadd ta' deċiżjonijiet importanti, l-iżjed notevoli fosthom dik tat-tradizzjoni twila ta' sistemi ta' rata tal-kambju marbuta, li tmur lura għall-1960. Mill-1992 il-lira Ċiprijotta kienet marbuta ma' l-ECU u iżjed tard ma' l-euro, u fit-2 ta' Mejju 2005 Ċipru daħal fl-ERM II bil-faxxa standard taċ-ċaqliq ta' ±15%. Il-livelli relattivament ikkontrollati ta' l-inflazzjoni ġew sostnuti mil-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-prodotti u l-industriji tan-*networks*. B'kuntrast, meta tqis kollox, mill-1996 il-politika fiskali ma sostnietx għal kollox l-istabbiltà tal-prezzijiet, għalkemm is-sostenn kien iżjed qawwi f'dawn l-aħħar snin. Bejn l-1998 u l-2001, iż-żieda ġenerali relattivament ikkontrollata ta' l-inflazzjoni għandha titqies fuq sfond ta' tkabbir ekonomiku sod, li fil-biċċa l-kbira kien ta' madwar 5% f'termini reali. Dan immodera għal madwar 2% fl-2002 u l-2003 iżda reġa' għola għal kważi 4% fl-2004-06. Ir-rata tal-qgħad baqgħet relattivament baxxa, għalkemm għoliet xi ftit mill-2002 'l hawn, u s-suq tax-xogħol f'Ċipru hu relattivament flessibbli. Wara żidiet qawwija ħafna fil-pagi fl-2002 u l-2003, speċjalment fis-settur pubbliku, l-effetti minn żidiet fil-pagi naqsu b'mod sinifikanti fis-sentejn ta' wara, u dan wassal għal żidiet moderati fil-*unit labour cost*. Il-prezzijiet ta' dak li hu importat kienu kultant volatili, u żdiedu xi ftit mill-2003 'l hawn minħabba prezzijiet ogħla taż-żejt. Meta wieħed iħares lejn l-iżviluppi reċenti, jara li l-inflazzjoni HICP żdiedet ftit ftit fil-bidu ta' l-2006, u laħqet 2.7% f'Awwissu qabel ma naqqset ir-ritmu għal 1.4% f'Marzu 2007 bis-saħħa tal-prezzijiet ta' l-enerġija li naqsu xi ftit.

Meta wieħed iħares 'l quddiem, jara li l-aħħar previżjonijiet dwar l-inflazzjoni minn istituzzjonijiet ewlenin internazzjonali jvarjaw bejn 1.3% u 2.1% għall-2007 u bejn 1.9% u 2.1% għall-2008. L-istimi juru li jista' jkun hemm riskji għal żieda fl-inflazzjoni, li ġejjin minn miż-żieda ppjanata fir-rata l-iżjed baxxa tal-VAT fuq ċerti prodotti u servizzi bħala parti mill-proċess ta' armonizzazzjoni ma' l-UE, li mistennija żżid madwar punt perċentwali fl-inflazzjoni, minħabba effetti sekondarji ta' żidiet fl-inflazzjoni li kien hemm fl-imgħoddi u li huma mistennija fil-futur, u minn żviluppi negattivi fil-prezzijiet taż-żejt u tal-pagi fl-isfond ta' tkabbir mgħaġġel fid-domanda domestika u fil-kreditu. Jeżistu wkoll riskji għal żieda fl-inflazzjoni minħabba l-konverġenza fir-rati ta' l-imgħax fuq self f'munita lokali lejn livelli taż-żona ta' l-euro u t-tnaqqis fir-rekwiżiti tar-riżervi għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Ir-riskji ta' tnaqqis huma marbuta ma' l-effetti kontinwi tal-liberalizzazzjoni f'setturi bħal dawk tat-telekomunikazzjoni u l-enerġija, trażżin tal-pagi fis-settur pubbliku, żieda fil-ħaddiema li tista' tnaqqas il-pressjoni għal żieda fil-pagi, u żviluppi favorevoli fil-prezzijiet taż-żejt. Barra dan, il-possibbiltà li d-domanda internazzjonali tiddgħajjef u l-effett li dan jista' jkollu fuq l-esportazzjoni (tas-servizzi) tat-turiżmu jistgħu jżidu r-riskju ta' tnaqqis fl-inflazzjoni.

Bħalissa Ċipru mhux suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Fis-sena ta' referenza 2006, Ċipru rreġistra defiċit fiskali ta' 1.5% tal-PDG, i.e. ħafna inqas mill-valur ta' referenza. Il-Kummissjoni Ewropea qed tbassar defiċit ta' 1.4% tal-PDG

għall-2007. Id-dejn tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG naqas għal 65.3% fl-2006 u hu stmat li se jkompli jonqos għal 61.5% fl-2007, u b'hekk jibqa' ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60%. Hu meħtieġ li Ċipru jikkonsolida aktar biex jikkonforma ma' l-oġġettiv fuq żmien medju speċifikat fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li hu kkwantifikat fil-programm tal-konverġenza ta' Diċembru 2006 bħala defiċit tal-baġit aġġustat għal fatturi ċikliċi, nett minn miżuri temporanji, ta' 0.5% tal-PDG. Fir-rigward ta' fatturi fiskali oħra, fl-2006 id-defiċit ma kienx ogħla mill-investiment pubbliku bħala proporzjon tal-PDG.

Skond il-projezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-UE għall-Politika Ekonomika u tal-Kummissjoni Ewropea, Ċipru mistenni jara żieda sostanzjali fl-infiq pubbliku relatat ma' l-età, li tammonta għal 11.8 punti perċentwali tal-PDG fis-snin bejn l-2004 u l-2050 li hi l-ogħla żieda fost l-Istati Membri ta' l-UE. Ċipru jkun jista' jlaħħaq ma' dan il-piż jekk jaħseb minn qabel biex ikun jista' jimmaniġġja l-finanzi pubbliċi qabel ma s-sitwazzjoni demografika tmur għall-agħar.

Il-lira Ċiprijotta ilha tipparteċipa fl-ERM II mit-2 ta' Mejju 2005, i.e. għall-perijodu ta' referenza ta' sentejn bejn Mejju 2005 u April 2007. Ir-rata ċentrali għall-munita ġiet stabbilita bħala 0.585274 ta' lira għal kull euro – l-istess rata li biha l-lira ġiet marbuta unilateralment ma' l-euro fil-bidu tal-1999 – bil-faxxa standard ta' ċaqliq ta' ±15%. Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni fl-ERM II kien ibbażat fuq impenji sodi mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'oqsma diversi ta' l-ekonomija. Sa minn meta ssieħeb fl-ERM II, Ċipru kompla jimxi fuq politika stabbli fir-rata tal-kambju kontra l-euro. Il-lira baqgħet qrib ir-rata ċentrali tagħha, fuq in-naħa l-għolja tal-faxxa standard ta' ċaqliq, u kellha wkoll volatilità baxxa ħafna. Id-differenzjali fir-rata ta' l-imgħax fuq żmien qasir kontra l-EURIBOR trimestrali spiċċaw fix-xejn lejn it-tmiem tal-perijodu li qed jiġi kkunsidrat. F'Marzu 2007, ir-rata tal-kambju reali tal-lira Ċiprijotta kienet qrib il-medji storiċi meta kkalkulata minn Jannar 1996 u mill-introduzzjoni ta' l-euro fl-1999 'l hawn, kemm meta mqabbla ma' l-euro kif ukoll f'termini effettivi. Dwar l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti, Ċipru rrapporta konsistentement defiċits fil-kont kapitali u l-kont kurrenti flimkien, li kultant kienu kbar. F'dawn l-aħħar snin dawn id-defiċits żdiedu – minn 2.0% tal-PDG fl-2003 għal 5.9% tal-PDG fl-2006 – l-iżjed minħabba defiċit akbar fuq il-prodotti, waqt li l-bilanċ pożittiv fis-servizzi baqa' kważi kif kien. Ħafna mill-iffinanzjar ta' dawn id-defiċits ġie minn dħul nett ta' investiment dirett (parzjalment dħul ri-investit) u dħul ta' kapital fil-forma ta' "investiment ieħor", li kien jinkludi l-iżjed depożiti u self mhux residenti. Billi d-dħul tal-kapital kien ogħla mid-defiċit tal-kontijiet kurrenti u kapitali bejn l-2004 u l-2006, f'dan il-perijodu Ċipru kellu akkumulazzjoni ta' assi fir-riżervi uffiċjali.

## Ċipru – Indikaturi ekonomiċi ta' konverġenza

(minbarra l-kriterju tar-rata tal-kambju)

| | Inflazzjoni HICP [1] | Ir-rata ta' l-imgħax fuq żmien twil [2] | Bilanċ pożittiv (+) jew bilanċ negattiv (-) tal-gvern ġenerali [3] | Dejn gross tal-gvern ġenerali [3] |
|---|---|---|---|---|
| 2005 | 2.0 | 5.2 | -2.3 | 69.2 |
| 2006 | 2.2 | 4.1 | -1.5 | 65.3 |
| 2007 | [4] 2.0 | [4] 4.2 | -1.4 | 61.5 |
| Valur ta' referenza | [4], [5] 3.0 | [4], [5] 6.4 | -3.0 | 60.0 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
1) Bidla perċentwali medja annwali.
2) Medja annwali, f'perċentwali.
3) Bħala perċentwal tal-PDG. Projezzjonijiet għall-2007 ipprovduti mill-Kummissjoni Ewropea.
4) Jirreferi għall-perijodu: April 2006 sa Marzu 2007.
5) Il-pajjiżi li marru l-aħjar f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet huma: il-Finlandja, il-Polonja, l-Isvezja.

Il-livell tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil f'Ċipru kien ta' 4.2% tul il-perijodu ta' referenza u b'hekk kien ħafna iżjed baxx minn 6.4%, li hu l-valur ta' referenza għall-kriterju tar-rata ta' l-imgħax. Ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil u d-differenzjali tagħhom meta mqabbla mar-rendimenti tal-bonds tal-gvern fiż-żona ta' l-euro ġeneralment naqsu f'dawn l-aħħar snin.

Kollox ma' kollox, meta wieħed iħares 'l quddiem, jara li se jkun importanti għal Ċipru li jkompli jsegwi triq ta' konsolidazzjoni fiskali sostenibbli u kredibbli, mibni fuq għadd ta' miżuri strutturali u li jtejjeb ir-riżultati fiskali tiegħu billi jnaqqas b'mod tanġibbli il-proporzjon għoli tad-dejn tiegħu. Se jkun importanti, b'mod partikolari fis-settur pubbliku, li ż-żidiet fil-pagi jibqgħu moderati biex jieħdu kont tat-tkabbir fil-produttività tal-ħaddiema, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-iżviluppi fil-pajjiżi kompetituri. Barra dan, se jkun essenzjali li jkomplu għaddejjin ir-riformi strutturali fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol. Per eżempju, il-mekkaniżmu ta' l-indiċjar għas-salarji u għal xi benefiċċji soċjali (sussidji għall-għoli tal-ħajja) għandhom jiġu riveduti biex jitnaqqsu r-riskji assoċjati ma' aktar inflazzjoni. Riformi strutturali bħal dawn mhux biss jgħinu l-ekonomija biex tkun tiflaħ aktar għall-iskossi, iżda joħolqu wkoll l-aħjar kondizzjonijiet għal espansjoni ekonomika u tkabbir fl-impjiegi li jkunu sostenibbli. Fl-aħħarnett, ir-riunifikazzjoni potenzjali ta' Ċipru tista' ġġib magħha iżjed sfidi strutturali u fiskali skond l-arranġamenti ekonomiċi u fiskali speċifiċi.

Wara l-emendi reċenti fil-Liġi tas-Central Bank of Cyprus, l-istatuti tas-Central Bank of Cyprus saru kompatibbli mar-rekwiżiti tat-Trattat u ta' l-Istatut għat-Tielet Stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

## 3.2 MALTA

Tul il-perijodu ta' referenza, Malta laħqet rata medja ta' inflazzjoni HICP fuq 12-il xahar, ta' 2.2%, li hi ħafna iżjed baxxa mill-valur ta' referenza ta' 3.0% kif stipulat mit-Trattat. Skond l-iżjed informazzjoni reċenti, ir-rata medja fuq 12-il xahar ta' l-inflazzjoni HICP mistennija tkompli tonqos fix-xhur li ġejjin.

Meta wieħed iħares lura fuq perijodu ta' żmien itwal, jara li l-inflazzjoni HICP f'Malta kienet relattivament stabbli, b'ċaqliq ta' bejn 2% u 3% matul is-snin 1999-2006. Il-fatt li l-inflazzjoni baqgħet relattivament stabbli tul perijodu twil jirrifletti għadd ta' deċiżjonijiet importanti, l-iżjed notevoli fosthom id-deċiżjoni li minn meta Malta saret indipendenti fl-1964, jinżamm arranġament ta' rata tal-kambju marbuta ma' basket ta' muniti, għall-biċċa l-kbira tal-perijodu. Il-lira Maltija ilha tipparteċipa fl-ERM II mit-2 ta' Mejju 2005 u b'hekk kienet marbuta ma' l-euro. Il-politika fiskali għenet biex tinkiseb aktar stabbiltà tal-prezzijiet tul dawn l-aħħar ftit snin. Wara perijodu ta' tkabbir ekonomiku qawwi fis-snin '90, it-tkabbir fil-produzzjoni kien kajman bħala medja mill-2001 'il quddiem, u minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm sentejn fejn il-produzzjoni naqset. Dan l-istaġnar ekonomiku rrifletta dgħjufija esterna, assoċjata parzjalment ma' iżjed kompetizzjoni fis-swieq ewlenin ta' l-esportazzjoni, flimkien ma' fatturi domestiċi, bħal ma kienu l-effetti temporanji ta' ristrutturar fis-settur tal-manifattura. Minn żviluppi reċenti jidher li l-ekonomija bdiet tirkupra bil-mod fl-2005 u l-irkupru kompla fl-2006 mingħajr ma kien hemm żidiet qawwija fil-prezzijiet min-naħa tal-konsum. Ir-rata annwali ta' l-inflazzjoni HICP naqset sostanzjalment lejn l-aħħar ta' l-2006 u baqgħet imrażżna fl-ewwel xhur ta' l-2007. Wara li laħqet l-ogħla livell ta' madwar 3.5% f'nofs l-2006, naqset għal inqas minn 1% fl-aħħar xahrejn ta' l-istess sena, u kienet f'livell ta' 0.5% f'Marzu 2007. It-tnaqqis fl-inflazzjoni għall-aħħar tal-2006 seħħ l-iżjed minħabba li beda jittaffa l-impatt taż-żidiet preċedenti fil-prezz ta' l-enerġija, li kienu affettwaw l-inflazzjoni f'Malta b'mod relattivament qawwi.

Meta wieħed iħares 'l quddiem, jara li l-aħħar previżjonijiet għall-inflazzjoni li huma disponibbli minn istituzzjonijiet internazzjonali

ewlenin ivarjaw bejn 1.4% u 2.4% għall-2007 u bejn 2.1% u 2.3% għall-2008. Jeżistu riskji li l-inflazzjoni tkompli tiżdied l-iżjed minħabba żidiet ġodda li jista' jkun hemm fil-prezzijiet dinjin ta' l-enerġija. Barra dan, għalkemm mhix kbira daqs f'ċerti pajjiżi oħra bi swieq finanzjarji inqas żviluppati, iż-żieda mgħaġġla u persistenti fil-kreditu jeħtieġ li tiġi ssorveljata mill-qrib. Riskji għal tnaqqis fil-projezzjonijiet dwar l-inflazzjoni huma marbuta ma' l-effetti tal-kompetizzjoni li qed tiżdied f'xi swieq tal-prodotti bħal ma huma l-bejgħ bl-imnut ta' l-ikel u l-industrija ta' l-avjazzjoni, u ma' sforzi kontinwi biex il-proċeduri regolatorji u amministrattivi fis-settur pubbliku jsiru iżjed effiċjenti.

Bħalissa Malta hi s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Madankollu, fis-sena ta' referenza 2006 Malta rreġistrat defiċit fiskali ta' 2.6% tal-PDG, i.e. inqas mill-valur ta' referenza. Miżuri fiskali ta' natura temporanja kellhom effett ta' tnaqqis tad-defiċit ta' 0.7% tal-PDG fl-2006. Mingħajr dawn il-miżuri, id-defiċit ta' l-2006 kien kieku jammonta għal 3.3% tal-PDG. Tnaqqis tad-defiċit għal 2.1% tal-PDG hu mbassar mill-Kummissjoni Ewropea għall-2007. Id-dejn tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG naqas għal 66.5% fl-2006 u hu mbassar li jkun ta' 65.9% fl-2007, u b'hekk jibqa' ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60%. Hu meħtieġ aktar konsolidazzjoni biex Malta tikkonforma mal-pjan fuq żmien medju speċifikat fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li hu kkwantifikat fil-programm tal-konverġenza ta' Diċembru 2006 bħala baġit ibbilanċjat aġġustat għal fatturi ċikliċi u nett minn miżuri temporanji. Fir-rigward ta' fatturi fiskali oħra, fl-2006 id-defiċit ma kienx ogħla mill-investiment pubbliku bħala proporzjon tal-PDG.

Skond l-istimi tal-Kumitat ta' l-UE għall-Politika Ekonomika u tal-Kummissjoni Ewropea, Malta mistennija tara żieda ta' 2.2 punti perċentwali tal-PDG fin-nefqa relatata ma' l-età fis-snin sa l-2020, li mbagħad tonqos għal żieda ta' 0.3 punti perċentwali sa l-2050. Waqt li dawn l-istimi ma' jieħdux in konsiderazzjoni r-riforma pubblika fil-pensjonijiet adottata mill-Kamra tad-Deputati f'Diċembru 2006, stima preliminari mill-Kummissjoni Ewropea tindika li r-riforma ma tejbitx il-prospetti għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq żmien twil. Malta tkun tista' tlaħħaq ma' dan il-piż jekk taħseb minn qabel biex tkun tista' timmaniġġja l-finanzi pubbliċi qabel ma s-sitwazzjoni demografika tmur għall-agħar.

Il-lira Maltija ilha tipparteċipa fl-ERM II mit-2 ta' Mejju 2005, i.e. għas-sentejn tal-perijodu ta' referenza bejn Mejju 2005 u April 2007. Ir-rata ċentrali għall-munita Maltija ġiet stabbilita f'livell ta' 0.429300 ta' lira għal kull euro – ir-rata tas-suq meta Malta ssieħbet – b'faxxa ta' ċaqliq ta' ±15%. Meta Malta daħlet fil-mekkaniżmu, il-lira Maltija ġiet marbuta ma' l-euro minflok mal-basket ta' muniti li kien hemm qabel (li kien jinkludi l-euro, il-lira sterlina u d-dollaru Amerikan). Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni fl-ERM II kien ibbażat fuq impenji sodi mill-awtoritajiet Maltin f'oqsma diversi tal-politika. Kif stqarrew fil-bidu, mis-sħubija fl-ERM II l-awtoritajiet Maltin żammew mar-rata tal-kambju ċentrali tal-lira Maltija kontra l-euro. Id-differenzjali fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien qasir kontra l-EURIBOR trimestrali naqsu fl-2006, u kienu qegħdin f'livell ta' 0.2 punti perċentwali fil-perijodu ta' tliet xhur li ntemm f'Marzu 2007. Kemm bilateralment kontra l-euro kif ukoll f'termini effettivi, ir-rata tal-kambju reali tal-lira Maltija f'Marzu 2007 kienet qrib il-medji storiċi kif ikkalkulata minn Jannar 1996 u mill-introduzzjoni ta' l-euro fl-1999 'l hawn. Dwar żviluppi esterni oħra, sa mill-1997 Malta rrappurtat defiċits fil-kontijiet kapitali u kurrenti flimkien tal-bilanċ tal-pagamenti, li kultant kienu kbar. Fl-2004 u l-2005 dan id-defiċit kien f'livell ta' 4.9% tal-PDG, qabel ma naqas għal 3.3% fl-2006. Mill-2003 'l hawn, dħul ta' investiment dirett patta sew għal dan id-defiċit, filwaqt li ħruġ ta' flus netti għall-investiment pattew għad-dħul kapitali minn "investimenti oħra". Kemm fl-2005 kif ukoll fl-2006 Malta kellha akkumulazzjoni ta' assi fir-riżervi uffiċjali.

**Malta – Indikaturi ekonomiċi ta' konverġenza**

(minbarra l-kriterju tar-rata tal-kambju)

| | Inflazzjoni HICP [1] | Ir-rata ta' l-imgħax fuq żmien twil [2] | Bilanċ pożittiv (+) jew bilanċ negattiv (-) tal-gvern ġenerali [3] | Dejn gross tal-gvern ġenerali [3] |
|---|---|---|---|---|
| 2005 | 2.5 | 4.6 | -3.1 | 72.4 |
| 2006 | 2.6 | 4.3 | -2.6 | 66.5 |
| 2007 | [4] 2.0 | [4] 4.3 | -2.1 | 65.9 |
| Valur ta' referenza | [4], [5] 3.0 | [4], [5] 6.4 | -3.0 | 60.0 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
1) Bidla perċentwali medja annwali.
2) Medja annwali, f'perċentwali.
3) Bħala perċentwal tal-PDG. Projezzjonijiet għall-2007 ipprovduti mill-Kummissjoni Ewropea.
4) Jirreferi għall-perijodu: April 2006 sa Marzu 2007.
5) Il-pajjiżi li marru l-aħjar f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet huma: il-Finlandja, il-Polonja, l-Isvezja.

Il-livell tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil kien ta' 4.3% tul il-perijodu ta' referenza u b'hekk kien inqas mis-6.4% tal-valur ta' referenza għall-kriterju tar-rati ta' l-imgħax. Ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil f'Malta u d-differenzjal tagħhom meta mqabbla mar-rendimenti mill-bonds tal-gvern fiż-żona ta' l-euro ġeneralment naqsu f'dawn l-aħħar snin.

Kollox ma' kollox, għall-futur, biex jintlaħaq livell għoli ta' konverġenza sostenibbli, se jkun importanti li Malta tkompli ssegwi t-triq ta' konsolidazzjoni fiskali sostenibbli u kredibbli, u li ttejjeb ir-riżultati fiskali tagħha billi tnaqqas b'mod tanġibbli l-proporzjon għoli tad-dejn tagħha. Se jkun importanti, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, li żidiet fil-pagi jibqgħu moderati biex jieħdu kont tat-tkabbir fil-produttività tal-ħaddiema, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-iżviluppi fil-pajjiżi kompetituri. Għandha wkoll tingħata attenzjoni biex jingħelbu d-diffikultajiet strutturali li jxekklu t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impjiegi, l-iżjed permezz ta' miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Elementi importanti f'dan ir-rigward huma t-tisħiħ tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u t-titjib fil-mod kif jaħdem is-suq tax-xogħol. F'dan ir-rigward, it-tisħiħ tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u titjib fit-tħaddim tas-suq tax-xogħol huma elementi importanti. Miżuri bħal dawn jgħinu wkoll biex dawn is-swieq isiru iżjed flessibbli, u b'hekk jiffaċilitaw il-proċess ta' aġġustament f'każ ta' skossi lill-pajjiż jew lill-industriji partikolari. Il-kapaċità ta' l-ekonomija li tilqa' għal dawn l-iskossi hi importanti minħabba l-livell relattivament għoli ta' speċjalizzazzjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jgħinu biex jinħoloq ambjent li jwassal għall-istabbiltà tal-prezzijiet, kif ukoll biex titkattar il-kompetittività u jiżdiedu l-impjiegi.

Wara l-emendi reċenti fil-Liġi dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, l-istatut tal-Bank Ċentrali ta' Malta sar kompatibbli mar-rekwiżiti tat-Trattat u ta' l-Istatut għat-Tielet Stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

# 4 EŻAMI TAL-KONVERĠENZA EKONOMIKA

## 4.1 ĊIPRU

### 4.1.1 ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

Tul il-perijodu ta' referenza minn April 2006 sa Marzu 2007, ir-rata medja ta' 12-il xahar ta' l-inflazzjoni HICP f'Ċipru kienet ta' 2.0%, jiġifieri ħafna inqas mill-valur ta' referenza ta' 3.0% tal-kriterju għall-istabbiltà tal-prezzijiet (ara t-Tabella 1). Skond l-aħħar informazzjoni, ir-rata medja ta' 12-il xahar ta' l-inflazzjoni HICP mistennija tonqos ftit fix-xhur li ġejjin.

Meta wieħed iħares lura fuq perijodu itwal, jara li l-inflazzjoni HICP f'Ċipru kienet ikkontrollata, b'perijodi okkażjonali fejn l-inflazzjoni kienet kemmxejn għolja (ara Ċart 1). Bejn l-1997 u l-2006 din kienet fil-biċċa l-kbira bejn 2% u 3%, iżda fl-2000 u fl-2003 għoliet għal 4.9 u 4.0% rispettivament, u dan l-iżjed minħabba ż-żidiet qawwija fil-prezzijiet ta' l-enerġija u ta' l-ikel, kif ukoll iż-żidiet gradwali relatati ma' l-armonizzazzjoni ma' l-UE fis-sisa fuq l-enerġija u ż-żieda fir-rata tal-VAT minn 10% għal 15% fil-perijodu 2002-03.

Ir-riżultati ta' l-inflazzjoni fuq żmien twil f'Ċipru jirriflettu numru ta' miżuri importanti, l-iżjed notevoli fosthom dik tat-tradizzjoni twila ta' sistemi ta' rata tal-kambju marbuta, li tmur lura għall-1960. Il-lira Ċiprijotta ġiet iffissata ma' l-ECU fl-1992, u fl-1999 ma' l-euro, b'faxxa ta' ċaqliq ta' ±2.25%. Il-faxxa twessgħet għal ±15% fl-2001 fil-kuntest ta' liberalizzazzjoni gradwali u kontinwa fil-moviment tal-kapital. Madankollu, is-Central Bank of Cyprus ma użax il-faxxa l-wiesgħa, u r-rata tal-kambju ċċaqalqet f'marġnijiet limitati. Fit-2 ta' Mejju 2005, Ċipru ssieħeb fl-ERM II bil-faxxa standard ta' ċaqliq ta' ±15%. L-istabbiltà tal-prezzijiet hi l-għan ewlieni tal-politika monetarja f'Ċipru u din ġiet stabbilita fis-Central Bank of Cyprus Law ta' l-2002. Il-livelli relattivament ikkontrollati ta' l-inflazzjoni ġew ukoll sostnuti bil-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-prodotti u l-industriji tan-networks, b'mod partikolari fis-settur tal-komunikazzjoni. B'kuntrast, meta tqis kollox, mill-1996 'l hawn il-politika fiskali ma sostnietx għal kollox l-istabbiltà tal-prezzijiet, għalkemm is-sostenn żdied matul dawn l-aħħar snin.

Bejn l-1998 u l-2001, it-trażżin ta' l-inflazzjoni għandu jitqies fl-isfond ta' tkabbir ekonomiku sod, li fil-biċċa l-kbira kien ta' madwar 5% f'termini reali. Dan naqas għal madwar 2% fl-2002 u l-2003, l-iżjed minħabba li s-settur tat-turiżmu ddgħajjef, iżda dan reġa' rpilja għal madwar 4% fl-2004-06 (ara t-Tabella 2). Fl-2004-06, it-tkabbir fil-produzzjoni kien ġej l-iżjed mill-konsum u l-investiment privat. Ir-rata tal-qgħad żdiedet xi ftit mill-2002 'l hawn iżda kienet relattivament stabbli madwar il-5% f'dawn l-aħħar snin. B'mod ġenerali, is-suq tax-xogħol f'Ċipru hu relattivament flessibbli u jeżisti wkoll influss qawwi ta' ħaddiema barranin, inklużi ħaddiema staġjonali li jdgħajjfu r-relazzjoni bejn l-attività ekonomika u r-rata tal-qgħad. Wara żidiet qawwija ħafna fil-pagi fl-2002 u l-2003, speċjalment fis-settur pubbliku, il-pressjonijiet fuq il-pagi naqsu b'mod sinifikanti fis-sentejn ta' wara, u dan wassal għal żidiet moderati fil-*unit labour costs* minkejja tkabbir batut ħafna fil-produttività tal-ħaddiema. Il-prezzijiet ta' dak li hu importat kienu xi kultant volatili, l-aktar minħabba ċaqliq fil-prezzijiet taż-żejt u fir-rata tal-kambju tal-lira Ċiprijotta kontra d-dollaru Amerikan, u żdiedu xi ftit mill-2003 'l hawn b'reazzjoni għall-prezzijiet ogħla taż-żejt. Ix-xejra ġenerali ta' pressjonijiet relattivament moderati tal-prezzijiet tidher ukoll minn indiċijiet oħra rilevanti tal-prezzijiet, bħall-HICP bl-esklużjoni ta' l-ikel mhux ipproċessat u ta' l-enerġija (ara t-Tabella 2).

Meta wieħed iħares lejn l-iżviluppi reċenti, jara li l-inflazzjoni HICP żdiedet bil-mod il-mod fil-bidu ta' l-2006, u laħqet 2.7% f'Awwissu qabel ma naqqset ir-rankatura għal 1.4% f'Marzu 2007 bl-għajnuna tal-prezzijiet ta' l-enerġija li mmoderaw (ara t-Tabella 3a). Ir-riskji ta' żieda fl-inflazzjoni fl-2006 kienu kkawżati l-iżjed minn żidiet fil-prezzijiet għas-servizzi u l-ikel. Il-prezzijiet ta' l-enerġija ikkontribwew l-aktar għall-inflazzjoni sa Awwissu, iżda dawn immoderaw b'mod

sinifikanti fil-ħarifa. Bidliet fil-prezzijiet ikkontrollati żiedu madwar 0.6 ta' punt perċentwali fl-inflazzjoni HICP fl-2006. Is-sehem tal-prezzijiet ikkontrollati fil-basket ta' l-HICP hu ta' 11.0% fl-2007, i.e. bejn wieħed u ieħor bħal dak taż-żona ta' l-euro. Is-sitwazzjoni attwali ta' l-inflazzjoni għandha titqies fuq sfond ta' kondizzjonijiet ekonomiċi dinamiċi. Fit-tielet u r-raba' trimestri tal-2006, il-PGD reali żdied b'rata annwali ta' 3.6% u 3.5% rispettivament, biex b'hekk ir-rata annwali ta' tkabbir għas-sena kollha kienet ta' 3.8% megħjuna minn żieda qawwija fil-konsum. It-tkabbir fil-provvista tal-flus u fis-self lis-settur privat żdied b'ritmu mgħaġġel u s-self jidher li hu orjentat fil-biċċa l-kbira lejn il-konsum, ix-xiri tal-proprjetà u l-kostruzzjoni.

Meta wieħed iħares 'l quddiem, jara li l-aħħar previżjonijiet dwar l-inflazzjoni magħmula minn istituzzjonijiet ewlenin internazzjonali jvarjaw minn 1.3% għal 2.1% għall-2007 u minn 1.9% għal 2.1% għall-2008 (ara t-Tabella 3b). Jeżistu riskji għal żieda fil-projezzjonijiet ta' l-inflazzjoni u dawn minħabba ż-żieda ppjanata bl-armonizzazzjoni fl-UE tar-rata l-iżjed baxxa tal-VAT fuq ċerti prodotti u servizzi[1] li mistennija żżid madwar punt perċentwali fl-inflazzjoni, minħabba l-possibbiltà ta' l-effetti indiretti li ġejjin mill-imgħoddi (relatati mal-prezzijiet taż-żejt) u żidiet fl-inflazzjoni fil-ġejjieni, żviluppi negattivi fil-futur fil-prezz taż-żejt u fil-pagi fl-isfond ta' tkabbir qawwi fil-konsum u s-self. Aktar riskji ta' żieda fl-inflazzjoni jeżistu minħabba l-konverġenza fir-rati ta' l-imgħax fuq self f'munita lokali lejn il-livelli aktar baxxi taż-żona ta' l-euro u t-tnaqqis fir-rekwiżiti tar-riżervi għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Ir-riskji ta' tnaqqis fl-inflazzjoni huma marbuta ma' l-effetti kontinwi tal-liberalizzazzjoni f'setturi bħal ma huma dawk tat-telekomunikazzjoni u l-enerġija, trażżin tal-pagi fis-settur pubbliku, żieda fl-għadd tal-ħaddiema li tista' tnaqqas il-pressjoni għal żieda fil-pagi u żviluppi favorevoli fil-prezzijiet taż-żejt. Barra dan, il-possibbiltà li d-domanda internazzjonali tiddgħajjef u l-effett li dan jista' jkollu fuq l-esportazzjoni (tas-servizzi) tat-turiżmu jistgħu jżidu r-riskju ta' tnaqqis fl-inflazzjoni.

Biex Ċipru jkollu ambjent li jwassal għal stabbiltà sostenibbli fil-prezzijiet jiddependi minn kemm, fost affarijiet oħra, jkun hemm titjib sostenibbli fil-qagħda fiskali tal-pajjiż. Hu importanti wkoll, partikolarment fis-settur pubbliku, li ż-żidiet fil-pagi jkomplu jieħdu kont tat-tkabbir fil-produttività tal-ħaddiema, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-iżviluppi fil-pajjiżi kompetituri. Barra dan, se jkun essenzjali li tkompli tissaħħaħ il-politika nazzjonali maħsuba biex ittejjeb il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi bażiċi. Per eżempju, il-mekkaniżmu ta' l-indiċjar għas-salarji u għal xi benefiċċji soċjali (sussidji għall-għoli tal-ħajja) għandhom jiġu riveduti biex jitnaqqsu r-riskji assoċjati ma' aktar inflazzjoni. Riformi strutturali bħal dawn mhux biss jgħinu l-ekonomija biex tkun tiflaħ aktar għall-iskossi, iżda jistgħu joħolqu wkoll l-aħjar kondizzjonijiet għal espansjoni ekonomika u żieda fl-impjiegi li jkunu sostenibbli.

### 4.1.2 ŻVILUPPI FISKALI

Bħalissa Ċipru mhux suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Fis-sena ta' referenza 2006 il-bilanċ tal-baġit tal-gvern ġenerali wera defiċit ta' 1.5% tal-PDG, i.e. inqas sew mill-valur ta' referenza ta' 3%. Bħala proporzjon tal-PDG id-defiċit ma qabiżx l-ispiża għall-investiment pubbliku. Id-dejn tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG kien ta' 65.3%, i.e. ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60% (ara t-Tabella 4). Meta mqabbel mas-sena ta' qabel, id-defiċit bħala proporzjon naqas b'0.8 ta' punt perċentwali u d-dejn tal-gvern bħala proporzjon naqas bi 3.9 punti perċentwali. Il-Kummissjoni

1 L-aġġustament fir-rati għandu jidħol fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2008 iżda d-data eżatta ta' l-implimentazzjoni ta' din il-miżura għadha mhix deċiża. Ir-rati tal-VAT se jiżdiedu fuq il-ħobż, fuq il-ħalib u fuq ikel ieħor minn 0% għal 5%, fuq servizzi ta' restorant minn 8% għal 15%, u fuq mediċina u artijiet minn 0% għal 15%.

Ewropea bassret li fl-2007 id-defiċit bħala proporzjon se jonqos għal 1.4% u d-dejn tal-gvern bħala proporzjon hu pprojettat li se jonqos għal 61.5%.

Meta wieħed iħares lura lejn is-snin mill-1997 sa l-2006, jara li d-dejn tal-gvern bħala proporzjon tal-PDG żdied b'mod qawwi sa l-2004 iżda beda jonqos fl-aħħar sentejn (ara ċ-Ċart 2a u t-Tabella 5). Bħal ma jidher f'iżjed dettall fiċ-Ċart 2b, l-aġġustamenti tad-defiċit-dejn irrappreżentaw l-iżjed fattur qawwi fiż-żieda tad-dejn tal-gvern bħala proporzjon – għalkemm dawn l-aġġustamenti mbagħad naqsu – u saħħew l-effetti li bihom beda jiżdied id-dejn, li kienu ġejjin minn defiċits primarji. Parti sinifikanti ta' l-aġġustamenti tad-defiċit-dejn, li żiedu d-dejn, jirriflettu l-akkumulazzjoni ta' depożiti mill-gvern mas-Central Bank of Cyprus (fond b'amortizzament progressiv) sabiex b'hekk ikun jista' jiffinanzja l-ħlas lura ta' dejn tal-gvern mill-2006 'l quddiem (ara t-Tabella 6). Id-differenzjal bejn tkabbir u r-rata ta' l-imgħax kellu, bħala medja, impatt 'l isfel fuq il-bilanċ tad-dejn. Il-bilanċi pożittivi primarji rreġistrati fl-2005 u l-2006 kienu l-fattur ewlieni fit-tnaqqis tad-dejn bħala proporzjon f'dawn l-aħħar snin. Ix-xejriet osservati jistgħu jitqiesu indikattivi tar-rabta mill-qrib li hemm bejn il-bilanċi primarji u d-dinamika tad-dejn. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li f'livell ta' 5.7% tat-total, is-sehem tad-dejn pubbliku b'maturità fuq żmien qasir hu baxx, dan peress li kien qed jonqos konsistentement minn livelli komparattivament għoljin (ara t-Tabella 5). Meta wieħed iqis il-livell tad-dejn bħala proporzjon, il-bilanċi fiskali huma relattivament insensittivi għal tibdil fir-rati ta' l-imgħax. Waqt li d-dejn tal-gvern denominat f'muniti barranin jammonta għal-proporzjon relattivament kbir ta' l-istokk tad-dejn tal-gvern ta' Ċipru, fil-biċċa l-kbira tiegħu hu denominat f'euro. Għalhekk, il-bilanċi fiskali ma tantx jigu affetwati minn bidliet fir-rati tal-kambju minbarra dik tal-lira Ċiprijotta fil-konfront ta' l-euro.

Mill-1997 'l hawn ġiet osservata xejra ta' riżultati volatili iżda reċentament aktar pożittivi fid-defiċit bħala proporzjon tal-PDG, li, għall-ewwel darba mill-2001, kien taħt il-valur ta' referenza ta' 3% fl-2005 (ara ċ-Ċart 3a u t-Tabella 7). Wara li beda minn livell ta' 5.0% fl-1997, id-defiċit bħala proporzjon tjieb għal 2.2% fl-2001. Imbagħad reġa' għola malajr għal 6.3% fl-2003 qabel ma naqas għal 2.3% fl-2005 u 1.5% fl-2006. Waqt li l-gvern laħaq u qabeż il-mira tad-defiċit tiegħu għall-2006 kif kien stabbilit fil-programm tal-konverġenza ta' qabel, hu stmat li l-ispiża kienet ferm ogħla milli kien mistenni fil-bidu. B'mod partikolari, il-ħlasijiet għall-benefiċċji soċjali, minbarra dawk mogħtija *in kind*, kienu ogħla milli kien ippjanat fil-bidu (b'ammont ekwivalenti għal 0.9% tal-PDG). Dan ikkompensa għalih dħul ogħla milli kien mistenni. Kif jidher f'iżjed dettall fiċ-Ċart 3b, l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea jindikaw li l-fatturi ċikliċi kellhom biss impatt relattivament żgħir fuq il-bidla fil-bilanċ fiskali f'dawn l-aħħar snin. Fl-2005 u l-2006 dawn ikkontribwew marġinalment biss għall-bilanċ fiskali. Il-bidla fil-bilanċ fiskali, li kienet kbira f'xi snin, għaldaqshekk kienet dovuta principalment għal fatturi li mhumiex ċikliċi. Dawn il-bidliet fil-bilanċ tal-baġit tal-gvern setgħu rriflettew jew bidla strutturali dewwiema jew l-effett ta' miżuri temporanji. Minn evidenza disponibbli jidher li, fl-2005, miżuri temporanji, li kienu jinkludu dħul ogħla marbut ma' amnestija tat-taxxa, naqqsu d-deficit bħala proporzjon b'0.9 punti perċentwali, iżda dan ma kellu l-ebda impatt fl-2006. Mingħajr dawn il-miżuri d-defiċit kien ikun ta' 3.2% tal-PDG fl-2005.

Meta wieħed imbagħad jeżamina x-xejriet ta' indikaturi fiskali oħra, iċ-Ċart 4 u t-Tabella 7 juru li l-ispiża totali tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG kellha xejra 'l fuq tul il-perijodu li qed jiġi kkunsidrat, u laħqet 43.9% tal-PDG fi tmiem il-perijodu. Fl-2003, kien hemm żieda qawwija fl-ispiża bħala proporzjon, li tista' parzjalment tiġi attribwita għal żieda qawwija fil-pagi tas-settur pubbliku għal din is-sena u għas-sentejn ta' qabel, kif ukoll għal spiża ogħla fuq benefiċċji soċjali. Kollox ma' kollox, l-ispiża bħala proporzjon fl-2006 kienet 7.7 punti perċentwali ogħla milli kienet fl-1997

u hi għolja meta titqabbel ma’ dik ta’ pajjiżi oħra b’livell simili ta’ dħul *per capita*. Id-dħul tal-gvern bħala proporzjon tal-PDG żdied ukoll b’mod kontinwu bejn l-1997 u l-2006 b’żieda totali ta’ 11.2 punti perċentwali, u laħaq 42.4% fit-tmiem tal-perijodu. Il-bidla fl-istruttura tat-tassassjoni lejn taxxi indiretti tirrifletti parzjalment l-impatt tar-rekwiżiti għall-armonizzazzjoni tat-taxxa minħabba s-sħubija fl-UE.

L-istrateġija fiskali fuq żmien medju ta’ Ċipru, kif ippreżentata fil-programm tal-konverġenza għall-2006-10, f’Diċembru 2006 u li saret qabel l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea kif jidhru fit-Tabella 4, tikkalkula li se jkun hemm tnaqqis gradwali fid-defiċit bħala proporzjon għal 0.1% sa l-2010 u tnaqqis fl-ispiża bħala proporzjon filwaqt li d-dħul bħala proporzjon hu projettat li għandu jibqa’ ftit jew wisq kostanti. Id-dejn tal-gvern bħala proporzjon ukoll hu mistenni li jkompli jonqos, għal 46.1% sa l-2010, u dan jirrifletti parzjalment il-ħlas lura tad-dejn tal-gvern mill-fond b’amortizzament progressiv. Għall-2007, skond il-programm tal-konverġenza, il-gvern qed jippjana tnaqqis ieħor moderat ta’ 0.3 punt perċentwali fid-defiċit bħala proporzjon, li jkun jaqbel mat-tnaqqis fl-ispiża għall-ħlas ta’ l-imgħax. L-istimi jissuġġerixxu li fl-2007 mhux se jkun hemm effetti temporanji li jnaqqsu d-defiċit. Għall-2008 il-programm jipprevedi tnaqqis ikbar fid-defiċit bħala proporzjon abbażi ta' trażżin ġenerali fl-infiq, iżda ma huma speċifikati l-ebda miżuri konkreti ta’ kif ħa titnaqqas din l-ispiża. Skond il-programm, fl-2008, Ċipru qed jimmira li jilħaq l-għan speċifikat fil-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir fuq żmien medju, li hu ta’ defiċit tal-baġit aġġustat ċiklikament, nett minn miżuri temporanji, ta’ 0.5% tal-PDG.

Il-kalkoli għat-tnaqqis fil-valur ta’ referenza huma ppreżentati f’Ċart 5, fejn jintwerew il-prospetti għall-pajjiżi li d-dejn pubbliku tagħhom bħala proporzjon tal-PDG huwa ogħla minn 60%. Jekk wieħed jassumi li Ċipru jilħaq il-pożizzjoni fiskali totali u d-dejn pubbliku bħala proporzjon kif ipprojettat mill-Kummissjoni Ewropea għall-2007, id-dejn pubbliku bħala proporzjon għandu jonqos għal kemm kemm taħt is-60% tal-PDG sa l-2008 jekk il-bilanċi ġenerali jew primarji bħala proporzjon kellhom jibqgħu fil-livelli tagħhom ta’ -1.4% għall-2007 u 1.7% għall-2008. Dawn il-kalkoli jassumu rata ta’ imgħax nominali kostanti ta’ 6% (medja ta’ l-ispiża reali tad-dejn pendenti tal-gvern ta’ 4% flimkien ma’ inflazzjoni ta’ 2%). Ir-rata tat-tkabbir tal-PDG reali li fuqha huma bbażati dawn il-kalkoli hi kif ipprojettata mill-Kummissjoni Ewropea fil-previżjoni tagħha tar-rebbiegħa 2007 għall-2008 u kif meqjusa mill-Kumitat ta’ l-UE għall-Politika Ekonomika u mill-Kummissjoni Ewropea għall-2009 u iżjed ’l quddiem. Aġġustamenti tad-defiċit-dejn ma ġewx meqjusa. Waqt li dawn il-kalkoli jistgħu jitqiesu biss bħala eżempju u ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu bħala previżjonijiet, hemm l-indikazzjoni li ż-żamma tal-bilanċ tal-baġit totali jew primarju bħala proporzjon fil-livelli ta’ l-2007 tista’ tirriżulta fi tnaqqis tad-dejn bħala proporzjon għal biss ftit inqas mill-valur ta’ referenza sa l-2008, u b’hekk hemm indikazzjoni ċara li jinħtieġ iżjed progress fil-konsolidazjoni.

Kif indikat biċ-ċar fit-Tabella 8, minn madwar l-2010 ’l quddiem hu mistenni li togħla ħafna l-età tal-popolazzjoni. Skond il-projezzjonijiet tal-Kumitat ta’ l-UE għall-Politika Ekonomika u tal-Kummissjoni Ewropea[2], Ċipru mistenni jara żieda sostanzjali fl-infiq pubbliku relatat ma’ l-età bħala proporzjon tal-PDG, li jammonta għal 11.8 punti perċentwali bejn l-2004 u l-2050, u li hi l-ogħla ċifra fost l-Istati Membri ta’ l-UE. Waqt li l-programm tal-konverġenza ta’ Ċipru jiddiskuti xi għażliet għal riforma fl-oqsma tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa, anke l-implimentazzjoni sħiħa ta’ miżuri bħal dawn tista’ ma tkunx biżżejjed biex tiżgura sostenibbiltà fiskali fuq żmien twil. Jekk Ċipru jaħseb minn qabel fejn jirrigwarda finanzi pubbliċi, jkun jista’ jlaħħaq aħjar mal-piż fiskali

2 “The impact of ageing on public expenditure: projections for the EU25 Member States on pensions, health care, long-term care, education and unemployment transfers (2004-2050)”, Kumitat għall-Politika Ekonomika u Kummissjoni Ewropea (2006).

kkawżat miż-żieda fl-anzjani, qabel ma tkompli tiħżien is-sitwazzjoni demografika. Is-sostenibbiltà fiskali tista' tkun żgurata jekk jissaħħaħ il-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku b'żieda fl-impjieg u l-produttività.

Jekk wieħed jikkunsidra sfidi fiskali oħra, nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' baġit fil-passat jitlobu li jkunu applikati b'mod komprensiv u bir-reqqa l-metodi li ġew introdotti reċentement għall-maniġġ ta' l-ispiża pubblika. Minbarra li jgħinu biex jitjieb il-kontroll fuq l-iżvilupp ta' l-ispiża, dawn jistgħu jgħinu biex inaqqsu l-livell tar-riġidità tal-baġit. Politika prudenti hi meħtieġa wkoll meta wieħed jikkunsidra l-iżbilanċ kbir ma' barra. Skond tagħrif mill-Kummissjoni Ewropea fi tmiem l-2004, l-obbligazzjonijiet fiskali kontinġenti espliċiti kienu jammontaw għal 10% tal-PDG.[3] Barra dan, it-twaqqif ta' qafas legali xieraq għall-maniġġ fiskali ta' arranġamenti bi sħab bejn is-settur pubbliku u dak privat f'Ċipru għandu jsir b'urġenza. Fl-aħħarnett, il-possibbiltà tar-ri-unifikazzjoni ta' Ċipru tista' timponi spejjeż fiskali sostanzjali li jiddependu mill-arranġamenti ekonomiċi u fiskali speċifiċi.

### 4.1.3 ŻVILUPPI FIR-RATI TAL-KAMBJU

Il-lira Ċiprijotta ilha tipparteċipa fl-ERM II mit-2 ta' Mejju 2005, i.e. għall-perijodu ta' referenza ta' sentejn bejn Mejju 2005 u April 2007 (ara t-Tabella 9a). Ir-rata ċentrali għall-munita fl-ERM II ġiet stabbilita bħala 0.585274 ta' lira għal kull euro – l-istess rata li biha l-lira ġiet marbuta unilateralment ma' l-euro fil-bidu tal-1999 – bil-faxxa standard ta' ċaqliq ta' ±15%. Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni fl-ERM II kien ibbażat fuq impenji politiċi mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'oqsma diversi ta' l-ekonomija relatati ma', fost affarijiet oħra, it-twettiq ta' politika fiskali soda, it-tħeġġiġ ta' moderazzjoni fil-pagi, it-twettiq ta' sorveljanza finanzjarja effettiva u l-implimentazzjoni ta' iżjed riformi strutturali.

Minn meta ssieħeb fl-ERM II, Ċipru kompla jimxi fuq politika stabbli ta' rata tal-kambju kontra l-euro. Il-lira baqgħet qrib ir-rata ċentrali tagħha, fuq in-naħa l-għolja tal-faxxa standard ta' ċaqliq (ara ċ-Ċart 6 u t-Tabella 9a). B'riżultat ta' dan, tul il-perijodu ta' referenza, l-ogħla devjazzjoni tar-rata tal-kambju tagħha mir-rata ċentrali ta' l-ERM II kienet ta' 2.1%. Fi ħdan l-ERM II, Ċipru ma żvalutatx ir-rata ċentrali tal-munita tiegħu kontra l-euro minn rajh. Tul il-perijodu, is-Central Bank of Cyprus ipprovda u assorba l-likwidità fis-swieq tal-kambju barrani, u b'hekk għen biex iżomm ir-rata tal-kambju stabbli. Fuq bażi netta, dawn l-interventi kienu jikkonsistu f'xiri ta' flus barranin. Tul il-perijodu li qed jiġi kkunsidrat, ir-rata tal-kambju tal-lira Ċiprijotta kontra l-euro kellha livell baxx ħafna ta' volatilità, kif imkejla permezz ta' l-i*standard deviations* annwalizzati tal-bidliet perċentwali minn ġurnata għall-oħra (ara t-Tabella 9b). Fl-istess ħin, id-differenzjali fir-rata ta' l-imgħax fuq żmien qasir kontra l-EURIBOR trimestrali kienu fuq firxa wiesgħa sa tmiem l-2005, qabel ma spiċċaw gradwalment lejn it-tmiem tal-perijodu li qed jiġi kkunsidrat.

Fuq żmien itwal, ir-rata tal-kambju reali tal-lira Ċiprijotta f'Marzu 2007, kemm bilateralment kontra l-euro kif ukoll f'termini effettivi, kienet qrib il-medji storiċi meta kkalkulata minn Jannar 1996 u mill-introduzzjoni ta' l-euro fl-1999 'l hawn, (ara t-Tabella 10).

Dwar l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti, Ċipru rrapporta kważi konsistentement bilanċi negattivi fil-kont kapitali u l-kont kurrenti meħuda flimkien, li kultant kienu kbar. F'dawn l-aħħar snin, dawn id-defiċits żdiedu – minn 2.0% tal-PDG fl-2003 għal 5.9.% tal-PDG fl-2006 – l-iżjed minħabba defiċit akbar fuq prodotti (minn 23.9% għal 27.5% tal-PDG, marbuta l-aktar ma' l-iżviluppi fil-prezzijiet taż-żejt), waqt li l-bilanċ pożittiv fis-servizzi baqa' kważi kif kien (f'livell ta' ftit iżjed minn

3 Madankollu ma jeżisti l-ebda metodu miftiehem biex jiġu stmati l-obbligazzjonijiet fiskali kontinġenti kollha u l-istimi jvarjaw ħafna.

23% tal-PDG). Fl-istess ħin, waqt li d-dħul nett mill-investiment dirett (parzjalment dħul ri-investit) kien sinifikanti, id-dħul nett minn investimenti finanzjarji kien iżjed volatili. Ħafna mill-iffinanzjar tad-defiċits tal-kont kurrenti u l-kont kapitali meħuda flimkien f'dawn l-aħħar sentejn ġie wkoll minn dħul kapitali fil-forma ta' "investiment ieħor", li kien jinkludi fih depożiti u self mhux residenti. Dħul ieħor minn investiment ammonta għaċ-ċifra għolja ta' 11.3% tal-PDG fl-2006. Billi d-dħul kapitali kien ogħla mid-defiċit tal-kontijiet kurrenti u kapitali bejn l-2004 u l-2006, f'dan il-perijodu Ċipru kellu akkumulazzjoni ta' riżervi uffiċjali. Il-pożizzjoni netta ta' l-investiment internazzjonali tal-pajjiż hi pożittiva u ammontat għal 10.3% tal-PDG fl-2006 (ara t-Tabella 11).

Ta' min jiftakar li Ċipru għandu ekonomija żgħira u miftuħa li, fl-2006, kellha kummerċ barrani fil-prodotti u s-servizzi li, bħala proporzjon tal-PDG, kien jammonta għal 47.5% fir-rigward ta' l-esportazzjoni u għal 51.7% fir-rigward ta' l-importazzjoni. Fl-istess sena, l-esportazzjoni ta' prodotti lejn iż-żona ta' l-euro u lejn l-UE, bħala sehem mill-esportazzjoni totali, ammontat għal 50.5% u 68.5% rispettivament. Fl-2006, iċ-ċifri korrispondenti għall-importazzjoni, bħala perċentwal ta' l-importazzjoni totali, kienu ta' 55.3% u 67.1%.

Fir-rigward tat-twettiq ta' l-impenji li ttieħdu mad-dħul fl-ERM II, jistgħu jsiru dawn l-osservazzjonijiet li ġejjin. Mid-dħul fl-ERM II 'l hawn, is-sitwazzjoni fiskali f'Ċipru tjiebet u sa ċertu punt dan irrifletta miżuri temporanji li ttieħdu b'mod partikolari fl-2005. B'mod ġenerali, it-tkabbir fil-pagi kien ogħla mit-tkabbir fil-produttività tal-ħaddiema, għalkemm fis-settur pubbliku t-tkabbir bażiku tal-pagi baqa' kkontrollat. Ġew implimentati għadd ta' miżuri prudenzjali fi sfond ta' tkabbir kbir fil-kreditu. Fl-aħħarnett, sar xi progress fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali, iżda hemm bżonn ta' iżjed sforzi biex il-flessibbiltà u l-adattabbiltà ta' l-ekonomija jitjiebu – dan jinkludi wkoll progress fit-tneħħija tal-mekkaniżmi ta' l-indiċjar tas-salarji.

## 4.2 ŻVILUPPI FIR-RATI TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

Tul il-perijodu ta' referenza minn April 2006 sa Marzu 2007, ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil f'Ċipru bħala medja kienu ta' 4.2% u għalhekk kienu inqas sew mill-valur ta' referenza ta' 6.4% użat għall-kriterju tar-rati ta' l-imgħax (ara t-Tabella 12).

Minn Jannar 2001 'l hawn, ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil kellhom xejra 'l isfel, għalkemm b'mod volatili (ara ċ-Ċart 7a)[4]. Ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil naqsu minn madwar 7.7% fil-bidu tal-2001 għal madwar 4.6% fil-bidu ta' l-2003 u kienu stabbli fil-perijodu ta' wara peress li sar tnaqqis fir-rati ta' l-imgħax ewlenin mis-Central Bank of Cyprus. F'April 2004 is-Central Bank of Cyprus biddel il-politika monetarja u għolla r-rati ta' l-imgħax uffiċjali tiegħu b'punt perċentwali fid-dawl ta' inċertezzi politiċi marbuta man-negozjati tar-ri-unifikazzjoni, xnigħat ta' żvalutazzjoni akkumpanjati minn ħruġ ta' kapital mill-pajjiż u bilanċi fiskali negattivi kbar. Din il-politika kkontribwiet għal żieda fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil, li laħqu 6.6% f'Settembru 2004. Minn Ottubru 2004 'l hawn, ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil naqsu b'mod sinifikanti u f'Marzu 2007 kienu f'livell ta' 4.5%. Dan l-iżvilupp irrifletta tnaqqis fir-rata ta' l-inflazzjoni, titjib fil-bilanċi fiskali u aktar tnaqqis fir-rati ta' l-imgħax uffiċjali. Ix-xejra 'l isfel fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil kompliet tissaħħaħ meta l-lira Ċiprijotta ssieħbet fl-ERM II f'Mejju 2005, u dan ġab miegħu aktar influss ta' kapital lejn il-pajjiż u tisħiħ tar-rata tal-kambju kontra l-euro. Jista' jkun li l-aspettattivi li Ċipru jadotta l-euro kellhom impatt favorevoli wkoll. Barra dan, fid-dawl ta'dawn l-iżviluppi, l-i*spread* bejn ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil f'Ċipru u r-rendiment

4 L-2001 hi l-ewwel sena li għaliha f'Ċipru teżisti *data* fuq ir-rata ta' referenza ta' l-imgħax fuq żmien twil.

medju fuq titoli tal-gvern fiż-żona ta' l-euro naqset b'mod sinifikanti fl-2005 u baqgħet madwar iż-żero f'dawn l-aħħar trimestri. Dan jindika livell qawwi ta' konverġenza fir-rati ta' l-imgħax (ara ċ-Ċart 7b).

# LISTA TA' TABELLI U ĊARTS


## ĊIPRU

### 1 ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

Tabella 1: Inflazzjoni HICP 44
Ċart 1: Żviluppi fil-prezzijiet 44
Tabella 2: Kejl ta' l-inflazzjoni u indikaturi relatati 44
Tabella 3: Xejriet u previżjonijiet reċenti ta' l-inflazzjoni
(a) Xejriet reċenti fl-HICP
(b) Previżjonijiet dwar l-inflazzjoni 45

### 2 ŻVILUPPI FISKALI

Tabella 4: Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali 46
Ċart 2: Dejn gross tal-gvern ġenerali
(a) Livelli
(b) Bidla annwali u fatturi bażi 46
Tabella 5: Dejn gross tal-gvern ġenerali – karatteristiċi strutturali 46
Ċart 3: Bilanċ pożittiv (+)/negattiv (-) tal-gvern ġenerali
(a) Livelli
(b) Bidla annwali u fatturi bażi 47
Tabella 6: Aġġustament defiċit-dejn tal-gvern ġenerali 47
Ċart 4: Spiża u dħul tal-gvern ġenerali 48
Ċart 5: Dejn futur potenzjali bħala proporzjon skond ipotesijiet alternattivi għall-bilanċ fiskali bħala proporzjon 48
Tabella 7: Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali 48
Tabella 8: Projezzjonijiet għall-piż fiskali minħabba l-età tal-popolazzjoni 49

### 3 ŻVILUPPI FIR-RATA TAL-KAMBJU

Tabella 9: (a) Stabbiltà tar-rata tal-kambju
(b) Indikaturi ewlenin tal-pressjoni tar-rata tal-kambju fuq il-lira Ċiprijotta 50
Ċart 6: Lira Ċiprijotta: Devjazzjoni mir-rata ċentrali ta' l-ERM II 50
Tabella 10: Lira Ċiprijotta: Żviluppi fir-rata tal-kambju reali 51
Tabella 11: Żviluppi esterni 51

### 4 ŻVILUPPI TAR-RATA TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

Tabella 12: Rati ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIRs) 52
Ċart 7: (a) Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIR)
(b) Differenzjali fl-inflazzjoni LTIR u dik HICP fil-konfront taż-żona ta' l-euro 52

# I ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

## Tabella 1 Inflazzjoni HICP

(bidliet fil-perċentwali annwali)

| | 2006 Diċ. | 2007 Jan. | Frar | Mar. | Apr. 2006 sa Mar. 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Inflazzjoni HICP | 1.5 | 1.4 | 1.2 | 1.4 | **2.0** |
| *Valur ta' referenza* [1] | | | | | ***3.0*** |
| *Żona ta' l-euro* [2] | *1.9* | *1.8* | *1.8* | *1.9* | ***2.1*** |

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).
1) Il-kalkolu għall-perijodu minn April 2006 sa Marzu 2007 hu bbażat fuq il-medja aritmetika mhux ippeżata tal-bidliet perċentwali annwali ta' l-HICP għall-Finlandja, il-Polonja u l-Isvezja, biż-żieda ta' 1.5 punti perċentwali.
2) Iż-żona ta' l-euro hi inkluża għal għanijiet ta' tagħrif biss.

## Ċart 1 Żviluppi fil-prezzijiet

(bidliet perċentwali medji annwali)




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

## Tabella 2 Kejl ta' l-inflazzjoni u indikaturi relatati

(bidliet perċentwali annwali, sakemm mhux dikjarat mod ieħor)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kejl ta' inflazzjoni** | | | | | | | | | | |
| HICP | 3.3 | 2.3 | 1.1 | 4.9 | 2.0 | 2.8 | 4.0 | 1.9 | 2.0 | 2.2 |
| HICP minbarra ikel mhux ipproċessat u enerġija | 2.5 | 3.1 | 1.5 | 2.8 | 1.6 | 2.1 | 3.1 | 0.8 | 0.8 | 0.8 |
| CPI | 3.6 | 2.2 | 1.7 | 4.1 | 2.0 | 2.8 | 4.1 | 2.3 | 2.5 | 2.5 |
| CPI minbarra bidliet fit-taxxi indiretti | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| *Deflator* tal-konsum privat | 2.0 | 1.6 | 2.1 | 3.7 | 2.4 | 2.4 | 4.0 | 1.9 | 2.7 | 2.6 |
| *Deflator* tal-PDG | 2.4 | 2.9 | 2.3 | 3.8 | 3.4 | 1.2 | 5.1 | 3.3 | 2.4 | 2.5 |
| Prezzijiet tal-produtturi [1] | 2.7 | -0.1 | 2.7 | 7.6 | 1.1 | 2.4 | 3.8 | 5.9 | 5.1 | 3.9 |
| **Indikaturi relatati** | | | | | | | | | | |
| Tkabbir reali tal-PDG | 2.3 | 5.0 | 4.8 | 5.0 | 4.0 | 2.0 | 1.8 | 4.2 | 3.9 | 3.8 |
| PDG *per capita* f'PPS [2] (żona ta' l-euro = 100) | 72.8 | 73.8 | 74.6 | 75.6 | 77.8 | 76.7 | 79.5 | 82.3 | 83.9 | - |
| Livelli tal-prezzijiet paragunabbli (żona ta' l-euro = 100) | 87.7 | 88.4 | 89.1 | 91.4 | 91.6 | 89.9 | 87.8 | 87.2 | 87.7 | - |
| *Output gap* [3] | -2.2 | -0.9 | 0.5 | 2.1 | 2.9 | 1.4 | -0.5 | -0.7 | -1.2 | -1.0 |
| Rata tal-qgħad (%) [4] | 4.4 | 4.3 | 4.6 | 4.9 | 3.8 | 3.6 | 4.1 | 4.6 | 5.2 | 4.7 |
| *Unit labour costs*, l-ekonomija kollha | 3.7 | -0.3 | 1.5 | 2.8 | 1.8 | 5.1 | 9.5 | 1.6 | 1.3 | 1.9 |
| Kumpens għal kull ħaddiem, l-ekonomija kollha | 5.5 | 3.1 | 4.5 | 6.3 | 3.6 | 4.9 | 7.4 | 2.0 | 1.6 | 4.2 |
| Produttività tal-ħaddiema, l-ekonomija kollha | 1.7 | 3.4 | 2.9 | 3.4 | 1.8 | -0.1 | -1.9 | 0.4 | 0.3 | 2.3 |
| *Deflator* ta' l-importazzjoni ta' prodotti u servizzi | 3.7 | 0.0 | 2.5 | 5.2 | 1.1 | 1.1 | -0.3 | 2.3 | 4.5 | 2.0 |
| Rata tal-kambju nominali effettiva [5] | 2.4 | 2.3 | -2.6 | -4.2 | 0.6 | 1.7 | 3.6 | 1.9 | 0.8 | 0.5 |
| L-aggregat monetarju shiħ (M3) [6] | 10.7 | 9.9 | 16.0 | 9.1 | 13.2 | 11.0 | 3.9 | 6.0 | 9.8 | 14.9 |
| Self mill-banek [6] | 12.4 | 14.7 | 14.6 | 12.2 | 12.0 | 7.9 | 4.8 | 6.3 | 5.8 | 15.8 |
| Prezzijiet ta' l-istokks (Indiċi Ġenerali CSE) [7] | -6.0 | 17.2 | 688.1 | -65.8 | -47.2 | -26.8 | -14.7 | -10.0 | 51.6 | 128.8 |
| Prezzijiet tal-proprjetà residenzjali | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |

Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat), *data* nazzjonali (CPI, l-aggregat monetarju shiħ u self mill-banek) u l-Kummissjoni Ewropea (*output gap*).
1) L-industrija totali minbarra l-kostruzzjoni, bejgħ domestiku.
2) PPS tfisser *Purchasing Power Standards* (standards tal-poter ta' l-akkwist).
3) Perċentwal tal-PDG potenzjali. Sinjal pożittiv (negattiv) jindika li l-PDG attwali hu ogħla (iżjed baxx) mill-PDG potenzjali.
4) Id-definizzjoni hi konformi mal-linji gwida ta' l-ILO. Id-*data* għall-1997-99 hi bbażata fuq id-definizzjoni nazzjonali.
5) Sinjal pożittiv (negattiv) jindika apprezzament (deprezzament).
6) Rati tat-tkabbir annwali ta' tmiem il-perijodu skond id-definizzjoni nazzjonali, kif ikkumpilati mill-Bank Ċentrali ta' Ċipru. L-Indiċi Ġenerali CSE, li ġie introdott f'Marzu 1996, ma baqax jintuża wara t-tmiem ta' l-2005. *Data* minn Jannar 2006 tirreferi għall-Indiċi Ġenerali CSE l-ġdid.

**Tabella 3 Xejriet u previżjonijiet reċenti ta' l-inflazzjoni**

(bidliet fil-perċentwali annwali)

**(a) Xejriet reċenti fl-HICP**

| | 2006 | | 2007 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Nov. | Diċ. | Jan. | Frar | Mar. |
| **HICP** | | | | | |
| Bidla perċentwali annwali | 1.3 | 1.5 | 1.4 | 1.2 | 1.4 |
| Bidla fil-medja tar-rata annwalizzata ta' l-aħħar tliet xhur fuq it-tliet xhur ta' qabel, aġġustata skond l-istaġun | 0.2 | -0.4 | -0.1 | 0.8 | 1.8 |
| Bidla fil-medja tar-rata annwalizzata ta' l-aħħar sitt xhur fuq is-sitt xhur ta' qabel, aġġustata skond l-istaġun | 1.7 | 1.4 | 1.1 | 0.8 | 0.7 |

Sorsi: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) u tal-BĊE.

**(b) Previżjonijiet dwar l-inflazzjoni**

| | 2007 | 2008 |
|---|---|---|
| HICP, Kummissjoni Ewropea (rebbiegħa 2007) | 1.3 | 2.0 |
| CPI, OECD [1] | - | - |
| CPI, IMF (April 2007) | 2.1 | 2.1 |
| CPI, *Consensus Economics* (Marzu 2007) | 2.0 | 1.9 |

Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea, l-OECD, l-IMF u l-*Consensus Economics*.
1) Ċipru mhux membru ta' l-OECD.

# 2 ŻVILUPPI FISKALI

## Tabella 4 Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)

| | 2005 | 2006 | 2007 [1] |
|---|---|---|---|
| Bilanċ pożittiv (+) / negattiv (-) tal-gvern ġenerali | -2.3 | -1.5 | -1.4 |
| *Valur ta' referenza* | *-3.0* | *-3.0* | *-3.0* |
| Bilanċ pożittiv / negattiv, nett mill-ispiża tal-gvern għall-investiment [2] | 0.8 | 1.8 | 1.9 |
| Dejn gross tal-gvern ġenerali | 69.2 | 65.3 | 61.5 |
| *Valur ta' referenza* | *60.0* | *60.0* | *60.0* |

Sorsi: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE.
1) Projezzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.
2) Sinjal pożittiv (negattiv) jindika li d-defiċit tal-gvern hu iżjed baxx (ogħla) mill-ispiża għall-investiment.

## Ċart 2 Dejn gross tal-gvern ġenerali

**(a) Livelli**
(bħala perċentwali tal-PDG)

**(b) Bidla annwali u fatturi bażi**
(punti perċentwali tal-PDG)




Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea u BĊE.
Nota: Fiċ-Ċart 2 (b) valur negattiv jindika kontribut tal-fattur rispettiv għal tnaqqis fid-dejn bħala proporzjon, waqt li valur pożittiv jindika kontribut għaż-żieda fid-dejn bħala proporzjon.

## Tabella 5 Dejn gross tal-gvern ġenerali – karatteristiċi strutturali

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dejn totali** (bħala perċentwali tal-PDG) | 54.4 | 58.4 | 58.7 | 58.8 | 60.7 | 64.7 | 69.1 | 70.3 | 69.2 | 65.3 |
| **Kompożizzjoni skond il-munita** | | | | | | | | | | |
| (% tat-total) | | | | | | | | | | |
| F'munita domestika | 79.3 | 77.0 | 72.7 | 75.9 | 79.9 | 79.7 | 77.7 | 72.8 | 75.4 | 78.1 |
| F'muniti barranin | 20.7 | 23.0 | 27.3 | 24.1 | 20.1 | 20.3 | 22.3 | 27.2 | 24.6 | 21.9 |
| Euro [1] | 11.2 | 15.4 | 20.2 | 16.8 | 15.4 | 16.7 | 16.6 | 20.9 | 17.7 | 14.8 |
| Muniti barranin oħrajn | 9.5 | 7.7 | 7.2 | 7.3 | 4.8 | 3.7 | 5.8 | 6.2 | 6.9 | 7.0 |
| **Proprjetà ta' residenti** (% tat-total) | 79.3 | 77.0 | 72.7 | 75.9 | 79.9 | 79.7 | 77.7 | 72.8 | 75.4 | 78.1 |
| **Medja ta' maturità residwa** (fi snin) | 3.0 | 4.0 | 3.0 | 3.0 | 2.0 | 7.0 | 6.3 | 6.2 | 6.2 | 6.2 |
| **Kompożizzjoni skond il-maturità** [2] | | | | | | | | | | |
| (% tat-total) | | | | | | | | | | |
| Fuq żmien qasir (sa u inkluż ta' sena) | 57.0 | 49.6 | 43.7 | 43.0 | 39.7 | 14.7 | 13.6 | 10.0 | 6.8 | 5.7 |
| Fuq żmien medju u twil (iżjed minn sena) | 43.0 | 50.4 | 56.3 | 57.0 | 60.3 | 85.3 | 86.4 | 90.0 | 93.2 | 94.3 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
Nota: *Data* ta' tmiem is-sena. Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti tagħhom huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
1) Jinkludi dejn denominat f'euro u, qabel l-1999, f'ECU jew f'waħda mill-muniti ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro.
2) Maturità oriġinali.

## Ċart 3 Bilanċ pożittiv (+) / negattiv (-) tal-gvern ġenerali

**(a) Livelli**
(bħala perċentwali tal-PDG)

**(b) Bidla annwali u fatturi bażi**
(punti perċentwali tal-PDG)




Sorsi: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE.
Nota: Fiċ-Ċart 3 (b) valur negattiv jindika kontribut għaż-żieda fid-defiċit, waqt li valur pożittiv jindika kontribut għat-tnaqqis tad-defiċit.

## Tabella 6 Aġġustament defiċit-dejn tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bidla fid-dejn tal-gvern ġenerali [1] | 6.5 | 8.1 | 4.3 | 5.0 | 6.0 | 5.9 | 8.6 | 6.1 | 3.1 | 0.2 |
| Bilanċ pożittiv (+) / negattiv (-) tal-gvern ġenerali | -5.0 | -4.1 | -4.3 | -2.3 | -2.2 | -4.4 | -6.3 | -4.1 | -2.3 | -1.5 |
| **Aġġustament defiċit-dejn** | 1.5 | 4.0 | -0.1 | 2.7 | 3.8 | 1.4 | 2.3 | 2.1 | 0.8 | -1.3 |
| **Akkwist nett (+) / bejgħ nett (-) ta' assi finanzjarji** | 1.4 | 3.8 | 0.1 | 2.2 | 3.8 | 1.4 | 2.4 | 1.7 | 0.8 | -1.2 |
| Munita u depożiti | 1.2 | 3.7 | 0.0 | 2.3 | 3.6 | 0.8 | 1.5 | 1.2 | 0.3 | -0.5 |
| Self u titoli oħra li mhumiex ishma | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.2 | 0.2 | 0.1 | 0.2 | -0.6 |
| Ishma u titoli azzjonarji oħra | 0.0 | 0.0 | 0.0 | -0.6 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Privatizzazzjoni | 0.0 | 0.0 | 0.0 | -0.6 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Injezzjonijiet ta' titoli azzjonarji | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Oħrajn | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Assi finanzjarji oħra | 0.2 | 0.1 | 0.1 | 0.5 | 0.2 | 0.4 | 0.7 | 0.3 | 0.3 | -0.1 |
| **Bidliet fil-valutazzjoni tad-dejn tal-gvern ġenerali** | -0.2 | 0.1 | -0.4 | 0.1 | 0.0 | 0.2 | 0.0 | 0.2 | 0.1 | -0.1 |
| Qligħ (-) / telf (+) ta' l-investiment tal-kambju barrani | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.2 | 0.1 | 0.1 | 0.1 | 0.1 |
| Effetti oħra tal-valutazzjoni [2] | -0.2 | 0.1 | -0.4 | 0.1 | 0.0 | -0.1 | 0.0 | 0.1 | -0.1 | -0.2 |
| **Bidliet oħra fid-dejn tal-gvern ġenerali** [3] | 0.3 | 0.0 | 0.2 | 0.4 | 0.0 | -0.1 | -0.1 | 0.1 | -0.1 | 0.0 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
Nota: Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti tagħhom huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
1) Bidla annwali fid-dejn tul il-perijodu t bħala perċentwal tal-PDG tul il-perijodu t, i.e. [dejn(t) – dejn(t-1)]/PDG(t).
2) Jinkludi d-differenza bejn il-valutazzjoni nominali u l-valutazzjoni tas-suq, tad-dejn maħruġ mill-gvern ġenerali.
3) Transazzjonijiet f'kontijiet oħra li huma dovuti (obbligazzjonijiet tal-gvern), ri-klassifika tas-settur u diskrepanzi statistiċi. Din il-partita tista' tkopri wkoll ċerti każijiet ta' assunzjoni ta' dejn.

## Ċart 4 Spiża u dħul tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)




Sors: SEBĊ.

## Ċart 5 Dejn futur potenzjali bħala proporzjon skond ipotesijiet alternattivi għall-bilanċ fiskali bħala proporzjon

(bħala perċentwali tal-PDG)




Sorsi: Projezzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u kalkoli tal-BĊE..

Nota: It-tliet xenarji jassumu li, ipprojettata id-dejn bħala proporzjon tal-PDG għall-2007 hu ta' 61.5% kif previst u li l-bilanċ ġenerali ta' -1.4% tal-PDG jew li l-bilanċ primarju ta' 1.7% tal-PDG se jinżamm kostanti tul il-perijodu li qed jiġi kkunsidrat (bħala perċentwal tal-PDG), jew, alternattivament, li jinżamm baġit ibbilanċjat mill-2008 'l quddiem. Wieħed jassumi rata nominali ta' l-imgħax ta' 6% (kost medju reali tad-dejn pubbliku pendenti ta' 4% flimkien ma' 2% inflazzjoni). Ir-rata tat-tkabbir tal-PDG reali hi kif ipprojettata mill-Kummissjoni Ewropea fil-previżjoni tagħha tar-rebbiegħa 2007 għall-2008 u kif meqjusa mill-Kumitat ta' l-UE għall-Politika Ekonomika u mill-Kummissjoni Ewropea għall-2009 u 2010. Wieħed jassumi li l-aġġustamenti deficit-dejn huma żero.

## Tabella 7 Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul totali** | 31.2 | 32.6 | 32.5 | 34.7 | 35.9 | 35.9 | 38.8 | 38.8 | 41.2 | 42.4 |
| Dħul kurrenti | 31.2 | 32.5 | 32.4 | 34.6 | 35.9 | 35.9 | 38.7 | 38.0 | 40.2 | 42.3 |
| Taxxi diretti | 8.6 | 9.7 | 10.6 | 10.9 | 11.1 | 11.2 | 9.6 | 8.0 | 9.3 | 10.9 |
| Taxxi indiretti | 10.1 | 11.1 | 10.7 | 12.4 | 13.0 | 13.3 | 16.4 | 16.9 | 16.9 | 17.8 |
| Kontributi tas-sigurtà soċjali | 7.0 | 6.9 | 6.6 | 6.5 | 6.8 | 6.7 | 7.0 | 7.7 | 8.3 | 8.0 |
| Dħul kurrenti ieħor | 5.5 | 4.9 | 4.5 | 4.7 | 5.0 | 4.6 | 5.7 | 5.5 | 5.8 | 5.6 |
| Dħul kapitali | 0.0 | 0.1 | 0.1 | 0.1 | 0.1 | 0.0 | 0.1 | 0.8 | 1.0 | 0.1 |
| **Infiq totali** | 36.2 | 36.7 | 36.8 | 37.0 | 38.2 | 40.3 | 45.1 | 42.9 | 43.6 | 43.9 |
| Infiq kurrenti | 32.7 | 33.3 | 33.6 | 33.5 | 34.8 | 36.7 | 41.1 | 38.7 | 40.0 | 40.0 |
| Kumpens tal-ħaddiema | 13.7 | 13.5 | 13.5 | 13.5 | 13.2 | 13.8 | 15.6 | 14.8 | 14.8 | 14.8 |
| Benefiċċji soċjali minbarra dawk *in kind* | 7.8 | 8.7 | 8.9 | 9.0 | 9.2 | 10.2 | 11.3 | 12.0 | 12.7 | 12.3 |
| Imgħax pagabbli | 2.5 | 3.1 | 3.0 | 3.4 | 3.4 | 3.2 | 3.4 | 3.3 | 3.4 | 3.3 |
| *li minnu:* impatt ta' *swaps* u FRAs | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Infiq kurrenti ieħor | 8.8 | 8.0 | 8.2 | 7.7 | 9.0 | 9.5 | 10.8 | 8.5 | 9.1 | 9.7 |
| Infiq kapitali | 3.5 | 3.4 | 3.2 | 3.5 | 3.4 | 3.6 | 4.0 | 4.2 | 3.6 | 3.9 |
| **Bilanċ pożittiv (+)/negattiv (-)** | -5.0 | -4.1 | -4.3 | -2.3 | -2.2 | -4.4 | -6.3 | -4.1 | -2.3 | -1.5 |
| Bilanċ primarju | -2.5 | -1.1 | -1.3 | 1.0 | 1.1 | -1.2 | -2.9 | -0.8 | 1.1 | 1.7 |
| Bilanċ pożittiv/negattiv, nett mill-ispiża tal-gvern għall-investiment | -2.0 | -1.3 | -1.9 | 0.6 | 0.7 | -1.4 | -2.9 | 0.0 | 0.8 | 1.8 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.

Nota: Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti tagħhom huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ. Imgħax pagabbli kif irrappurtat skond il-proċedura tad-defiċit eċċessiv. Il-partita "impatt ta' *swaps* u FRAs" hi ugwali għad-differenza bejn l-imgħax (jew bilanċ negattiv/pożittiv) kif definit fil-proċedura tad-defiċit eċċessiv u fl-ESA 95. Ara r-Regolament (KE) Nru. 2558/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riklassifika ta' pagamenti skond l-arranġamenti tas-*swaps* u skond ftehim b'rata miftehma bil-quddiem.

**Tabella 8 Projezzjonijiet għall-piż fiskali minħabba l-età tal-popolazzjoni**

(perċentwali)

| | 2004 | 2010 | 2020 | 2030 | 2040 | 2050 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Anzjani dipendenti bħala proporzjon (popolazzjoni ta' 65 sena u fuqhom bħala proporzjon tal-popolazzjoni ta' 15-64 sena) | 17.5 | 19.1 | 25.5 | 32.9 | 36.1 | 43.2 |
| Bidla fl-infiq tal-gvern marbut ma' l-età (bħala punti perċentwali tal-PDG) imqabbel ma' l-2004 | - | 0.1 | 1.2 | 4.1 | 7.0 | 11.8 |

Sors: "The impact of ageing on public expenditure: projections for the EU25 Member States on pensions, health care, long-term care, education and unemployment transfers (2004-2050)", Kumitat għall-Politika Ekonomika u Kummissjoni Ewropea (2006).

# 3 ŻVILUPPI FIR-RATA TAL-KAMBJU

## Tabella 9 (a) Stabbiltà tar-rata tal-kambju

| | |
|---|---|
| Sħubija fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (ERM II) | Iva |
| Sħubija sa minn | 2 ta' Mejju 2005 |
| Rata ċentrali CYP/EUR fi ħdan l-ERM II | 0.585274 |
| Faxxa ta' ċaqliq ERM II | ± 15% |
| Żvalutazzjoni tar-rata ċentrali bilaterali fuq l-inizjattiva tal-pajjiż stess | Le |
| Apprezzament massimu [1] | 2.1 |
| Deprezzament massimu [1] | 0.0 |

Sors: BĊE.
1) Devjazzjonijiet perċentwali massimi mir-rata ċentrali ta' l-ERM II tul il-perijodu mit-2 ta' Mejju 2005 sa s-26 t'April 2007, abbażi ta' *data* ta' kuljum irreġistrata waqt il-ġranet tax-xogħol. Devjazzjoni 'l fuq/'l isfel tfisser li l-munita qiegħda fuq in-naħa l-qawwija/d-dgħajfa tal-faxxa.

## (b) Indikaturi ewlenin tal-pressjoni tar-rata tal-kambju fuq il-lira Ċiprijotta

(medja ta' perijodu ta' tliet xhur li jintemm f'xahar speċifikat)

| | 2005 | | | 2006 | | | | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ġunju | Sett. | Diċ. | Mar. | Ġunju | Sett. | Diċ. | Mar. |
| Instabbiltà tar-rata tal-kambju [1] | 0.9 | 0.2 | 0.2 | 0.2 | 0.4 | 0.2 | 0.2 | 0.2 |
| Differenzjal fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien qasir [2] | 2.4 | 1.7 | 1.2 | 0.7 | 0.3 | 0.0 | 0.1 | 0.1 |

Sorsi: *Data* nazzjonali u kalkoli tal-BĊE.
1) Devjazzjoni standard ta' kull xahar annwalizzata (bħala perċentwal) tal-bidliet perċentwali ta' kuljum tar-rata tal-kambju kontra l-euro.
2) Differenzjal (f'punti perċentwali) bejn ir-rati trimestrali ta' l-imgħax inter-bankarju u l-EURIBOR trimestrali.

## Ċart 6 Lira Ċiprijotta: devjazzjoni mir-rata ċentrali ta' l-ERM II

(*data* ta'kuljum; devjazzjoni perċentwali; 2 ta' Mejju 2005 sa s-26 t'April 2007)




Sors: BĊE.
Nota: Il-linja vertikali tindika d-data tas-sħubija fl-ERM II (2 ta' Mejju 2005). Devjazzjoni pożittiva/negattiva mir-rata ċentrali tindika li l-munita hi fuq in-naħa l-qawwija/dgħajfa tal-faxxa. Għal-lira Ċiprijotta, il-faxxa taċ-ċaqliq hi ± 15%. Devjazzjonijiet qabel it-2 ta' Mejju 2005 jirreferu għar-rata ċentrali tal-lira Ċiprijotta kif stabbilita mas-sħubija fl-ERM II.

## Tabella 10 Lira Ċiprijotta: żviluppi fir-rata tal-kambju reali

(*data* ta' kull xahar; devjazzjonijiet perċentwali; Marzu 2007 imqabbel ma' perijodi differenti ta' referenza)

| | Medja Jan. 1996 sa Mar. 2007 | Medja Jan. 1999 sa Mar. 2007 |
|---|---|---|
| Rata tal-kambju bilaterali reali kontra l-euro [1] | 2.0 | 0.5 |
| *Memoranda:* | | |
| Rata tal-kambju nominali effettiva [2] | 4.7 | 4.6 |
| Rata tal-kambju reali effettiva [1), 2] | 7.2 | 6.3 |

Sors: BĊE.
Nota: Sinjal pożittiv jindika apprezzament, waqt li sinjal negattiv jindika deprezzament.
1) Abbażi ta' l-iżviluppi HICP u CPI.
2) Rata tal-kambju effettiva kontra ż-żona ta' l-euro, Stati membri ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro u 10 sħab ewlenin oħra tan-negozju.

## Tabella 11 Żviluppi esterni

(bħala perċentwali tal-PDG, sakemm mhux dikjarat mod ieħor)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bilanċ tal-pagamenti** | | | | | | | | | | |
| Bilanċ tal-kont kurrenti flimkien ma' dak tal-kont kapitali [1] | -4.7 | 3.1 | -1.7 | -5.2 | -3.2 | -3.5 | -2.0 | -4.1 | -5.1 | -5.9 |
| Bilanċ tal-kont kurrenti | -4.7 | 3.1 | -1.7 | -5.3 | -3.3 | -3.7 | -2.2 | -5.0 | -5.6 | -5.9 |
| Bilanċ tal-kont kapitali | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.1 | 0.1 | 0.2 | 0.3 | 0.9 | 0.5 | 0.0 |
| Bilanċ tal-prodotti | -23.3 | -25.4 | -23.6 | -28.0 | -26.7 | -27.3 | -23.9 | -25.6 | -25.0 | -27.5 |
| Bilanċ tas-servizzi | 21.4 | 22.0 | 24.4 | 26.7 | 28.3 | 26.2 | 23.4 | 22.9 | 22.3 | 23.4 |
| Bilanċ tad-dħul | -3.2 | 6.0 | -3.6 | -5.8 | -5.4 | -3.7 | -2.8 | -3.3 | -3.5 | -2.8 |
| Bilanċ ta' l-għotjiet kurrenti | 0.4 | 0.5 | 1.1 | 1.9 | 0.6 | 1.1 | 1.1 | 1.1 | 0.5 | 1.1 |
| Bilanċ ta' l-investiment dirett u finanzjarju flimkien [1] | 7.1 | 4.9 | 4.0 | 4.3 | 10.0 | 0.0 | 4.3 | 9.7 | 3.5 | 0.9 |
| Bilanċ ta' l-investiment dirett | 5.8 | 2.9 | 6.5 | 7.3 | 7.2 | 5.1 | 2.4 | 2.5 | 4.3 | 4.2 |
| Bilanċ ta' l-investiment finanzjarju | 1.2 | 2.0 | -2.5 | -3.1 | 2.8 | -5.1 | 1.9 | 7.2 | -0.8 | -3.3 |
| Bilanċ ta' investiment ieħor | -1.0 | -9.3 | 4.7 | 1.4 | -0.1 | 8.5 | -4.2 | -3.7 | 5.2 | 11.3 |
| Assi ta' riżerva | 0.5 | 0.9 | -6.5 | 0.1 | -6.3 | -3.8 | 1.6 | -2.4 | -4.2 | -5.5 |
| Esportazzjoni ta' prodotti u servizzi | 51.2 | 48.8 | 50.6 | 54.0 | 55.1 | 50.7 | 47.2 | 47.0 | 47.4 | 47.5 |
| Importazzjoni ta' prodotti u servizzi | 53.1 | 52.3 | 49.8 | 55.3 | 53.5 | 51.9 | 47.7 | 49.8 | 50.1 | 51.7 |
| **Pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali nett** [2] | - | - | - | . | . | 10.5 | 4.2 | 14.0 | 19.0 | 10.3 |
| **Kummerċ barrani** | | | | | | | | | | |
| Esportazzjoni ta' prodotti lejn iż-żona ta' l-euro [3] | 16.9 | 22.3 | 33.7 | 34.2 | 33.5 | 35.1 | 38.5 | 37.6 | 52.5 | 50.5 |
| Importazzjoni ta' prodotti miż-żona ta' l-euro [3] | 33.8 | 40.9 | 43.5 | 44.4 | 44.5 | 44.8 | 47.1 | 55.6 | 55.3 | 55.3 |
| Esportazzjoni ta' prodotti lejn l-UE [4] | 28.3 | 39.8 | 57.0 | 58.8 | 53.5 | 55.9 | 59.6 | 65.3 | 71.7 | 68.5 |
| Importazzjoni ta' prodotti mill-UE [4] | 48.3 | 55.8 | 58.3 | 58.2 | 58.3 | 56.9 | 59.4 | 68.0 | 68.3 | 67.1 |

Sorsi: SEBĊ u Eurostat.
1) Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
2) Rapport sħiħ dwar il-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali ġie prodott l-ewwel darba għas-sena ta' referenza 2002. Fis-snin ta' qabel ġew prodotti rapporti parzjali biss.
3) Bħala perċentwal ta' l-esportazzjoni/importazzjoni totali. Id-*data* tirreferi għaż-żona ta' l-euro minbarra s-Slovenja.
4) Bħala perċentwal ta' l-esportazzjoni/importazzjoni totali. Id-*data* tirreferi għall-UE minbarra l-Bulgarija u r-Rumanija.

# 4 ŻVILUPPI TAR-RATA TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

## Tabella 12 Rati ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIRs)

(perċentwali; medja ta' l-osservazzjonijiet tul il-perijodu)

| | 2006 | 2007 | | | Apr. 2006 sa |
|---|---|---|---|---|---|
| | Diċ. | Jan. | Frar | Mar. | Mar. 2007 |
| Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil [1] | 4.3 | 4.4 | 4.4 | 4.5 | **4.2** |
| *Valur ta' referenza* [2] | | | | | ***6.4*** |
| *Żona ta' l-euro* [3] | *3.9* | *4.1* | *4.1* | *4.0* | ***4.0*** |

Sorsi: BĊE u l-Kummissjoni Ewropea.
1) Ir-rata ta' l-imgħax fuq żmien twil hi bbażata fuq ir-rendimenti tas-suq primarju.
2) Il-kalkolu għall-perijodu minn April 2006 sa Marzu 2007 hu bbażat fuq il-medja aritmetika mhux ippeżata tal-livelli tar-rati ta' l-imgħax fil-Polonja, il-Finlandja u l-Isvezja, biż-żieda ta' 2 punti perċentwali.
3) Il-medja taż-żona ta' l-euro hi inkluża għal għanijiet ta' tagħrif biss.

## Ċart 7 Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIR)

**(a) Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIR)**
(medji ta' kull xahar f'perċentwali)

**(b) Differenzjali fl-inflazzjoni LTIR u dik HICP fil-konfront taż-żona ta' l-euro**
(medji ta' kull xahar f'punti perċentwali)




Sorsi: BĊE u l-Kummissjoni Ewropea.

## 4.2 MALTA

### 4.2.1 ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

Tul il-perijodu ta' referenza minn April 2006 sa Marzu 2007, ir-rata medja ta' 12-il xahar ta' l-inflazzjoni HICP f'Malta kienet ta' 2.2%, jiġifieri ħafna inqas mill-valur ta' referenza ta' 3.0% użat għall-kriterju ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet (ara t-Tabella 1). Skond l-aħħar informazzjoni, ir-rata medja ta' 12-il xahar ta' l-inflazzjoni HICP mistennija tkompli tonqos aktar fix-xhur li ġejjin.

Meta wieħed iħares lura fuq perijodu ta' żmien itwal, jara li l-inflazzjoni HICP f'Malta kienet relattivament stabbli, b'ċaqliq ta' bejn 2% u 3% tul is-snin 1999-2006 (ara ċ-Ċart 1). Rati ta' inflazzjoni HICP kemmxejn ogħla ġew irreġistrati fl-1997 u l-1998, l-iżjed minħabba żidiet relattivament qawwija fil-prezzijiet tal-lukandi, tar-restoranti u tat-trasport.

Il-fatt li l-inflazzjoni baqgħet relattivament stabbli tul perijodu twil jirrifletti għadd ta' deċiżjonijiet ekonomiċi importanti, l-iżjed notevoli fosthom id-deċiżjoni li jinżamm arranġament ta' rata ta' kambju marbuta minn meta Malta saret indipendenti fl-1964. Għall-biċċa l-kbira ta' dan il-perijodu, il-lira Maltija kienet marbuta ma' basket ta' muniti, b'piż qawwi assenjat għall-ECU/euro, għall-lira sterlina u għad-dollaru Amerikan. Il-lira Maltija ilha tipparteċipa fl-ERM II mit-2 ta' Mejju 2005 u b'hekk kienet marbuta ma' l-euro. Iż-żamma ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet bħala l-għan ewlieni tal-politika monetarja ġiet imdaħħla fl-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta fl-2002. Il-livelli relattivament ikkontrollati ta' l-inflazzjoni ġew ukoll sostnuti mill-liberalizzazzjoni tal-kummerċ barrani u mir-riformi regolatorji f'ċerti industriji tan-*networks*. Barra dan, il-politika fiskali tat sostenn aktar qawwi lill-kisba ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet tul dawn l-aħħar snin.

Wara perijodu ta' tkabbir ekonomiku qawwi sa s-sena 2000, it-tkabbir fil-produzzjoni naqqas ir-ritmu b'mod sinifikanti, iżda dan ma affettwax l-inflazzjoni, parzjalment minħabba li l-inflazzjoni kienet digà f'livell relattivament baxx fil-bidu ta' dawn l-aħħar għaxar snin. Fis-snin reċenti, l-iżviluppi fl-inflazzjoni kienu kkaġunati wkoll minn għadd ta' fatturi speċjali, bħaż-żieda fir-rata tal-VAT, li daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2004, u, aktar reċentement, bil-miżuri li jaġġustaw b'mod aktar frekwenti l-prezzijiet ta' l-enerġija għall-konsum domestiku ma' dawk internazzjonali. Sa mill-2001 it-tkabbir tal-PDG reali kien bħala medja daqsxejn kajman, u kien hemm sentejn fejn il-produzzjoni naqset (ara t-Tabella 2). Dan il-perijodu ta' staġnar ekonomiku rrifletta dgħjufija esterna, assoċjata parzjalment ma' iżjed kompetizzjoni fis-swieq ta' l-esportazzjoni l-iżjed importanti għal Malta (it-turiżmu u l-elettronika), flimkien ma' fatturi domestiċi, bħal ma kienu l-effetti temporanji ta' ristrutturar fis-settur tal-manifattura. Dan ir-ristrutturar affettwa s-suq tax-xogħol, u ġab miegħu telf ta' mpjiegi f'ċerti industriji tal-manifattura u żieda ta' mpjiegi f'setturi oħra bħal dawk tas-servizzi u tal-farmaċewtika li stabbiliet ruħha dan l-aħħar. Kollox ma' kollox, il-qgħad baqa' bejn wieħed u ieħor stabbli tul dan il-perijodu, bir-rata tal-qgħad fil-livell ta' 7.4% fl-2006. L-iżviluppi fil-pagi u fil-*unit labour costs* kienu kemmxejn volatili iżda, dan l-aħħar, kienu aktar imrażżna minħabba n-nuqqas ta' diskrepanzi bejn in-numru ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol u n-numru ta' nies li qegħdin ifittxu mpjieg. Il-prezzijiet ta' dak li hu importat, li x'aktarx huma affettwati l-iżjed mill-prezzijiet ta' prodotti intermedji (b'mod partikolari l-komponenti elettroniċi), ċaqliq fil-prezzijiet taż-żejt u r-rata tal-kambju tal-lira Maltija mad-dollaru Amerikan, kienu instabbli, speċjalment fl-2001. Fl-2002 l-awtoritajiet bidlu s-sistema tal-kontrolli tal-prezzjijiet għad-diversi tipi ta' fjuwil billi żdiedet il-frekwenza ta' l-aġġustamenti f'dawn il-prezzijiet biex dawn jirriflettu aħjar ix-xejriet globali u fl-istess waqt biex jitneħħew bil-mod is-sussidji fuq id-*diesel*. L-istampa ġenerali ta' l-inflazzjoni tidher ukoll minn indiċijiet rilevanti oħra tal-prezzijiet, bħall-HICP li jeskludi l-ikel mhux ipproċessat u l-enerġija (ara t-Tabella 2).

Meta wieħed iħares lejn l-aktar żviluppi reċenti, jara li r-rata annwali ta' l-inflazzjoni HICP naqset sostanzjalment lejn l-aħħar ta' l-2006 u baqgħet imrażżna fl-ewwel xhur ta' l-2007. Wara li laħqet l-ogħla livell ta' madwar 3.5% f'nofs l-2006, naqset għal inqas minn 1% fl-aħħar xahrejn ta' l-istess sena, u kienet f'livell ta' 0.5% f'Marzu 2007 (ara t-Tabella 3a). It-tnaqqis fl-inflazzjoni għall-aħħar tal-2006 seħħ l-iżjed minħabba li beda jittaffa l-impatt taż-żidiet preċedenti fil-prezz ta' l-enerġija, li kienu affettwaw l-inflazzjoni f'Malta b'mod relattivament qawwi. Dan l-impatt kien marbut ukoll ma' għadd ta' bidliet li l-awtoritajiet Maltin introduċew fl-iffissar tal-prezzijiet tad-dawl u l-ilma. Speċifikament, fil-bidu ta' l-2005 iddaħħlet *surcharge* fuq il-konsum tad-dawl u l-ilma biex b'hekk il-prezzijiet jirriflettu aktar dawk internazzjonali. Minn Novembru 2005 'l hawn, din is-*surcharge* ġiet riveduta kull xahrejn. Qabel, din ir-reviżjoni kienet issir biss kull sitt xhur. Minħabba l-fatt li, qabel Novembru 2005, ir-reviżjoni kienet iddum ma ssir, iż-żieda fil-prezz internazzjonali taż-żejt kienet taffettwa l-inflazzjoni f'Malta relattivament tard (prinċipalment fl-2006). Il-bidliet fil-prezzijiet ikkontrollati (inkluża s-*surcharge* fuq il-konsum tad-dawl u l-ilma) ikkontribwew 0.6 ta' punt perċentwali mit-total ta' l-inflazzjoni HICP fl-2006. Is-sehem tal-prezzijiet ikkontrollati fil-basket HICP hu ta' 7.7% fl-2007, i.e. xi ftit iżjed baxx minn dak tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona ta' l-euro. L-irpiljar ekonomiku li beda fl-2005 kompla matul l-2006, bil-PDG reali jikber b'rata medja annwali ta' 2.9% fl-2006. Minkejja dan, iż-żieda fil-prezzijiet minħabba aktar konsum fl-ekonomija kienet limitata.

Meta wieħed iħares 'l quddiem, jara li l-aħħar previżjonijiet għall-inflazzjoni li saru minn istituzzjonijiet internazzjonali ewlenin ivarjaw minn 1.4% sa 2.4% għall-2007 u minn 2.1% sa 2.3% għall-2008 (ara t-Tabella 3b). Jeżistu riskji li l-inflazzjoni tkompli tiżdied minħabba żidiet ġodda li jista' jkun hemm fil-prezzijiet ta' l-enerġija fuq livell dinji. Fil-ġejjieni, minħabba li l-prezzijiet domestiċi ta' l-enerġija saru jirriflettu aktar dawk internazzjonali, ċaqliq qawwi fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt jista' jaffettwa iżjed malajr l-inflazzjoni lokali. Barra dan, għalkemm mhix kbira daqs f'ċerti pajjiżi oħra bi swieq finanzjarji inqas żviluppati, iż-żieda mgħaġġla u persistenti fil-kreditu, speċjalment lis-settur tal-kostruzzjoni, jeħtieġ li tiġi ssorveljata mill-qrib minħabba li tista' toħloq pressjonijiet fuq il-prezzijiet domestiċi. Riskji għal tnaqqis fil-projezzjonijiet dwar l-inflazzjoni huma marbuta ma' l-effetti tal-kompetizzjoni li qed tiżdied f'xi swieq tal-prodotti, bħal ma huma il-bejgħ bl-imnut ta' l-ikel u l-industrija ta' l-avjazzjoni, u ma' sforzi kontinwi biex il-proċeduri regolatorji u amministrattivi fis-settur pubbliku jsiru iżjed effiċjenti. Meta wieħed iħares iżjed 'il quddiem, jara li l-proċess ta' konverġenza meħtieġ biex jintlaħqu l-livelli ta' l-UE jista' jkollu effett fuq l-inflazzjoni, minħabba li l-PDG *per capita* u l-livelli tal-prezzijiet f'Malta għadhom kemmxejn iżjed baxxi minn dawk fiż-żona ta' l-euro (ara t-Tabella 2). Madankollu, hu diffiċli li wieħed jgħid bl-eżatt x'ikun l-effett fuq l-inflazzjoni minħabba dan il-proċess.

Ambjent li jwassal għal stabbiltà sostenibbli fil-prezzijiet f'Malta jiddependi minn kemm, fost affarijiet oħra, jkun hemm l-implimentazzjoni ta' strateġija fiskali soda u kredibbli fuq żmien medju. Se jkun importanti, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, li żidiet fil-pagi jibqgħu moderati biex jieħdu kont tat-tkabbir fil-produttività tal-ħaddiema, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-iżviluppi fil-pajjiżi kompetituri. Għandha wkoll tingħata attenzjoni biex jingħelbu d-diffikultajiet strutturali li jxekklu t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impjiegi, l-iżjed billi titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Elementi importanti f'dan ir-rigward huma t-tisħiħ tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u t-titjib f'kif jaħdem is-suq tax-xogħol. Miżuri bħal dawn jgħinu wkoll biex dawn is-swieq isiru iżjed flessibbli, u b'hekk jiffaċilitaw il-proċess ta' aġġustament f'każ ta' skossi lill-pajjiż jew lill-industriji partikolari. Il-kapaċità ta' l-ekonomija li tilqa' għal dawn l-iskossi hi importanti minħabba l-livell relattivament għoli ta' speċjalizzazzjoni.

Dawn il-miżuri jistgħu jgħinu biex jinħoloq ambjent li jwassal għal stabbiltà fil-prezzijiet, kif ukoll biex titkattar il-kompetittività u jiżdiedu l-impjiegi.

### 4.2.2 ŻVILUPPI FISKALI

Bħalissa Malta hi s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv; id-data finali għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv hi l-2006. Fis-sena ta' referenza 2006 Malta rreġistrat defiċit fil-bilanċ tal-gvern ġenerali ta' 2.6% tal-PDG, i.e. inqas mill-valur ta' referenza ta' 3% (ara t-Tabella 4). Bħala proporzjon tal-GDP, id-defiċit ma qabiżx l-ispiża fl-investiment pubbliku. Id-dejn tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG kien ta' 66.5%, i.e. ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60%. Meta mqabbel mas-sena ta' qabel, id-defiċit bħala proporzjon naqas 0.5 ta' punt perċentwali u d-dejn tal-gvern bħala proporzjon naqas b'5.9 punti perċentwali. It-tnaqqis qawwi fid-dejn bħala proporzjon kien dovut l-iżjed għal dħul kbir mill-privatizzazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea bassret li fl-2007 id-defiċit bħala proporzjon se jonqos għal 2,1% u d-dejn tal-gvern ġenerali bħala proporzjon hu pprojettat li se jonqos bi ftit għal 65.9%.

Meta wieħed iħares lura lejn is-snin mill-1997 u l-2006, jara li d-dejn tal-gvern bħala proporzjon tal-PDG għola b'mod qawwi b'26.9 punti perċentwali sa l-2004, qabel ma naqas fl-aħħar sentejn (ara ċ-Ċart 2a u t-Tabella 5). Bħalma jidher f'iktar dettall fiċ-Ċart 2b, id-defiċit primarju kien l-iżjed fattur qawwi għaż-żieda tad-dejn bħala proporzjon, waqt li l-bidla għal bilanċ pożittiv primarju dan l-aħħar qed isostni t-tnaqqis sussegwenti fid-dejn bħala proporzjon. Minħabba r-rati baxxi tat-tkabbir fil-PDG reali d-differenzjal bejn it-tkabbir u r-rata ta' l-imgħax ikkawża żieda fid-dejn għal ħafna snin. B'kuntrast, l-aġġustamenti tad-defiċit-dejn ikkawżaw tnaqqis fid-dejn għal ħafna snin, l-iżjed fl-2006 minħabba dħul kbir mill-privatizzazzjoni. Ix-xejriet osservati jagħtu indikazzjoni tar-rabta mill-qrib li hemm bejn il-bilanċ primarju u d-dinamika tad-dejn. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li d-dejn pubbliku li jimmatura fi żmien qasir jispikka fil-livell ta' 12.2% tad-dejn pubbliku totali (ara t-Tabella 5). Meta wieħed iqis il-livell tad-dejn bħala proporzjon jara li l-bilanċi fiskali huma relattivament sensittivi għal bidliet fir-rati ta' l-imgħax. Waqt li d-dejn denominat f'munita barranija jammonta għal proporzjon żgħir tat-total tad-dejn pubbliku ta' Malta, fil-biċċa l-kbira tiegħu dan hu denominat f'euro. Għalhekk il-bilanċi fiskali ma tantx jiġu affetwati minn bidliet fir-rati tal-kambju.

Sa mill-1997 ġiet osservata tendenza ta' volatilità iżda b'titjib gradwali fid-defiċit bħala proporzjon tal-PDG (ara ċ-Ċart 3a u t-Tabella 7). Wara li kien laħaq livelli għolja ħafna ta' madwar 10% fl-1998 u l-2003, id-defiċit bħala proporzjon naqas minn 7.9% tal-PDG fl-1997 għal 2.6% fl-2006. Id-defiċit fl-2006 kien ftit iżjed baxx milli kien antiċipat fil-programm tal-konverġenza preċedenti minħabba tkabbir ekonomiku ferm ogħla milli kien mistenni fil-bidu. Kif jidher f'iżjed dettall fiċ-Ċart 3b, l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea jindikaw li, kollox ma' kollox, fil-perijodu li qed jiġi kkunsidrat, il-fatturi ċikliċi kellhom biss impatt relattivament żgħir fuq il-bidla fil-bilanċ fiskali. Din il-bidla mhux ċiklika fil-bilanċ tal-baġit tal-gvern setgħet irriflettiet jew bidla strutturali dewwiema jew l-effett ta' miżuri temporanji. Fil-każ ta' Malta, il-miżuri temporanji kienu sostanzjali dan l-aħħar. Miżuri bħal dawn żiedu d-defiċit b'madwar 3% tal-PDG fl-2003, meta l-gvern ħa fuqu l-obbligazzjonijiet ta' l-industrija Maltija għat-tiswija u l-bini tal-vapuri. Minn evidenza disponibbli jidher li l-miżuri temporanji, li kienu jinkludu l-bejgħ ta' art, naqqsu d-defiċit b'1.7% tal-PDG fl-2005 u b'0.7% fl-2006. Mingħajr dawn il-miżuri, fl-2006 id-defiċit kien ikun ta' 3.3% tal-PDG.

Meta wieħed imbagħad jeżamina x-xejriet ta' indikaturi fiskali oħra, ċ-Ċart 4 u t-Tabella 7 juru li l-ispiża totali tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG kellha xejra 'l fuq tul il-perijodu li qed jiġi kkunsidrat, u laħqet 45.2% fi tmiem il-perijodu. Mill-2000 sa l-2003 l-ispiża bħala proporzjon żdiedet bil-qawwa,

u dan irrifletta infiq ogħla fuq kumpens għall-impjegati tal-gvern, ħlasijiet soċjali u investiment pubbliku. Minn dak iż-żmien, l-ispiża bħala proporzjon bdiet tonqos gradwalment. Fl-2004 dan irrifletta tnaqqis fl-infiq kapitali bħala perċentwal tal-PDG, waqt li fl-2005 dan kien dovut għal tnaqqis fl-infiq kurrenti. Fl-2006 l-ispiża kemm kurrenti kif ukoll kapitali naqset bħala perċentwal tal-PDG. Kollox ma' kollox, l-ispiża bħala proporzjon, fl-2006, kienet ta' 2.2 punti perċentwali ogħla mill-1997. L-ispiża bħala proporzjon hi għolja meta mqabbla ma' dik ta' pajjiżi oħra li għandhom livell simili ta' dħul *per capita*. Id-dħul tal-gvern fir-rigward tal-PDG żdied ukoll bejn l-1997 u l-2006, b'7.6 punti perċentwali għal 42.7% fit-tmiem il-perijodu, u dan irrifletta żidiet fit-taxxi diretti u indiretti.

Skond l-istrateġija fiskali fuq żmien medju għal Malta, kif ippreżentata fil-programm tal-konverġenza għall-2006-09, f'Diċembru 2006 u li saret qabel it-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea kif jidher fit-Tabella 4, il-gvern bi ħsiebu jkompli għaddej bil-pjan tiegħu għall-ikkonsolidar, u jimmira għal bilanċ fiskali pożittiv ta' 0.1% tal-PDG u d-dejn bħala proporzjon tal-PDG ta' 59.4% fl-2009. L-istrateġija hi bbażata fuq tnaqqis sinifikanti fl-ispiża, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-infiq kapitali u tal-ħlasijiet soċjali, kif ukoll tnaqqis fl-ispiza fil-konsum pubbliku. Dan jista' jħalli spazju wkoll għal tnaqqis fid-dħul bħala proporzjon. Il-gvern bi ħsiebu jnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq miżuri fiskali temporanji. Għall-2007, il-programm tal-konverġenza jipprevedi tnaqqis fid-defiċit bħala proporzjon ta' 0.3 ta' punt perċentwali, li hu daqs it-tnaqqis fl-ispiża fuq l-imgħax. Il-gvern jippjana li jtaffi l-impatt ta' anqas miżuri temporanji għal tnaqqis fid-defiċit b'miżuri għall-konsolidament strutturali, bħal infiq anqas fuq pagi fis-settur pubbliku, billi jkompli bl-istrateġija tiegħu li jillimita ż-żidiet fil-pagi u n-numru ta' mpjegati pubbliċi. Hemm ħafna riskji marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija fiskali. Ix-xejriet makro-ekonomiċi għall-futur huma favorevoli ħafna u l-aġġustament fiskali hu maħsub li jilħaq il-qofol tiegħu aktar tard, b'miżuri ta' konsolidar għall-2008 u l-2009 li mhumiex spjegati biżżejjed fid-dettall. Barra dan, anki jekk jintlaħqu l-miri fiskali, hemm bżonn ta' iżjed ikkonsolidar biex Malta tilħaq l-għan speċifikat fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fuq żmien medju. Il-programm tal-konverġenza jikkwantifika dan l-għan bħala baġit ibbilanċjat f'termini ta' aġġustamenti ċikliċi u nett minn miżuri temporanji iżda ma jipprevedix li l-għan jintlaħaq tul il-perijodu tal-programm.

Il-kalkoli li jidhru f'Ċart 5 juru l-prospetti ta' dawk il-pajjiżi b'dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG ogħla minn 60% li joqorbu lejn il-valur ta' referenza. Jekk wieħed jassumi li Malta tilħaq il-pożizzjoni fiskali ġenerali u d-dejn pubbliku bħala proporzjon kif ipprojettat mill-Kummissjoni Ewropea għall-2007, u żżomm baġit ibbilanċjat mill-2008 'l quddiem, id-dejn pubbliku bħala proporzjon għandu jonqos għal inqas minn 60% tal-PDG sa l-2010. Madankollu, iż-żamma tal-bilanċ tal-baġit totali jew primarju bħala proporzjon fil-livelli rispettivi tal-2007 ta' -2,1% u 1.2% jidher li mhix se tkun biżżejjed biex jitnaqqas tad-dejn bħala proporzjon għal inqas mill-valur ta' referenza qabel l-2016. Dawn il-kalkoli jassumu rata ta' imgħax nominali kostanti ta' 6% (medja ta' l-ispiża reali tad-dejn pendenti tal-gvern ta' 4% miżjuda b'inflazzjoni ta' 2%). Ir-rata tat-tkabbir tal-PDG reali li fuqha huma bbażati dawn il-kalkoli hi kif ġiet ipprojettata mill-Kummissjoni Ewropea fil-previżjoni tagħha tar-rebbiegħa 2007 għall-2008 u kif meqjusa mill-Kumitat ta' l-UE għall-Politika Ekonomika u mill-Kummissjoni Ewropea għall-2009 u iżjed 'l quddiem. Aġġustamenti tad-defiċit-dejn ma ġewx meqjusa. Waqt li dawn il-kalkoli huma biss illustrattivi u ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu bħala previżjonijiet, l-indikazzjoni li ż-żamma tal-bilanċ tal-baġit totali jew primarju bħala proporzjon fil-livelli ta' l-2007 ma twassalx għal tnaqqis fid-dejn bħala proporzjon għall-valur ta' referenza, turi li jinħtieġ iżjed progress fl-ikkonsolidar.

Kif indikat fit-Tabella 8, minn madwar l-2010 'l quddiem hu mistenni li togħla ħafna l-età tal-

popolazzjoni. Skond il-projezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-UE għall-Politika Ekonomika u tal-Kummissjoni Ewropea[1], Malta mistennija tara żieda ta' 2.2 punti percentwali fl-infiq pubbliku relatat ma' l-età bħala proporzjon tal-PDG, li mbagħad tonqos għal żieda ta' 0.3 punti perċentwali sa l-2050. Dawn il-projezzjonijiet ma jieħdux kont tar-riforma fil-pensjonijiet pubbliċi adottata mill-Kamra tad-Deputati f'Diċembru 2006. Ir-riforma tal-pensjonijiet, meta mqabbla mal-leġislazzjoni preċedenti, tinkludi miżuri maħsuba biex jgħollu l-età ta' l-irtirar u l-livell tal-pensjonijiet. Eżami preliminari tal-Kummissjoni Ewropea[2] dwar ir-riforma jissuġġerixxi li, meta mqabbla ma' xenarju mingħajr riforma, l-ispiża tal-pensjonijiet pubbliċi bħala perċentwal tal-PDG tista' tkun ta' 1.3 punti perċentwali iżjed baxxa fl-2020 iżda 3.5% punti perċentwali ogħla fl-2050. Hu stmat li r-riforma mhux se tkun tejbet il-prospetti għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq żmien twil. Fuq dan l-isfond, u minħabba l-livell għoli tad-dejn pubbliku, jidher li huma meħtieġa iżjed riformi fl-oqsma tal-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa biex jiġu kkontrollati r-riskji għas-sostenibbiltà. Jekk Malta taħseb minn qabel fejn jirrigwarda l-finanzi pubbliċi, tkun tista' tlaħħaħ aħjar mal-piż fiskali kkawżat miż-żieda fl-anzjani. Is-sostenibbiltà fiskali tista' tissaħħaħ wkoll bl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiżdied il-proporzjon ta' nies fl-impjieg permezz ta' tisħiħ fl-inċentivi għax-xogħol u sforzi biex tikber il-produttività.

Jekk wieħed jikkunsidra sfidi fiskali oħra, hi meħtieġa politika fiskali prudenti minħabba l-iżbilanċ estern relattivament kbir ta' Malta. L-implimentazzjoni ta' miżuri biex tintlaħaq żieda fl-impjiegi billi jissaħħu l-inċentivi għax-xogħol tista' tagħti kontribut sinifikanti għall-konsolidament fiskali. Skond informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fi tmien l-2004, l-obbligazzjonijiet fiskali kontinġenti u espliċiti ammontaw għal madwar 17% tal-PDG.[3] Skond informazzjoni iżjed reċenti, dan il-proporzjon kien ta' 13.3% fl-2006.

### 4.2.3 ŻVILUPPI FIR-RATI TAL-KAMBJU

Il-lira Maltija ilha tipparteċipa fl-ERM II mit-2 ta' Mejju 2005, i.e. għall-perijodu ta' referenza ta' sentejn bejn Mejju 2005 u April 2007 (ara t-Tabella 9a). Ir-rata ċentrali għall-munita fl-ERM II ġiet stabbilita bħala 0.429300 għal kull euro – ir-rata tas-suq fid-data tas-sħubija – b'faxxa standard ta' ċaqliq ta' ±15%. Meta daħlet fil-mekkaniżmu, il-lira Maltija ġiet marbuta ma' l-euro u ma baqgħetx marbuta mal-basket ta' l-arranġament preċedenti. Il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni fl-ERM II kien ibbażat fuq għadd ta' impenji mill-awtoritajiet Maltin f'oqsma diversi ta' l-ekonomija relatati ma', fost affarijiet oħra, it-twettiq ta' politika fiskali soda, it-tħeġġiġ ta' moderazzjoni fil-pagi, it-twettiq ta' sorveljanza finanzjarja effettiva u iżjed implimentazzjoni ta' riformi strutturali. Mad-dħul fl-ERM II, l-awtoritajiet Maltin stqarrew li se jżommu r-rata tal-kambju tal-lira Maltija fir-rata ċentrali kontra l-euro bħala impenn unilaterali u għaldaqstant dan ma kienx jimponi obbligi addizzjonali fuq il-BĊE.

Qabel ma l-lira ssieħbet fl-ERM II, l-iżviluppi fil-lira Maltija kontra l-euro kienu jirriflettu r-rabta tagħha ma' basket ta' tliet muniti, li kienu jikkonsistu fl-euro, fil-lira sterlina u fid-dollaru Amerikan. Minħabba li l-euro kienet l-iżjed munita importanti fil-basket, iċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju MTL/EUR kien limitat tul il-perijodu. Jekk wieħed jikkunsidra l-istqarrija politika ta' l-awtoritajiet Maltin, minn meta ssieħbet fl-ERM II il-lira Maltija żammet ir-rata ċentrali tagħha (ara ċ-Ċart 6 u t-Tabelli 9a u 9b). Barra dan, fi ħdan l-ERM II, Malta ma żvalutatx ir-rata ċentrali tal-munita tagħha kontra l-euro minn rajha. Id-differenzjali

1 "The impact of ageing on public expenditure: projections for the EU25 Member States on pensions, health care, long-term care, education and unemployment transfers (2004-2050)", Kumitat għall-Politika Ekonomika u Kummissjoni Ewropea (2006).

2 "Economic assessment of the convergence programme of Malta (Update of December 2006)", Kummissjoni Ewropea (2007).

3 Madankollu ma jeżisti l-ebda metodu miftiehem biex jiġu stmati l-obbligazzjonijiet fiskali kontinġenti kollha, u l-istimi jvarjaw ħafna.

fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien qasir kontra l-EURIBOR trimestrali, li kienu modesti, żdiedu temporanjament matul l-2005. Madankollu, fl-2006, dawn id-differenzjali reġgħu naqsu minħabba li r-rati tal-politika monetarja f'Malta żdiedu b'inqas minn dawk taż-żona ta' l-euro. Id-differenzjal kien ta' 0.2 ta' punt perċentwal fil-perijodu ta' tliet xhur li ntemm f'Marzu 2007 (ara t-Tabella 9b).

Fuq żmien itwal, ir-rata tal-kambju reali tal-lira Maltija f'Marzu 2007, kemm bilateralment kontra l-euro kif ukoll f'termini effettivi, kienet qrib il-medji storiċi meta kkalkulata minn Jannar 1996 u mill-introduzzjoni ta' l-euro fl-1999 'l hawn (ara t-Tabella 10).

Dwar żviluppi esterni oħra, mill-1997 'l hawn Malta rrapportat bilanċi negattivi fil-kont kapitali u kurrenti flimkien, li kultant kienu kbar u wkoll pjuttost volatili. Għalkemm id-defiċit naqas kontinwament sa l-1999, dan reġa' żdied b'mod x'aktarx qawwi u laħaq 12.0% tal-PDG fl-2000. Fl-2002 il-bilanċ negattiv naqas u nbidel f'bilanċ pożittiv ta' 2.6% tal-PDG. Dan irrifletta parzjalment dħul ogħla mill-esportazzjoni marbut ma' bejgħ ta' ajruplani mil-linja ta' l-ajru nazzjonali. Sussegwentement, il-kontijiet kurrenti u kapitali reġgħu rreġistraw bilanċ negattiv relattivament kbir ta' 4.9% tal-PDG fl-2004 u fl-2005. It-tkabbir tal-bilanċ negattiv f'dawn is-snin kien marbut l-iżjed ma' żieda fil-kont taż-żejt minħabba prezzijiet ogħla taż-żejt u bilanċ negattiv akbar fuq prodotti (19.6% tal-PDG fl-2005), waqt li l-bilanċ pożittiv tas-servizzi naqas (għal 7.9% tal-PDG fl-2005) (ara t-Tabella 11). Il-bilanċ negattiv tal-kontijiet kurrenti u kapitali flimkien naqas għal 3.3% tal-PDG fl-2006, l-iżjed minħabba ħlasijiet fil-forma ta' trasferimenti ogħla u dħul nett minn investimenti fil-kont kurrenti. Rigward l-iffinanzjar, mill-2003 'l hawn kien hemm ħrug nett qawwi f'investimenti finanzjarji prinċipalment mis-settur bankarju, li jinkludi fih għadd ta' istituzzjonijiet li jittrattaw kważi esklużivament ma' entitajiet mhux residenti. Il-ħruġ minn investimenti finanzjarji rrifletta l-fatt li kien hemm żieda fl-assi ta' titoli ta' dejn barrani fis-settur bankarju, u li dawn kienu ffinanzjati minn dħul fil-forma ta' "investimenti oħra". Bejn l-2005 u l-2006 id-dħul kapitali kien ikbar mill-iżbilanċ negattiv tal-kontijiet kurrenti u kapitali u, b'hekk, tul l-istess perijodu, Malta kellha żieda fl-assi fir-riżervi uffiċjali. Id-dħul finanzjarju rrifletta parzjalment id-dħul nett ta' investiment dirett marbut l-iżjed mal-kontribuzzjonijiet ta' l-ishma għat-twaqqif ta' żewġ banek ta' proprjetà barranija, għalkemm kellhom rwol ukoll il-qligħ ri-investit u l-pagamenti li rċevew ditti residenti mill-proprjetarji barranin tagħhom biex iħallsu djun pendenti. Il-volatilità fil-bilanċ tal-pagamenti għandha titqies fil-kuntest ta' ekonomija żgħira ħafna u miftuħa, fejn transazzjoni waħda jista' jkollha effett qawwi. Fl-istess ħin, krediti kemmxejn kbar huma tipikament irreġistrati taħt "żbalji u ommissjonijiet" u dan jissuġġerixxi li jew l-iżbilanċi negattivi tal-kontijiet kurrenti u kapitali jew il-ħruġ finanzjarju nett mhumiex daqshekk kbar. Fl-2006 il-pożizzjoni netta ta' l-investiment internazzjonali tal-pajjiż baqgħet pożittiva u ammontat għal 37.5% tal-PDG. (ara t-Tabella 11).

Ta' min jiftakar li Malta għandha ekonomija żgħira ħafna u miftuħa u li fl-2006, kellha kummerċ barrani fi prodotti u servizzi li, bħala proporzjon tal-PDG, kien jammonta għal 76.8% fir-rigward ta' l-esportazzjoni u għal 90.3% fir-rigward ta' l-importazzjoni. Fl-2006, l-esportazzjoni ta' prodotti lejn iż-żona ta' l-euro u lejn l-UE, bħala sehem mill-esportazzjoni totali, ammontat għal 37.5% u 50.2% rispettivament. Fl-2006 iċ-ċifri korrispondenti għall-importazzjoni bħala perċentwal ta' l-importazzjoni totali kienu ta' 55.0% u 67.6%.

Fir-rigward tat-twettiq ta' l-impenji li ttieħdu mad-dħul fl-ERM II, jistgħu jsiru l-osservazzjonijiet li ġejjin. Id-defiċit fiskali ta' Malta qiegħed jonqos, u dan irrifletta, sa ċertu punt, il-miżuri temporanji li ttieħdu. Kollox ma' kollox, it-tkabbir fil-pagi kien moderat – speċjalment fis-settur pubbliku – u inqas mit-tkabbir fil-produttività tal-ħaddiema. Sar xi

titjib fil-qasam tas-sorveljanza finanzjarja. Sar progress fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, b'mod partikolari bit-tnaqqis tad-daqs tas-settur pubbliku u ż-żieda tal-kompetizzjoni domestika f'għadd ta' setturi.

### 4.2.4 ŻVILUPPI FIR-RATI TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

Tul il-perijodu ta' referenza minn April 2006 sa Marzu 2007, ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil f'Malta kienu medja ta' 4.3% u għalhekk kienu inqas sew mill-valur ta' referenza ta' 6.4% għall-kriterju tar-rati ta' l-imgħax (ara t-Tabella 12).

Bejn l-aħħar ta' l-2001 u l-aħħar ta' 2003 ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil kienu ġeneralment qed jonqsu (ara ċ-Ċart 7a).[4] Fl-istess perijodu, il-Bank Ċentrali ta' Malta naqqas bil-mod il-mod ir-rata ta' l-imgħax ewlenija tiegħu, fuq sfond ta' pressjonijiet inflazzjonarji kkontrollati u tkabbir ekonomiku moderat. Wara livelli ta' madwar 4.7% matul l-2003 u l-2004 ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil baqgħu jonqsu, għal inqas minn 4.5% fl-2005 u l-2006, mgħejjuna mis-sħubija tal-lira Maltija fl-ERM II fit-2 ta' Mejju 2005. Jista' jkun li l-aspettattivi li Malta tadotta l-euro kellhom impatt favorevoli wkoll. F'Mejju 2006, il-Bank Ċentrali ta' Malta għolla r-rata ta' l-imgħax ewlenija tiegħu b'25 punt bażi għal 3.5% biex jilqa' għax-xejra ta' tnaqqis fir-riżervi esterni tiegħu. Din ikkontribwiet biex ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil jiżdiedu bi ftit fix-xhur ta' wara. Bejn Mejju ta' l-2006 u Jannar ta' l-2007, il-Bank Ċentrali ta' Malta għolla r-rata ċentrali ta' l-intervent darbtejn b'25 punt bażi u ħalliha fil-livell ta' 4.0%. Matul l-2005, id-differenzjal bejn ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil u r-rendiment medju ta' titoli tal-gvern fiż-żona ta' l-euro twessa' xi ftit, minħabba t-tnaqqis bil-mod, iżda kontinwu, fir-rati ta' l-imgħax Maltin fuq żmien twil f'dawn l-aħħar snin, u minħabba l-iżviluppi korrispondenti fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil fiż-żona ta' l-euro. Iżda sussegwentement id-differenzjal naqas għal 0.4 ta' punt perċentwal f'Marzu 2007 (ara ċ-Ċart 7b).

4 L-2001 hi l-ewwel sena li għaliha f'Malta teżisti *data* fuq ir-rata ta' referenza ta' l-imgħax fuq żmien twil.

# LISTA TA' TABELLI U ĊARTS


## MALTA

### 1 ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

Tabella 1: Inflazzjoni HICP 62
Ċart 1: Żviluppi fil-prezzijiet 62
Tabella 2: Kejl ta' l-inflazzjoni u indikaturi relatati 62
Tabella 3: Xejriet u previżjonijiet reċenti ta' l-inflazzjoni
(a) Xejriet reċenti fl-HICP
(b) Previżjonijiet dwar l-inflazzjoni 63

### 2 ŻVILUPPI FISKALI

Tabella 4: Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali 64
Ċart 2: Dejn gross tal-gvern ġenerali
(a) Livelli
(b) Bidla annwali u fatturi bażi 64
Tabella 5: Dejn gross tal-gvern ġenerali – karatteristiċi strutturali 64
Ċart 3: Bilanċ pożittiv (+)/negattiv (-) tal-gvern ġenerali
(a) Livelli
(b) Bidla annwali u fatturi bażi 65
Tabella 6: Aġġustament defiċit-dejn tal-gvern ġenerali 65
Ċart 4: Spiża u dħul tal-gvern ġenerali 66
Ċart 5: Dejn futur potenzjali bħala proporzjon skond ipotesijiet alternattivi għall-bilanċ fiskali bħala proporzjon 66
Tabella 7: Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali 66
Tabella 8: Projezzjonijiet għall-piż fiskali minħabba l-età tal-popolazzjoni 67

### 3 ŻVILUPPI FIR-RATA TAL-KAMBJU

Tabella 9: (a) Stabbiltà tar-rata tal-kambju
(b) Indikaturi ewlenin tal-pressjoni tar-rata tal-kambju fuq il-lira Maltija 68
Ċart 6: Lira Maltija: Devjazzjoni mir-rata ċentrali ta' l-ERM II 68
Tabella 10: Lira Maltija: Żviluppi fir-rata tal-kambju reali 69
Tabella 11: Żviluppi esterni 69

### 4 ŻVILUPPI TAR-RATA TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

Tabella 12: Rati ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIRs) 70
Ċart 7: (a) Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIR)
(b) Differenzjali fl-inflazzjoni LTIR u dik HICP fil-konfront taż-żona ta' l-euro 70

# I ŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET

**Tabella 1 Inflazzjoni HICP**

(bidliet fil-perċentwali annwali)

| | 2006 | 2007 | | | Apr. 2006 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Diċ. | Jan. | Frar | Mar. | sa Mar. 2007 |
| Inflazzjoni HICP | 0.8 | 1.2 | 0.8 | 0.5 | **2.2** |
| *Valur ta' referenza* [1] | | | | | ***3.0*** |
| *Żona ta' l-euro* [2] | 1.9 | 1.8 | 1.8 | 1.9 | ***2.1*** |

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).
1) Il-kalkolu għall-perijodu minn April 2006 sa Marzu 2007 hu bbażat fuq il-medja aritmetika mhux ippeżata tal-bidliet perċentwali annwali ta' l-HICP għall-Finlandja, il-Polonja u l-Isvezja, biż-żieda ta' 1.5 punti perċentwali.
2) Iż-żona ta' l-euro hi inkluża għal għanijiet ta' tagħrif biss.

**Ċart 1 Żviluppi fil-prezzijiet**

(bidliet perċentwali medji annwali)




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

**Tabella 2 Kejl ta' l-inflazzjoni u indikaturi relatati**

(bidliet perċentwali annwali, sakemm mhux dikjarat mod ieħor)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kejl ta' inflazzjoni** | | | | | | | | | | |
| HICP | 3.9 | 3.7 | 2.3 | 3.0 | 2.5 | 2.6 | 1.9 | 2.7 | 2.5 | 2.6 |
| HICP minbarra ikel mhux ipproċessat u enerġija | 4.0 | 4.0 | 2.4 | 2.9 | 2.3 | 2.7 | 1.9 | 2.8 | 2.0 | 1.6 |
| CPI | 3.1 | 2.4 | 2.1 | 2.4 | 2.9 | 2.2 | 1.3 | 2.8 | 3.0 | 2.8 |
| CPI minbarra bidliet fit-taxxi indiretti | - | 1.8 | 1.9 | 1.2 | 2.9 | 2.0 | 1.0 | 0.5 | 2.8 | 2.6 |
| *Deflator* tal-konsum privat | - | - | - | - | 2.4 | 2.1 | 0.6 | 2.4 | 2.6 | 2.0 |
| *Deflator* tal-PDG | - | - | - | - | 2.9 | 2.7 | 4.6 | 1.4 | 2.4 | 2.6 |
| Prezzijiet tal-produtturi [1] | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| **Indikaturi relatati** | | | | | | | | | | |
| Tkabbir reali tal-PDG | - | - | - | - | -1.1 | 1.9 | -2.3 | 0.4 | 3.0 | 2.9 |
| PDG *per capita* f'PPS [2] (żona ta' l-euro = 100) | - | 71.2 | 70.7 | 71.7 | 68.0 | 69.5 | 69.3 | 67.8 | 67.6 | - |
| Livelli tal-prezzijiet paragunabbli (żona ta' l-euro = 100) | - | - | 70.4 | 74.9 | 75.3 | 72.9 | 69.1 | 69.7 | 70.5 | - |
| *Output gap* [3] | 0.8 | 1.4 | 2.8 | 5.5 | 1.4 | 2.0 | -2.1 | -3.4 | -2.5 | -1.5 |
| Rata tal-qgħad (%) [4] | - | - | - | 6.7 | 7.6 | 7.5 | 7.6 | 7.4 | 7.3 | 7.4 |
| *Unit labour costs*, l-ekonomija kollha | - | - | - | - | 8.9 | 1.4 | 7.4 | 1.2 | -0.1 | -0.7 |
| Kumpens għal kull ħaddiem, l-ekonomija kollha | - | - | - | - | 5.8 | 2.8 | 3.9 | 2.5 | 1.1 | 1.2 |
| Produttività tal-ħaddiema, l-ekonomija kollha | - | - | - | - | -2.8 | 1.4 | -3.3 | 1.2 | 1.2 | 2.0 |
| *Deflator* ta' l-importazzjoni ta' prodotti u servizzi | - | - | - | - | -6.4 | 1.5 | -3.4 | -0.8 | 3.6 | 10.2 |
| Rata tal-kambju nominali effettiva [5] | 1.8 | 2.2 | -1.7 | -1.5 | 0.6 | 0.8 | 3.3 | 2.4 | -0.8 | 0.1 |
| L-aggregat monetarju sħiħ (M3) [6] | 9.6 | 8.6 | 9.9 | 4.0 | 10.0 | 12.1 | 2.4 | 2.4 | 4.2 | 5.2 |
| Self mill-banek [6] | 11.0 | 8.7 | 10.5 | 8.0 | 4.7 | 2.6 | 2.6 | 8.6 | 7.1 | 14.9 |
| Prezzijiet ta' l-istokks (Indiċi Maltex) | 4.6 | 15.3 | 170.8 | 3.0 | -34.8 | -15.0 | 13.6 | 44.4 | 62.3 | -2.2 |
| Prezzijiet tal-proprjetà residenzjali | 8.5 | 4.9 | 3.2 | 8.4 | 5.1 | 8.7 | 13.3 | 20.3 | 9.8 | 3.5 |

Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat), *data* nazzjonali (CPI, prezzijiet tal-proprjetà residenzjali, CPI minbarra l-bidliet fit-taxxi indiretti, l-aggregat monetarju sħiħ u self mill-banek) u l-Kummissjoni Ewropea (*output gap*).
1) L-industrija totali minbarra l-kostruzzjoni, bejgħ domestiku.
2) PPS tfisser *Purchasing Power Standards* (standards tal-poter ta' l-akkwist).
3) Perċentwal tal-PDG potenzjali. Sinjal pożittiv (negattiv) jindika li l-PDG attwali hu ogħla (iżjed baxx) mill-PDG potenzjali.
4) Id-definizzjoni hi konformi mal-linji gwida ta' l-ILO.
5) Sinjal pożittiv (negattiv) jindika apprezzament (deprezzament).
6) Rati tat-tkabbir annwali ta' tmiem il-perijodu skond id-definizzjoni nazzjonali, kif ikkumpilati mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

## Tabella 3 Xejriet u previżjonijiet reċenti ta' l-inflazzjoni

(bidliet fil-perċentwali annwali)

**(a) Xejriet reċenti fl-HICP**

| | 2006 | | 2007 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Nov. | Diċ. | Jan. | Frar | Mar. |
| **HICP** | | | | | |
| Bidla perċentwali annwali | 0.9 | 0.8 | 1.2 | 0.8 | 0.5 |
| Bidla fil-medja tar-rata annwalizzata ta' l-aħħar tliet xhur fuq it-tliet xhur ta' qabel, aġġustata skond l-istaġun | 0.2 | -0.5 | -0.7 | -1.0 | -0.6 |
| Bidla fil-medja tar-rata annwalizzata ta' l-aħħar sitt xhur fuq is-sitt xhur ta' qabel, aġġustata skond l-istaġun | 1.5 | 1.2 | 0.6 | 0.1 | -0.2 |

Sorsi: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) u tal-BĊE.

**(b) Previżjonijiet dwar l-inflazzjoni**

| | 2007 | 2008 |
|---|---|---|
| HICP, Kummissjoni Ewropea (rebbiegħa 2007) | 1.4 | 2.1 |
| CPI, OECD [1] | - | - |
| CPI, IMF (April 2007) | 2.4 | 2.3 |
| CPI, *Consensus Economics* | - | - |

Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea, l-OECD, l-IMF u l-*Consensus Economics*.
1) Malta mhix membru ta' l-OECD.

# 2 ŻVILUPPI FISKALI

## Tabella 4 Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)

| | 2005 | 2006 | 2007 [1] |
|---|---|---|---|
| Bilanċ pożittiv (+) / negattiv (-) tal-gvern ġenerali | -3.1 | -2.6 | -2.1 |
| *Valur ta' referenza* | *-3.0* | *-3.0* | *-3.0* |
| Bilanċ pożittiv / negattiv, nett mill-ispiża tal-gvern għall-investiment [2] | 2.2 | 2.1 | 3.0 |
| Dejn gross tal-gvern ġenerali | 72.4 | 66.5 | 65.9 |
| *Valur ta' referenza* | *60.0* | *60.0* | *60.0* |

Sorsi: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE.
1) Projezzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.
2) Sinjal pożittiv (negattiv) jindika li d-defiċit tal-gvern hu iżjed baxx (ogħla) mill-ispiża għall-investiment.

## Ċart 2 Dejn gross tal-gvern ġenerali




Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea u BĊE.
Nota: Fiċ-Ċart 2 (b) valur negattiv jindika kontribut tal-fattur rispettiv għal tnaqqis fid-dejn bħala proporzjon, waqt li valur pożittiv jindika kontribut għaż-żieda fil-proporzjon tad-dejn.

## Tabella 5 Dejn gross tal-gvern ġenerali – karatteristiċi strutturali

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dejn totali** (bħala perċentwali tal-PDG) | 47.0 | 52.0 | 56.4 | 56.0 | 62.1 | 60.8 | 70.4 | 73.9 | 72.4 | 66.5 |
| **Kompożizzjoni skond il-munita** | | | | | | | | | | |
| (% tat-total) | | | | | | | | | | |
| F'munita domestika | 90.5 | 90.7 | 91.8 | 92.6 | 93.9 | 93.7 | 93.4 | 94.3 | 94.9 | 95.6 |
| F'muniti barranin | 9.5 | 9.3 | 8.2 | 7.4 | 6.1 | 6.3 | 6.6 | 5.7 | 5.1 | 4.4 |
| Euro [1] | 3.5 | 4.5 | 4.1 | 3.9 | 3.7 | 4.3 | 5.9 | 5.2 | 4.7 | 4.1 |
| Muniti barranin oħrajn | 6.0 | 4.7 | 4.1 | 3.6 | 2.4 | 2.0 | 0.7 | 0.4 | 0.4 | 0.2 |
| **Proprjetà ta' residenti** (% tat-total) | 89.7 | 90.0 | 91.2 | 92.0 | 93.5 | 93.3 | 93.3 | 94.2 | 94.8 | 95.5 |
| **Medja ta' maturità residwa** (fi snin) | 4.8 | 6.0 | 6.4 | 6.3 | 6.6 | 6.3 | 6.9 | 6.9 | 7.1 | 6.8 |
| **Kompożizzjoni skond il-maturità** [2] | | | | | | | | | | |
| (% tat-total) | | | | | | | | | | |
| Fuq żmien qasir (sa u inkluż ta' sena) | 11.4 | 9.8 | 11.2 | 16.9 | 16.7 | 19.4 | 22.1 | 20.5 | 15.5 | 12.2 |
| Fuq żmien medju u twil (iżjed minn sena) | 88.6 | 90.2 | 88.8 | 83.1 | 83.3 | 80.6 | 77.9 | 79.5 | 84.5 | 87.8 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
Nota: *Data* ta' tmiem is-sena. Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti tagħhom huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
1) Jinkludi dejn denominat f'euro u, qabel l-1999, f'ECU jew f'waħda mill-muniti ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro.
2) Maturità oriġinali.

## Ċart 3 Bilanċ pożittiv (+) / negattiv (-) tal-gvern ġenerali

**(a) Livelli**
(bħala perċentwali tal-PDG)

**(b) Bidla annwali u fatturi bażi**
(punti perċentwali tal-PDG)




Sorsi: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE.
Nota: Fiċ-Ċart 3 (b) valur negattiv jindika kontribut għaż-żieda fid-defiċit, waqt li valur pożittiv jindika kontribut għat-tnaqqis tad-defiċit.

## Tabella 6 Aġġustament defiċit-dejn tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bidla fid-dejn tal-gvern ġenerali [1] | 10.5 | 7.5 | 7.0 | 3.9 | 7.0 | 1.5 | 10.9 | 4.8 | 2.3 | -2.2 |
| Bilanċ pożittiv (+) / negattiv (-) tal-gvern ġenerali | -7.9 | -9.8 | -7.6 | -6.2 | -6.4 | -5.5 | -10.0 | -4.9 | -3.1 | -2.6 |
| **Aġġustament defiċit-dejn** | 2.6 | -2.3 | -0.6 | -2.3 | 0.6 | -4.0 | 0.9 | -0.2 | -0.8 | -4.7 |
| **Akkwist nett (+) / bejgħ nett (-) ta' assi finanzjarji** | . | -1.5 | -0.2 | -1.1 | 0.4 | -2.1 | 3.0 | -0.2 | 1.5 | -4.2 |
| Munita u depożiti | . | -0.2 | 3.7 | -2.4 | 0.4 | -1.1 | 3.6 | 0.0 | 1.5 | 0.6 |
| Self u titoli oħra li mhumiex ishma | . | -0.2 | -0.3 | 0.9 | -0.4 | 0.4 | -1.2 | -0.2 | 0.0 | -0.1 |
| Ishma u titoli azzjonarji oħra | . | -2.2 | -2.9 | -0.6 | 0.3 | -2.1 | 0.0 | 0.0 | -1.3 | -4.5 |
| Privatizzazzjoni | . | -2.4 | -4.7 | -0.7 | 0.0 | -2.1 | 0.0 | 0.0 | -1.4 | -4.5 |
| Injezzjonijiet ta' titoli azzjonarji | . | 0.2 | 1.8 | 0.1 | 0.3 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Oħrajn | . | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Assi finanzjarji oħra | . | 1.1 | -0.7 | 1.0 | 0.1 | 0.7 | 0.6 | 0.0 | 1.2 | -0.3 |
| **Bidliet fil-valutazzjoni tad-dejn tal-gvern ġenerali** | . | . | . | . | . | . | 0.0 | -0.3 | -0.6 | 0.0 |
| Qligħ (-) / telf (+) ta' l-investiment tal-kambju barrani | . | . | . | . | . | . | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Effetti oħra tal-valutazzjoni [2] | . | . | . | . | . | . | 0.0 | -0.3 | -0.6 | 0.0 |
| **Bidliet oħra fid-dejn tal-gvern ġenerali [3]** | . | . | . | . | . | . | -2.1 | 0.3 | -1.7 | -0.5 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
Nota: Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti tagħhom huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
1) Bidla annwali fid-dejn tul il-perijodu t bħala perċentwal tal-PDG tul il-perijodu t, i.e. [dejn(t) – dejn(t-1)]/PDG(t).
2) Jinkludi d-differenza bejn il-valutazzjoni nominali u l-valutazzjoni tas-suq, tad-dejn maħruġ mill-gvern ġenerali.
3) Transazzjonijiet f'kontijiet oħra li huma dovuti (obbligazzjonijiet tal-gvern), ri-klassifika tas-settur u diskrepanzi statistiċi. Din il-partita tista' tkopri wkoll ċerti każijiet ta' assunzjoni ta' dejn.

## Ċart 4 Spiża u dħul tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)




Sors: SEBĊ.

## Ċart 5 Dejn futur potenzjali bħala proporzjon skond ipotesijiet alternattivi għall-bilanċ fiskali bħala proporzjonn

(bħala perċentwali tal-PDG)




Sorsi: Projezzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u kalkoli tal-BĊE.
Nota: It-tliet xenarji jassumu li, id-dejn bħala proporzjon tal-PDG għall-2007 hu ta' 65.9% kif previst u li l-bilanċ ġenerali ta' -2.1% tal-PDG jew li l-bilanċ primarju ta' 1.2% tal-PDG se jinżamm kostanti tul il-perijodu li qed jiġi kkunsidrat (bħala perċentwal tal-PDG), jew, alternattivament, li jinżamm baġit ibbilanċjat mill-2008 'l quddiem. Wieħed jassumi rata nominali ta' l-imgħax ta' 6% (kost medju reali tad-dejn pubbliku pendenti ta' 4% flimkien ma' 2% inflazzjoni). Ir-rata tat-tkabbir tal-PDG reali hi kif ipprojettata mill-Kummissjoni Ewropea fil-previżjoni tagħha tar-rebbiegħa 2007 għall-2008 u kif meqjusa mill-Kumitat ta' l-UE għall-Politika Ekonomika u mill-Kummissjoni Ewropea għall-2009 u 2010. Wieħed jassumi li l-aġġustamenti defiċit-dejn huma żero.

## Tabella 7 Pożizzjoni fiskali tal-gvern ġenerali

(bħala perċentwali tal-PDG)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul totali** | 35.0 | 32.8 | 35.1 | 34.9 | 36.7 | 38.2 | 38.6 | 41.9 | 42.9 | 42.7 |
| Dħul kurrenti | 33.9 | 31.9 | 34.0 | 33.7 | 36.4 | 37.7 | 38.0 | 40.0 | 39.2 | 39.6 |
| Taxxi diretti | 8.1 | 7.8 | 8.6 | 9.1 | 10.1 | 11.4 | 12.0 | 11.8 | 11.6 | 12.3 |
| Taxxi indiretti | 12.3 | 11.3 | 12.3 | 12.6 | 13.3 | 13.8 | 13.1 | 14.8 | 15.0 | 15.5 |
| Kontributi tas-sigurtà soċjali | 8.0 | 7.4 | 7.4 | 7.5 | 8.4 | 8.1 | 8.1 | 8.2 | 8.6 | 8.0 |
| Dħul kurrenti ieħor | 5.5 | 5.4 | 5.7 | 4.5 | 4.7 | 4.5 | 4.9 | 5.2 | 4.0 | 3.8 |
| Dħul kapitali | 1.2 | 0.9 | 1.1 | 1.1 | 0.3 | 0.5 | 0.5 | 1.9 | 3.8 | 3.1 |
| **Infiq totali** | 43.0 | 42.7 | 42.7 | 41.0 | 43.1 | 43.8 | 48.6 | 46.8 | 46.0 | 45.2 |
| Infiq kurrenti | 37.7 | 37.3 | 37.1 | 36.1 | 38.6 | 38.9 | 40.1 | 41.8 | 40.8 | 40.4 |
| Kumpens tal-ħaddiema | 14.0 | 14.3 | 13.7 | 13.0 | 14.9 | 14.6 | 15.0 | 15.0 | 14.5 | 13.8 |
| Benefiċċji soċjali minbarra dawk *in kind* | 12.4 | 12.5 | 12.6 | 11.9 | 12.5 | 12.7 | 13.0 | 13.1 | 13.0 | 13.0 |
| Imgħax pagabbli | 2.8 | 3.2 | 3.7 | 3.6 | 3.4 | 3.6 | 3.5 | 3.7 | 3.8 | 3.7 |
| *li minnu:* impatt ta' *swaps* u FRAs | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Infiq kurrenti ieħor | 8.4 | 7.4 | 7.2 | 7.6 | 7.8 | 8.0 | 8.7 | 10.0 | 9.5 | 9.9 |
| Infiq kapitali | 5.3 | 5.4 | 5.6 | 5.0 | 4.6 | 4.8 | 8.4 | 5.0 | 5.3 | 4.8 |
| **Bilanċ pożittiv (+)/negattiv (-)** | -7.9 | -9.8 | -7.6 | -6.2 | -6.4 | -5.5 | -10.0 | -4.9 | -3.1 | -2.6 |
| Bilanċ primarju | -5.1 | -6.6 | -4.0 | -2.5 | -3.1 | -1.9 | -6.5 | -1.2 | 0.7 | 1.1 |
| Bilanċ pożittiv/negattiv, nett mill-ispiża tal-gvern għall-investiment | -3.3 | -4.9 | -2.8 | -2.0 | -2.7 | -1.1 | -4.9 | -2.9 | 2.2 | 2.1 |

Sorsi: SEBĊ u l-Kummissjoni Ewropea.
Nota: Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti tagħhom huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ. Imgħax pagabbli kif irrappurtat skond il-proċedura tad-defiċit eċċessiv. Il-partita "impatt ta' *swaps* u FRAs" hi ugwali għad-differenza bejn l-imgħax (jew bilanċ negattiv/pożittiv) kif definit fil-proċedura tad-defiċit eċċessiv u fl-ESA 95. Ara r-Regolament (KE) Nru. 2558/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riklassifika ta' pagamenti skond l-arranġamenti tas-*swaps* u skond ftehim b'rata miftehma bil-quddiem.

**Tabella 8 Projezzjonijiet għall-piż fiskali minħabba l-età tal-popolazzjoni**

(perċentwali)

| | 2004 | 2010 | 2020 | 2030 | 2040 | 2050 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Anzjani dipendenti bħala proporzjon (popolazzjoni ta' 65 sena u fuqhom bħala proporzjon tal-popolazzjoni ta' 15-64 sena) | 19.0 | 20.4 | 30.0 | 36.0 | 35.9 | 40.6 |
| Bidla fl-infiq tal-gvern marbut ma' l-età (bħala punti perċentwali tal-PDG) imqabbel ma' l-2004 | - | 0.9 | 2.2 | 1.8 | 1.0 | 0.3 |

Sors: "The impact of ageing on public expenditure: projections for the EU25 Member States on pensions, health care, long-term care, education and unemployment transfers (2004-2050)", Kumitat għall-Politika Ekonomika u Kummissjoni Ewropea (2006).

# 3 ŻVILUPPI FIR-RATA TAL-KAMBJU

## Tabella 9 (a) Stabbiltà tar-rata tal-kambju

| | |
|---|---|
| Sħubija fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (ERM II) | Iva |
| Sħubija sa minn | 2 ta' Mejju 2005 |
| Rata ċentrali MTL/EUR fi ħdan l-ERM II | 0.429300 |
| Faxxa ta' ċaqliq ERM II | ± 15% |
| Żvalutazzjoni tar-rata ċentrali bilaterali fuq l-inizjattiva tal-pajjiż stess | Le |
| Apprezzament massimu [1] | 0.0 |
| Deprezzament massimu [1] | 0.0 |

Sors: BĊE.
1) Devjazzjonijiet perċentwali massimi mir-rata ċentrali ta' l-ERM II tul il-perijodu mit-2 ta' Mejju 2005 sa s-26 t'April 2007, abbażi ta' *data* ta' kuljum irreġistrata waqt il-ġranet tax-xogħol. Devjazzjoni 'l fuq/'l isfel tfisser li l-munita qiegħda fuq in-naħa l-qawwija/d-dgħajfa tal-faxxa.

## (b) Indikaturi ewlenin tal-pressjoni tar-rata tal-kambju fuq il-lira Maltija

(medja ta' perijodu ta' tliet xhur li jintemm f'xahar speċifikat)

| | 2005 | | | 2006 | | | | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ġunju | Sett. | Diċ. | Mar. | Ġunju | Sett. | Diċ. | Mar. |
| Instabbiltà tar-rata tal-kambju [1] | 0.8 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Differenzjal fir-rati ta' l-imgħax fuq żmien qasir [2] | 1.1 | 1.1 | 0.9 | 0.6 | 0.4 | 0.4 | 0.2 | 0.2 |

Sorsi: *Data* nazzjonali u kalkoli tal-BĊE.
1) Devjazzjoni standard ta' kull xahar annwalizzata (bħala perċentwal) tal-bidliet perċentwali ta' kuljum tar-rata tal-kambju kontra l-euro.
2) Differenzjal (f'punti perċentwali) bejn ir-rati trimestrali tal-kambjali tat-Teżor u l-EURIBOR trimestrali.

## Ċart 6 Lira Maltija: devjazzjoni mir-rata ċentrali ta' l-ERM II

(*data* ta'kuljum; devjazzjoni perċentwali; 2 ta' Mejju 2005 sa s-26 t'April 2007)




Sors: BĊE.
Nota: Il-linja vertikali tindika d-data tas-sħubija fl-ERM II (2 ta' Mejju 2005). Devjazzjoni pożittiva/negattiva mir-rata ċentrali tindika li l-munita hi fuq in-naħa l-qawwija/dgħajfa tal-faxxa. Għal-lira Maltija, il-faxxa taċ-ċaqliq hi ± 15%. Devjazzjonijiet qabel it-2 ta' Mejju 2005 jirreferu għar-rata ċentrali tal-lira Maltija kif stabbilita mas-sħubija fl-ERM II.

## Tabella 10 Lira Maltija: żviluppi fir-rata tal-kambju reali

(*data* ta' kull xahar; devjazzjonijiet perċentwali; Marzu 2007 imqabbel ma' perijodi differenti ta' referenza)

| | Medja Jan. 1996 sa Mar. 2007 | Medja Jan. 1999 sa Mar. 2007 |
|---|---|---|
| Rata tal-kambju bilaterali reali kontra l-euro [1] | 0.6 | -2.0 |
| *Memoranda:* | | |
| Rata tal-kambju nominali effettiva [2] | 5.2 | 4.5 |
| Rata tal-kambju reali effettiva [1), 2)] | 7.8 | 5.5 |

Sors: BĊE.
Nota: Sinjal pożittiv jindika apprezzament, waqt li sinjal negattiv jindika deprezzament.
1) Abbażi ta' l-iżviluppi HICP u CPI.
2) Rata tal-kambju effettiva kontra ż-żona ta' l-euro, Stati membri ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro u 10 sħab ewlenin oħra tan-negozju.

## Tabella 11 Żviluppi esterni

(bħala perċentwali tal-PDG, sakemm mhux dikjarat mod ieħor)

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bilanċ tal-pagamenti** | | | | | | | | | | |
| Bilanċ tal-kont kurrenti flimkien ma' dak tal-kont kapitali [1] | -5.8 | -5.2 | -2.8 | -12.0 | -3.8 | 2.6 | -2.8 | -4.9 | -4.9 | -3.3 |
| Bilanċ tal-kont kurrenti | -6.1 | -6.0 | -3.4 | -12.5 | -3.8 | 2.5 | -3.2 | -6.4 | -8.3 | -6.3 |
| Bilanċ tal-kont kapitali | 0.2 | 0.7 | 0.7 | 0.5 | 0.0 | 0.2 | 0.4 | 1.5 | 3.4 | 3.1 |
| Bilanċ tal-prodotti | -19.6 | -17.4 | -16.9 | -19.4 | -14.3 | -8.1 | -13.1 | -16.0 | -19.6 | -19.8 |
| Bilanċ tas-servizzi | 11.8 | 12.0 | 11.6 | 8.6 | 8.9 | 9.5 | 9.9 | 9.8 | 7.9 | 6.2 |
| Bilanċ tad-dħul | 0.2 | -1.7 | 1.0 | -2.6 | 1.0 | 0.7 | -0.5 | -1.2 | -2.8 | -1.6 |
| Bilanċ ta' l-għotjiet kurrenti | 1.5 | 1.1 | 0.8 | 0.8 | 0.6 | 0.5 | 0.6 | 1.0 | 6.2 | 8.8 |
| Bilanċ ta' l-investiment dirett u finanzjarju flimkien [1] | 4.3 | 6.0 | 7.6 | -3.7 | -6.4 | -18.7 | -23.8 | -30.8 | -35.5 | -12.2 |
| Bilanċ ta' l-investiment dirett | 1.3 | 6.6 | 20.4 | 15.4 | 6.3 | -9.9 | 8.5 | 7.4 | 10.5 | 27.4 |
| Bilanċ ta' l-investiment finanzjarju | 3.0 | -0.7 | -12.8 | -19.1 | -12.7 | -8.8 | -32.3 | -38.2 | -46.1 | -39.6 |
| Bilanċ ta' investiment ieħor | -0.9 | 1.7 | 3.4 | 9.6 | 10.1 | 24.2 | 28.5 | 31.1 | 44.9 | 24.4 |
| Assi ta' riżerva | -0.2 | -4.9 | -6.1 | 5.7 | -6.7 | -6.7 | -3.0 | 3.7 | -4.0 | -1.7 |
| Esportazzjoni ta' prodotti u servizzi | 75.5 | 78.0 | 82.1 | 92.0 | 81.1 | 84.3 | 80.7 | 78.4 | 72.6 | 76.8 |
| Importazzjoni ta' prodotti u servizzi | 83.4 | 83.5 | 87.3 | 102.8 | 86.6 | 82.9 | 83.9 | 84.7 | 84.3 | 90.3 |
| **Pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali nett** [2] | 21.8 | 19.9 | 17.9 | 6.0 | 13.8 | 35.5 | 41.3 | 40.4 | 44.1 | 37.5 |
| **Kummerċ barrani** | | | | | | | | | | |
| Esportazzjoni ta' prodotti lejn iż-żona ta' l-euro [3] | 45.8 | 44.6 | 39.0 | 25.7 | 41.5 | 34.4 | 34.5 | 35.6 | 37.3 | 37.5 |
| Importazzjoni ta' prodotti miż-żona ta' l-euro [3] | 55.6 | 55.7 | 53.5 | 51.1 | 52.0 | 55.3 | 56.4 | 58.5 | 61.3 | 55.0 |
| Esportazzjoni ta' prodotti lejn l-UE [4] | 54.8 | 54.9 | 49.0 | 34.0 | 52.5 | 47.4 | 48.7 | 50.3 | 51.6 | 50.2 |
| Importazzjoni ta' prodotti mill-UE [4] | 72.0 | 70.1 | 66.1 | 60.5 | 64.6 | 68.1 | 68.0 | 72.6 | 75.0 | 67.6 |

Sorsi: SEBĊ u Eurostat.
1) Differenzi bejn it-totali u s-somma tal-komponenti huma dovuti għal żieda/tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
2) Bħala perċentwal ta' l-esportazzjoni/importazzjoni totali. Id-*data* tirreferi għaż-żona ta' l-euro minbarra s-Slovenja.
3) Bħala perċentwal ta' l-esportazzjoni/importazzjoni totali. Id-*data* tirreferi għall-UE minbarra l-Bulgarija u r-Rumanija.

# 4 ŻVILUPPI TAR-RATA TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

**Tabella 12 Rati ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIRs)**

(perċentwali; medja ta' l-osservazzjonijiet tul il-perijodu)

| | 2006 Diċ. | 2007 Jan. | Frar | Mar. | Apr. 2006 sa Mar. 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil | 4.3 | 4.3 | 4.4 | 4.4 | **4.3** |
| *Valur ta' referenza* [1] | | | | | ***6.4*** |
| *Żona ta' l-euro* [2] | *3.9* | *4.1* | *4.1* | *4.0* | ***4.0*** |

Sorsi: BĊE u l-Kummissjoni Ewropea.
1) Il-kalkolu għall-perijodu minn April 2006 sa Marzu 2007 hu bbażat fuq il-medja aritmetika mhux ippeżata tal-livelli tar-rati ta' l-imgħax fil-Polonja, il-Finlandja u l-Isvezja, biż-żieda ta' 2 punti perċentwali.
2) Il-medja taż-żona ta' l-euro hi inkluża għal għanijiet ta' tagħrif biss.

**Ċart 7 Rata ta' l-imgħax fuq żmien twil (LTIR)**




Sorsi: BĊE u l-Kummissjoni Ewropea.

# ANNESS

# IL-METODOLOĠIJA TA' L-ISTATISTIKA TA' L-INDIKATURI TAL-KONVERĠENZA

L-eżami tal-proċess tal-konverġenza ekonomika jiddependi ħafna mill-kwalità u l-integrità ta' l-istatistika li fuqha hija bbażata. Il-kompilazzjoni u r-rappurtar ta' l-istatistika, b'mod partikolari l-istatistika finanzjarja tal-gvern, m'għandhiex tkun soġġetta għal konsiderazzjonijiet politiċi. L-Istati Membri huma mistiedna jagħtu importanza kbira għall-kwalità u għall-integrità ta' l-istatistika tagħhom u jiżguraw li waqt il-proċess ta' kompilazzjoni ta' l-istatistika jkun hemm il-kontrolli meħtieġa u li jiġu applikati ċertu standards għal dak li għandu x'jaqsam mal-governanza u l-kwalità.

Il-Kodiċi tal-Prassi għall-istituti nazzjonali u l-istituti ta' l-istatistika tal-Komunità (minn issa 'il quddiem "il-Kodiċi") hu mistenni li jsaħħaħ l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà ta' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika (NSIs) u jgħin biex inissel fiduċja fil-kwalità ta' l-istatistika fiskali.[1] Il-Kodiċi fih mhux biss l-istandards minimi li jridu jiġu applikati imma jirrakkomanda wkoll ċerti arranġamenti istituzzjonali u organizzattivi għall-produzzjoni ta' l-istatistika mill-NSIs u wkoll għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità ta' din l-istatistika billi jħeġġeġ l-użu ta' l-aħjar prinċipji, metodi u prassi internazzjonali għall-istatistika.

Dan l-anness jeżamina l-istatistika li fuqha huma bbażati l-indikaturi primarji tal-konverġenza. L-anness jirreferi għal xi karatteristiċi istituzzjonali tal-NSIs ikkonċernati, u jipprovdi informazzjoni dwar il-metodoloġija ta' l-istatistika użata fil-kumpilazzjoni ta' l-indikaturi tal-konverġenza u dwar il-konformità ta' l-istatistika ma' l-istandards meħtieġa biex issir stima xierqa tal-proċess tal-konverġenza.

## I FATTURI ISTITUZZJONALI RELATATI MAL-KWALITÀ TA' L-ISTATISTIKA BIEX TKUN TISTA' ISSIR STIMA TAL-PROĊESS TAL-KONVERĠENZA

Il-Kodiċi jirreferi għal għadd ta' prinċipji li għandhom jiġu implimentati, li jkopru fatturi istituzzjonali bħal ma huma l-indipendenza professjonali, il-poter għal ġbir tad-*data*, jekk hemmx riżorsi biżżejjed, l-impenn għall-kwalità, il-konfidenzjalità, l-imparzjalità u l-oġġettività ta' l-istatistika, kif ukoll il-proċessi u l-prodott ta' l-istatistika.[2]

Matul l-2005 l-Eurostat u l-NSIs għamlu eżami tagħhom nfushom permezz ta' kwestjonarju biex jaraw kemm huma konformi mal-Kodiċi. It-Tabella 1 tagħti fil-qosor dettalji tal-karatteristiċi istituzzjonali relatati mal-kwalità ta' l-istatistika, bħall-importanza li l-NSI jkollha l-indipendenza legali, li tkun irregolata u jkollha awtonomija fit-tqassim tal-baġit tagħha, li jkollha saħħa legali biex tiġbor id-*data* u li jkun hemm id-dispożizzjonijiet legali għal dak li għandu x'jaqsam mal-konfidenzjalità ta' l-istatistika.[3]

## 2 INFLAZZJONI HICP

Din it-taqsima tħares lejn l-metodoloġija u l-kwalità ta' l-istatistika għall-kejl ta' l-iżviluppi fil-prezzijiet, b'mod speċifiku, l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP). L-HICP ġie żviluppat biex jgħin fl-analiżi tal-konverġenza f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet fuq bażi paragunabbli. Dan jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) għall-Istati Membri kollha.[4] L-HICP li jkopri ż-żona ta' l-euro kollha kemm hi kien il-kejl ewlieni ta' l-iżviluppi fil-prezzijiet għall-

1 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika nazzjonali u tal-Komunità", COM (2005) 217 finali, Kummissjoni Ewropea, Brussell, 25 ta' Mejju 2005.

2 Il-prinċipji li jirreferu għall-proċessi ta' l-istatistika jinkludu metodoloġija soda, proċeduri xierqa, attenzjoni biex ma jitqiegħedx piż żejjed fuq min jintalab jipprovdi statistika u effiċjenza fil-ġbir ta' l-istatistika. Il-prinċipji marbuta mal-prodott ta' l-istatistika jaqblu mad-dimensjoni tal-kwalità tad-*data* kif indikat mill-Eurostat. Dawn jinkludu r-rilevanza, l-eżattezza u l-kredibbiltà, il-puntwalità, il-koerenza u l-komparabilità, u l-aċċessibilità u ċ-ċarezza. Ara http://epp.eurostat.cec.eu.int (April 2007).

3 L-informazzjoni dwar l-istruttura tal-NSI ittieħdet mis-siti elettroniċi tagħhom (April 2007).

4 Għal dettalji dwar aspetti tal-metodoloġija ta' l-HICP, ara "Harmonized Indices of Consumer Prices (HICPs) – A Short Guide for Users", Uffiċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, Lussemburgu, 2004.

**Tabella 1 Il-kwalità u l-integrità ta' l-indikaturi primarji tal-konverġenza**

| | Ċipru | Malta |
|---|---|---|
| **Fatturi istituzzjonali relatati mal-kwalità u l-integrità ta' l-istatistika biex tkun tista' ssir stima tal-proċess tal-konverġenza** | | |
| L-indipendenza legali ta' l-istitut nazzjonali ta' l-istatistika | Skond l-Artikolu 12 tal-Liġi ta' l-Istatistika, l-istatistika trid tkun iggvernata bil-prinċipji ta' rilevanza, imparzjalità, kredibilità, trasparenza u konfidenzjalità. Il-Kap ta' l-NSI jinħatar mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Il-ħatra hi permanenti. | Skond l-Artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Awtorità għall-Istatistika ta' Malta, l-istatistika hi bbażata fuq il-prinċipji ta' kredibilità, oġġettività, rilevanza, konfidenzjalità, trasparenza, speċifiċità, proporzjonalità u imparzjalità. Il-Kap ta' l-NSI jinħatar mill-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika wara li jkun ikkonsulta l-Ministeru tal-Finanzi. Il-perijodu tal-ħatra hu fiss (tliet snin; il-ħatra tista tiġġedded). |
| Sorveljanza amministrattiva u awtonomija tal-baġit | L-NSI hu uffiċċju governattiv taħt is-sorveljanza tal-Ministeru tal-Finanzi. Dan għandu ċerta awtonomija tal-baġit u jamministra ammont annwali allokat lilu mill-baġit ta' l-istat. | L-NSI hi aġenzija fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika, li tirrapporta lill-Ministru tal-Finanzi permezz tal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika. |
| Saħħa legali għall-ġbir tad-*data* | Il-Liġi ta' l-Istatistika tiddetermina l-prinċipji ewlenin fil-ġbir tad-*data*. | L-Att dwar l-Awtorità għall-Istatistika jiddetermina l-prinċipji ewlenin fil-ġbir tad-*data*. |
| Dispożizzjonijiet legali dwar il-konfidenzjalità ta' l-istatistika | Skond l-Artikolu 13 tal-Liġi ta' l-Istatistika, il-konfidenzjalità ta' l-istatistika hi garantita. | Skond l-Artikoli 17, 40, 41 u 44 ta' l-Att dwar l-Awtorità għall-Istatistika, il-konfidenzjalità ta' l-istatistika hi garantita. |
| **Inflazzjoni HICP** | | |
| Konformità ma' l-istandards minimi legali | Ikkonfermata mill-Eurostat fl-2004 u fl-2006. | Fil-biċċa l-kbira, ikkonfermata mill-Eurostat fl-2004 u fl-2006.<br>Il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità huma limitati u x'aktarx li għandhom impatt relattivament żgħir fuq ir-rati medji annwali ta' tibdil fl-HICP. |
| Kwistjonijiet oħra | Ma ġew identifikati l-ebda kwistjonijiet oħra. | Ma ġew identifikati l-ebda kwistjonijiet oħra. |
| **Statistika tal-finanzi tal-gvern** | | |
| Rappurtar ta' *data* | Id-*data* dwar id-dħul, l-infiq, id-defiċit u d-dejn huma pprovduti għall-perijodu 1997-2006. | Id-*data* dwar id-dħul, l-infiq, id-defiċit u d-dejn huma pprovduti għall-perijodu 1997-2006. |
| Kwistjonijiet pendenti dwar statistika | Ma ġew identifikati ebda kwistjonijiet pendenti dwar statistika. | Ma ġew identifikati ebda kwistjonijiet pendenti dwar statistika. |
| Konsistenza ta' l-istatistika tal-finanzi tal-gvern | Ma ġiet identifikata l-ebda inkonsistenza. | Hi meħtieġa rikonċiljazzjoni bejn il-kontijiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji għas-snin ta' qabel l-2003. |
| Aġġustament tad-defiċit-dejn | Ċifri għoljin u fil-biċċa l-kbira pożittivi (medja ta' 1.7% tal-PDG għall-perijodu 1997-2006), dovuti l-iżjed għax-xiri ta' munita u depożiti. | Ir-rappurtar tad-*data* għad-DDA, li l-komponenti tiegħu għandhom jiġu maqsuma biex issir stima aħjar, hu baxx għas-snin ta' qabel l-2003. |
| L-istituzzjoni responsabbli għall-kompilazzjoni tad-*data* għall-EDP | L-NSI, b'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi, jikkompila d-*data* għal-EDP attwali, u l-Ministeru tal-Finanzi jipprovdi l-previżjonijiet. Il-BĊN mhux involut direttament fil-kompilazzjoni ta' din l-istatistika. | Grupp ta' ħidma magħmul mill-NSI, mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-BĊN jikkompila d-*data* għall-EDP attwali, u l-Ministeru tal-Finanzi jipprovdi l-previżjonijiet. |

politika monetarja tal-BĊE sa minn Jannar 1999.

L-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 21 dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmi fl-Artikolu 121 tat-Trattat jgħid li l-konverġenza tal-prezzijiet għandha titkejjel permezz ta' indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur fuq bażi paragunabbli, waqt li jitqiesu d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali. F'Ottubru 1995 il-Kunsill ta' l-UE adotta r-Regolament Nru. 2494/95 dwar indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur. Barra dan, il-kejl ta' l-armonizzazzjoni introdott għall-HICPs ġie bbażat fuq għadd ta' Regolamenti tal-Kunsill ta' l-UE u tal-Kummissjoni. L-HICPs jużaw firxa komuni ta' prodotti u servizzi, territorju u popolazzjoni li huma inklużi (dawn il-fatturi kollha huma raġunijiet ewlenin għad-differenzi bejn l-indiċijiet nazzjonali tal-prezzijiet għall-konsumatur). Ġew stabbiliti wkoll standards

komuni f'ħafna oqsma oħra (per eżempju, it-trattament ta' prodotti u servizzi ġodda).

L-HICPs jużaw ippeżar ta' l-ispejjeż li hu aġġornat annwalment (jew inqas spiss jekk dan ma jkollux effett sinifikanti fuq l-indiċi). Dawn ikopru l-prodotti u s-servizzi kollha li huma inklużi fl-ispiża finali monetarja tal-konsum ta' l-individwi (HFMCE). L-HFMCE ttieħed mill-kunċett tal-kontijiet nazzjonali ta' l-ispiża finali monetarja tal-konsum ta' l-individwi, iżda bħalissa jeskludi spejjeż tad-djar okkupati mis-sidien. Il-prezzijiet inklużi huma l-prezzijiet li l-individwi jħallsu fil-fatt għall-prodotti u s-servizzi fit-transazzjonijiet monetarji u għalhekk jinkludu wkoll it-taxxi kollha (minbarra s-sussidji) fuq il-prodotti, e.ż. il-VAT u s-sisa. L-ispejjeż għas-saħħa, għall-edukazzjoni u għas-servizzi soċjali huma koperti sakemm dawn huma iffinanzjati (direttament jew permezz ta' assigurazzjoni privata) mill-individwi u mhumiex kumpensati mill-gvern.

L-istimi ta' l-effett tal-prezzijiet ikkontrollati fuq l-HICP jirreferu għall-prezzijiet li huma ffissati direttament jew li huma influwenzati b'mod sinifikanti mill-gvern u mir-regolaturi nazzjonali. Dawn huma bbażati fuq definizzjoni u kompilazzjoni komuni miftiehma mis-SEBĊ.

### KONFORMITÀ MA' L-ISTANDARDS MINIMI LEGALI

F'Marzu 2004 u fl-2006, l-Eurostat ivvalida u kkonferma l-konformità ta' l-Istati Membri kollha li kienu qed jiġu kkunsidrati ma' l-istandards legali minimi għall-HICP. Madankollu, billi l-HICPs ġew armonizzati fi stadji differenti, id-*data* ta' l-HICP ta' qabel l-2001 mhijiex għal kollox paragunabbli mad-*data* l-iżjed reċenti. Fil-każ ta' Malta, l-iżjed rapport reċenti ta' l-Eurostat dwar is-sorveljanza tal-konformità kkonkluda li "l-bażi metodoloġika għall-kumpilazzjoni ta' l-HICP f'Malta fil-biċċa l-kbira tikkonforma mar-rekwiżiti ta' l-HICP" u li "l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-metodoloġija ta' l-HICP huma limitati u jidher li fil-fatt għandhom impatt żgħir fuq ir-rati medji annwali ta' tibdil fl-HICP".[5]

## 3 STATISTIKA TAL-FINANZI TAL-GVERN

Din it-taqsima tħares lejn il-metodoloġija u l-kwalità ta' l-istatistika li permezz tagħha jiġu kkalkulati l-iżviluppi fiskali. L-istatistika tal-finanzi tal-gvern (GFS) hi bbażata prinċipalment fuq kunċetti nazzjonali tal-kontabilità u għandha tkun kompatibbli mas-sistema Ewropea ta' kontabilità nazzjonali u reġjonali tal-Komunità (ESA 95)[6] u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2103/2005 tat-12 ta' Diċembru 2005 fir-rigward tad-dejn. Il-Protokoll Nru. 20 dwar il-proċedura dwar deficit eċċessiv (EDP), flimkien mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3605/93 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura dwar defiċit eċċessiv kif emendat, jiddefinixxi kunċetti bħal "gvern", "bilanċ pożittiv/bilanċ negattiv", "spiża għall-imgħax", "investiment", "dejn" u "prodott domestiku gross (PDG)" b'referenza għall-ESA 95. L-ESA 95 hi konsistenti ma' standards internazzjonali oħra ta' l-istatistika, bħal ma hi s-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali 1993 (SNA 93). L-istatistika dwar l-EDP tirreferi għat-taqsima "gvern ġenerali". Din tinkludi fondi tal-gvern ċentrali, tal-gvernijiet statali (f'dawk l-Istati Membri li għandhom struttura federali), tal-gvern reġjonali jew lokali u tas-sigurtà soċjali. Tipikament, din ma tinkludix korporazzjonijiet pubbliċi.

L-EDP tal-gvern ġenerali fir-rigward ta' bilanċ negattiv (-)/bilanċ pożittiv (+) hi l-istess bħal "self nett ħiereġ (+) u self nett dieħel (-)" flimkien ma' "ħlas nett għal *swaps* u *forward rate agreements*" ta' l-ESA 95. Is-self nett

5 Ara "HICP compliance monitoring – information note on the HICP for Malta", Kummissjoni Ewropea (Eurostat) (Ottubru 2006).

6 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, pp. 1-469.

ħiereġ (+) u self nett dieħel (-) ta' l-ESA 95 hu l-istess bħad-"dħul totali" wara li titnaqqas l-"ispiża totali". Waqt li l-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet bejn it-taqsimiet tal-gvern ġenerali relatati mad-dħul u l-ispiża mhumiex ikkonsolidati, it-transazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' "l-imgħax", "trasferimenti kurrenti oħra", "għotjiet għall-investiment" u "trasferimenti kapitali oħra" huma kkonsolidati. Il-bilanċ negattiv/bilanċ pożittiv tal-gvern primarju hu l-bilanċ negattiv/bilanċ pożittiv tal-gvern mingħajr l-ispiża fuq l-imgħax.

L-EDP għad-dejn tal-gvern ġenerali hi s-somma ta' l-obbligazzjonijiet pendenti gross b'valur nominali kif ikklassifikat fil-kategoriji ESA 95 "flus u depożiti", "titoli aparti ishma minbarra derivattivi finanzjarji" (e.ż. kambjali tal-gvern, karti tal-flus, u bonds) u "arranġamenti ta' self". Dan jeskludi derivattivi finanzjarji, bħal ma huma *swaps*, kif ukoll krediti tal-kummerċ u obbligazzjonijiet oħra li mhumiex rappreżentati minn dokument finanzjarju, bħalma hi taxxa mħallsa żejda. Dan jeskludi wkoll obbligazzjonijiet kontinġenti, bħalma huma garanziji tal-gvern u impenji rigward pensjonijiet. Stimi bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq konġetturi wesgħin u jistgħu jvarjaw ħafna. Waqt li d-dejn tal-gvern hu kunċett gross fis-sens li la l-assi finanzjarji u lanqas dawk mhux finanzjarji ma huma mnaqqsa mill-obbligazzjonijiet, dan id-dejn hu kkonsolidat fi ħdan is-settur tal-gvern ġenerali u għalhekk ma jinkludix id-dejn tal-gvern li jagħmel parti mit-taqsimiet l-oħra tal-gvern.

Il-kejl tal-PDG użat fil-kumpilazzjoni tad-defiċit u tad-dejn tal-gvern bħala proporzjonijiet hu dak ta' l-ESA 95 PDG bil-prezzijiet kurrenti tas-suq.

## 3.1 RAPPURTAR TAD-*DATA*

F'April 2007, il-Kummissjoni Ewropea bagħtet lill-BĊE *data* dwar il-pożizzjonijiet finanzjarji tal-gvern ġenerali (il-bilanċ negattiv/bilanċ pożittiv tal-gvern ġenerali u d-dejn) għall-perijodu 1997 sa l-2006 u previżjonijiet għall-2007.

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) ta' l-Eurosistema jipprovdu lill-BĊE *data* dettaljata dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern (GFS) skond il-Linja Gwida GFS tal-BĊE (BĊE/2005/5).[7] Għalkemm il-Linja Gwida torbot legalment biss lill-BĊN taż-żona ta' l-euro, il-BĊN barra ż-żona ta' l-euro jibagħtu din id-*data* GFS lill-BĊE sa l-istess dati ta' l-għeluq, u jużaw l-istess proċeduri bħall-BĊN taż-żona ta' l-euro. Il-Linja Gwida GFS tistabbilixxi t-trasmissjoni ta' *data* annwali b'analiżi dettaljata tad-dħul u l-ispiża annwali, tad-dejn u ta' l-aġġustament tad-defiċit-dejn. Barra dan, din tirrikjedi ċifri dwar id-dejn tal-gvern ġenerali b'analiżi skond it-tip ta' strument, skond il-maturità inizjali u dik residwa u skond id-detentur.

L-Istati Membri li qed jiġu kkunsidrati jikkonformaw mar-rekwiżit legali li jesiġi li l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pożizzjonijiet finanzjarji tal-gvern lill-Kummissjoni Ewropea, d-*data* dwar id-dħul annwali, l-ispiża, il-bilanc negattiv/bilanċ pożittiv u d-dejn għall-perijodu 1997-2006.

## 3.2 KWISTJONIJIET PENDENTI DWAR L-ISTATISTIKA

L-istatistika għall-EDP għandha tirrifletti deċiżjonijiet meħuda mill-Eurostat skond l-ESA 95 għal każijiet speċifiċi li jinvolvu s-settur tal-gvern ġenerali. Spjegazzjoni dettaljata ta' l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Eurostat tinsab fil-manwal ta' l-ESA 95 dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern. Bħalissa, ma ġew identifikati l-ebda kwistjonijiet pendenti għal Ċipru u għal Malta.

7 Il-Linja Gwida tal-BĊE tas-17 ta' Frar 2005 dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ statistiku tal-BĊE u l-proċeduri għall-iskambju ta' tagħrif statistiku fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika finanzjarja tal-gvern (BĊE/2005/5); emendata bil-Linja Gwida BĊE/2006/27.

### 3.3 KONSISTENZA TA' L-ISTATISTIKA DWAR IL-FINANZI TAL-GVERN

Wieħed mill-prinċipji tal-Kodiċi relatat mar-riżultati statistiċi jiffoka fuq il-koerenza u l-paragunabbiltà tad-*data*, u jgħid li l-istatistika Ewropea għandha tkun konsistenti internament, konsistenti tul iż-żmien u paragunabbli bejn il-pajjiżi, u li għandu jkun possibbli li jiġu kombinati sorsi diffferenti u li jsir użu konġunt tad-*data* relatata. Fi kliem ieħor, l-identitajiet aritmetiċi u tal-kontabilità għandhom jiġu osservati, u l-istatistika għandha tkun konsistenti jew għall-inqas koerenti fuq perijodu raġonevoli ta' żmien, kif ukoll għandha tkun ikkompilata abbażi ta' standards komuni ta' l-istatistika għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ambitu, mad-definizzjonijiet, mat-taqsimiet u mal-klassifikazzjoni tagħhom fl-istħarriġ u s-sorsi diversi.

Fid-*data* fiskali tagħha għas-snin ta' qabel l-2003, Malta għandha tagħmel iżjed sforzi biex tirrikonċilja t-transazzjonijiet mhux finanzjarji u dawk finanzjarji tal-gvern ġenerali.

### 3.4 AĠĠUSTAMENT TAD-DEFIĊIT-DEJN

Il-bidla fid-dejn pendenti tal-gvern fit-tmiem ta' sentejn konsekuttivi tista' tvarja mill-bilanċ negattiv/bilanċ pożittiv tal-gvern għas-sena rispettiva. Per eżempju, id-dejn tal-gvern jista' jitnaqqas bl-użu ta' dħul mill-privatizzazzjoni ta' korporazzjonijiet pubbliċi jew mill-bejgħ ta' assi finanzjarji oħra mingħajr ma jkun hemm ebda impatt (immedjat) fuq id-defiċit tal-gvern. L-ispjegazzjoni tas-somma tal-bilanċ negattiv (-)/bilanċ pożittiv (+) u taż-żieda (+)/tnaqqis (-) fid-dejn tal-gvern, ta' l-aġġustament tad-defiċit-dejn (DDA), tintuża wkoll fl-istima tal-kwalità u tal-konsistenza ta' l-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern.[8] DDA kbir jew volatili mhux bilfors jindika kwistjoni ta' kwalità, sakemm il-komponenti tiegħu jkunu spjegati b'mod sħiħ. Il-komponenti ta' din id-differenza huma l-akkwist nett/il-bejgħ nett ta' assi finanzjarji, il-bidliet fl-istima tad-dejn tal-gvern ġenerali, u bidliet oħra fid-dejn tal-gvern ġenerali. Biex jiġu kkompilati dawn il-komponenti trid tkun disponibbli sistema żviluppata ta' kontijiet finanzjarji ta' l-ESA 95 għas-settur tal-gvern (transazzjonijiet, flussi oħra u stokks) u din trid tkun rikonċiljata mad-dejn nominali.

Għal Ċipru, d-DDA kien volatili, u laħaq livelli relattivament għoljin fl-1998 (4.0% tal-PDG) u fl-2001 (3.8% tal-PDG). Dan jiġi ddeterminat prinċipalment minn akkumulazzjoni ta' depożiti mizmuma mill-gvern. Għal Malta, ġie identifikat rappurtar x'aktarx limitat għad-DDA qabel l-2003. Barra dan, id-DDA kien relattivament kbir bejn l-2002 u l-2006, (-4% u -4.7% tal-PDG rispettivament). Madankollu, id-DDA f'dawn is-sentejn irrifletta l-iżjed l-effett tad-dħul mill-privatizzazzjoni. Analiżi iżjed kompluta tad-DDA qabel l-2003 kienet tiffaċilita valutazzjoni aħjar tad-*data*.

## 4 IR-RATI TAL-KAMBJU

L-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru. 21 dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmi fl-Artikolu 121 tat-Trattat jispeċifika t-tifsira tal-kriterju dwar il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fis-Sistema Monetarja Ewropea. Fit-18 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE, permezz ta' pożizzjoni politika, fisser li l-kriterju jirreferi għall-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (ERM II) għal perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-istima tal-konverġenza mingħajr tensjonijiet qawwija, b'mod partikolari mingħajr żvalutar kontra l-euro.

Ir-rati tal-kambju bilaterali tal-muniti ta' l-Istati Membri fil-konfront ta' l-euro huma rati ta' referenza ta' kuljum irreġistrati mill-BĊE fis-2.15 p.m. (wara l-proċedura ta' konċertazzjoni ta' kuljum bejn il-banek ċentrali). Dawn jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku tal-BĊE. Rati tal-

8 Ara "Stock-flow adjustment (SFA) for the Member States, the euro area and the EU 27 for the period 2003-2006, as reported in the April 2007 EDP notification", Eurostat, 23 t' April 2007, http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/STOCK_FLOW_2007/EN/STOCK_FLOW_2007-EN.PDF

**Tabella 2 Qafas statistiku għad-definizzjoni tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil għall-evalwazzjoni tal-konverġenza**

| Kunċett | Rakkomandazzjoni |
|---|---|
| Min joħroġ il-bond | Il-bond għandu jinħareġ mill-gvern ċentrali. |
| Maturità | Kemm jista' jkun viċin maturità residwa ta' għaxar snin. Kwalunkwe sostituzzjoni ta' bonds għandha tnaqqas kemm jista' jkun il-*maturity drift*; trid titqies il-likwidità strutturali tas-suq. |
| Effetti tal-kupun | L-ebda aġġustament dirett. |
| Tassazzjoni | Qabel it-taxxa. |
| Għażla ta' bonds | Il-bonds magħżula għandhom ikunu likwidi biżżejjed. Dan ir-rekwiżit għandu jiddetermina l-għażla bejn l-użu ta' *benchmark* jew l-użu ta' kampjun, skond il-kondizzjonijiet tas-suq nazzjonali. |
| Formula tar-rendiment | Għandha tiġi applikata l-formula tar-"*redemption yield*". |
| Aggregazzjoni | Fejn ikun hemm iżjed minn bond wieħed fil-kampjun, għandha tintuża medja sempliċi tar-rendimenti biex tiġi kkalkulata r-rata rappreżentattiva. |

kambju bilaterali reali jiġu msawra permezz tad-deflazzjoni ta' l-indiċi tar-rati tal-kambju nominali bl-użu ta' l-HICP jew is-CPI. Rati tal-kambju effettivi nominali u reali jiġu msawra permezz ta' l-applikazzjoni tal-piżijiet totali tal-kummerċ (ibbażati fuq ippeżar ġeometriku) mar-rati tal-kambju bilaterali, kemm reali kif ukoll nominali tal-muniti ta' l-Istati Membri fil-konfront ta' sħab kummerċjali magħżula. L-istatistika tar-rati tal-kambju effettivi reali, kif ukoll ta' dawk nominali, tiġi kkalulata mill-BĊE. Żieda f'dawn l-indiċi tikkorispondi ma' apprezzament fil-munita ta' l-Istat Membru. Il-piżijiet kummerċjali totali jirreferu għall-kummerċ ta' prodotti manifatturati u jiġu kkalkulati biex jittieħed kont ta' l-effetti ta' swieq terzi. L-indiċijiet tar-rati tal-kambju effettivi huma bbażati fuq piżijiet li mhumiex fissi għall-perijodi mill-1995 sa l-1997 u mill-1999 sa l-2001, li huma kkollegati ma' xulxin f'Jannar 1999. Il-grupp tas-sħab kummerċjali jinkludi ż-żona ta' l-euro, l-Istati Membri ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro, l-Awstralja, il-Kanada, iċ-Ċina, Hong Kong, il-Ġappun, in-Norveġja, il-Korea t'Isfel, l-Isvizzera u l-Istati Uniti.

## 5 RATI TA' L-IMGĦAX FUQ ŻMIEN TWIL

L-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 21 dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmi fl-Artikolu 121 tat-Trattat jgħid li r-rati ta' l-imgħax għandhom jitkejlu fuq bonds tal-gvern fuq żmien twil jew titoli simili, waqt li jitqiesu d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali. Waqt li l-Artikolu 5 jassenja lill-Kummissjoni Ewropea r-responsabbiltà biex tipprovdi l-istatistika għall-applikazzjoni tal-Protokoll, il-BĊE jgħin f'dan il-proċess minħabba l-kompetenza tiegħu f'dan il-qasam, billi jiddefinixxi liema huma r-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil u billi jiġbor id-*data* mill-BĊN biex jgħaddiha lill-Kummissjoni. Din hi kontinwazzjoni tax-xogħol li sar mill-IME bħala parti mit-tħejjijiet għat-Tielet Stadju ta' l-UEM f'ħidma mill-qrib mal-Kummissjoni.

Ix-xogħol kunċettwali rriżulta f'definizzjoni ta' seba' karatteristiċi ewlenin li għandhom jitqiesu meta jiġu kkalkulati r-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil, kif ippreżentati fit-Tabella 2. Ir-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil jirreferu għall-bonds denominati fil-munita nazzjonali.

## 6 FATTURI OĦRA

L-aħħar paragrafu ta' l-Artikolu 121(1) tat-Trattat jgħid li r-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE għandhom iqisu, minbarra l-erba' kriterji ewlenin, l-iżvilupp ta' l-ECU, ir-riżultati ta' l-integrazzjoni tas-swieq, is-sitwazzjoni u l-progress fuq il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti nazzjonali u eżami tal-*unit labour costs* u indiċijiet oħra tal-prezzijiet. Filwaqt li għall-erba' kriterji ewlenin il-Protokoll Nru. 21 jistipula li l-Kummissjoni għandha tipprovdi d-*data* li għandha tintuża għall-istima tal-konformità u tiddeskrivi dik

l-istatistika f'iżjed dettall, il-Protokoll ma jsemmi xejn dwar l-istatistika ta' dawn il-"fatturi oħrajn".

Fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti nazzjonali (b.t.p.) u l-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali (i.i.p.), l-istatistika tiġi kkompilata mill-BĊN skond il-kunċetti u d-definizzjonijiet stabbiliti fil-ħames edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti ta' l-IMF (BPM5) u skond standards ta' metodologija stabbiliti mill-BĊE u l-Eurostat. Madankollu, għandha tkompli tingħata prijorità biex jiġi rivedut il-kriterju tar-residenza fejn korporazzjonijiet li m'għandhomx preżenza fiżika iżda jkunu rreġistrati fil-pajjiż qed jiġu ttrattati daqs li kieku kienu residenti. Dan ir-rapport jeżamina s-somma tal-bilanċ tal-kont kurrenti flimkien ma' dak fil-kont kapitali, li turi l-pożizzjoni netta ta' jekk l-ekonomija totali hix tislef jew tissellef. Barra dan, ta' min jinnota li d-distinzjoni bejn it-trasferimenti kurrenti u dawk kapitali mhix dejjem ċara fil-prattika, minħabba li tiddependi minn kif intużaw il-flus minn min irċievihom. B'mod partikolari, dan japplika għall-klassifikazzjoni tal-komponenti kurrenti u kapitali fit-trasferimenti li jsiru bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri.[9]

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi, dawn jirreferu għall-bejgħ domestiku ta' l-industrija kollha f'daqqa minbarra dik tal-kostruzzjoni. Din l-istatistika tinġabar fuq bażi armonizzata skond ir-Regolament ta' l-UE għall-Istatistika fuq żmien qasir (STS).[10]

L-istatistika dwar il-*unit labour costs* (ikkalkulata bħala l-kumpens għal kull ħaddiem diviż bil-volumi *chain-linked* tal-PDG għal kull persuna impjegata) hi meħuda mid-*data* pprovduta mill-programm ta' trasmissjoni ta' l-ESA 95. Għal Malta, ma teżistix *chain-linked data* tal-kontijiet nazzjonali f'termini reali għas snin ta' qabel l-2000.

9 Għal aktar dettalji, ara "European Union balance of payments/ international investment position statistical methods", BĊE.

10 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-istatistika fuq żmien qasir, ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru. 1158/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005, ĠU L 191, 22.7.2005. p.1.

# 5 EŻAMI TAL-KUMPATIBBILTÀ TAL-LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI MAT-TRATTAT



### VALUTAZZJONIJIET TAL-PAJJIŻI

Il-valutazzjonijiet tal-pajjiżi li ġejjin jirrappurtaw biss dwar dawk id-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni nazzjonali f'Ċipru u Malta li l-BĊE ikkunsidra li huma problematiċi, jew mill-perspettiva ta' l-indipendenza tal-BĊNi tagħhom ġewwa s-SEBĊ, jew mill-perspettiva ta' l-integrazzjoni sussegwenti tal-BĊNi tagħhom fl-Eurosistema.

## 5.1 ĊIPRU

### 5.1.1 KUMPATIBBILTÀ MAL-LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI

Il-leġiżlazzjoni li ġejja tikkostitwixxi l-bażi legali għas-Central Bank of Cyprus u l-operat tiegħu:

– l-Artikoli 118 sa 121 tal-Kostituzzjoni Ċiprijotta[1], u

– il-Liġi dwar is-Central Bank of Cyprus ta' l-2002[2] (minn issa 'l quddiem il-"Liġi").

Il-Liġi u l-Kostituzzjoni diġà ġew adattati biex jitneħħewlhom inkumpatibbiltajiet mat-Trattat u l-Istatut fir-rigward ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali.

Fid-dawl tar-Rapporti ta' Konverġenza tal-BĊE ta' l-2004 u Diċembru 2006, u l-opinjonijiet tal-BĊE dwar emendi tal-Liġi[3], il-Liġi kompliet tiġi adattata f'Marzu 2007, skond l-Artikolu 109 tat-Trattat, bis-saħħa tal-Liġi dwar is-Central Bank of Cyprus ta' l-2007 (minn issa 'l quddiem "il-liġi li temenda").[4] Il-liġi li temenda neħħiet l-inkumpatibbiltajiet kollha li kien fadal bejn il-Liġi u l-obbligi tat-Trattat u l-Istatut.

Fir-rigward ta' leġiżlazzjoni oħra, il-BĊE ma jafx b'dispożizzjonijiet statutorji oħra li għandhom jiġu adattati skond l-Artikolu 109 tat-Trattat.

Ċipru ppreżenta t-talba għal eżami tal-pajjiż fit-13 ta' Frar 2007.[5]

### 5.1.2 INDIPENDENZA TAL-BĊN

Fir-rigward ta' l-indipendenza tas-Central Bank of Cyprus, il-Liġi kienet adattata fir-rigward ta' dawn l-aspetti msemmija hawn isfel.

#### INDIPENDENZA ISTITUZZJONALI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Liġi dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku[6] kienet inkumpatibbli ma' l-obbligi tat-Trattat u l-Istatut fir-rigward ta' l-indipendenza tal-bank ċentrali sal-punt li kienet tissuġġetta deċiżjonijiet tas-Central Bank of Cyprus biex jagħti l-kuntratti għal stħarriġ mill-Awtorita` ta' l-Istħarriġ ta' l-Akkwisti[7], u ma kienx ċar safejn is-Central Bank of Cyprus, fil-kuntest ta' l-attivitajiet tiegħu ta' l-akkwist pubbliku, kien suġġett għall-istruzzjonijiet tat-Teżor Ċiprijott.

Regolament maħruġ mill-Akkawntant Ġenerali skond is-Sezzjoni 91 tal-Liġi dwar il-

1 Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru tas-16 t'Awwissu 1960, kif emendata b'mod partikolari bil-Liġi dwar ir-raba' emenda tal-Kostituzzjoni ta' l-2002.
2 Kif emendata bil-Liġi (li temenda) dwar is-Central Bank of Cyprus tal-31 t'Ottubru 2003.
3 Opinjonijiet tal-BĊE: CON/2006/4 tas-27 ta' Jannar 2006 fuq it-talba tas-Central Bank of Cyprus dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġijiet tas-Central Bank of Cyprus ta' l-2002 u 2003; CON/2006/33 tat-28 ta' Ġunju 2006 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Ċiprijott dwar abbozz ta' dispożizzjoni li jemenda l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġijiet tas-Central Bank of Cyprus ta' l-2002 u 2003; u CON/2006/50 tas-26 t'Ottubru 2006 fuq it-talba tal-Ministeru tal-Finanzi Ċiprijott dwar abbozz ta' dispożizzjoni li jemenda l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġijiet tas-Central Bank of Cyprus ta' l-2002 u 2003.
4 Il-Liġi (li temenda) dwar is-Central Bank of Cyprus ta' l-2007, 34(I)/2007.
5 It-talba għall-preparazzjoni ta' Rapport ta' Konverġenza skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat saret minn Dr Michalis Sarris, il-Ministru għall-Finanzi Ċiprijott, u Dr Christodoulos Christodoulou, il-Gvernatur tas-Central Bank of Cyprus.
6 Il-Liġi 2(I) ta' 2006. Il-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku, kif speċifikati mil-liġi dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku, japplikaw għas-Central Bank of Cyprus ukoll fil-każijiet fejn il-kuntratt ikollu x'jaqsam ma' u/jew huwa marbut mat-twettiq tas-Central Bank of Cyprus ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ.
7 Huwa nnutat li l-membri ta' din l-awtorita` jinħatru u jistgħu jitkeċċew mill-Kunsill tal-Ministri, u li l-baġit tagħha huwa inkluż fil-baġit annwali tal-Gvern.

koordinazzjoni tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku jneħħi din l-inkumpatibbiltà billi jissostitwixxi l-Anness III tal-Liġi dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku b'Anness ġdid III li ma jinkludix is-Central Bank of Cyprus fil-lista ta' korpi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' "korp irregolat mil-liġi pubblika".[8]

L-Artikolu 55(1) tal-Liġi, dwar ir-rappurtar statutorju tal-Gvernatur tas-Central Bank of Cyprus lill-President tar-Repubblika u lill-Parlament Ċiprijott, jibbenefika, f'reviżjoni futura tal-Liġi, minn kjarifika li dan ir-rappurtar isir bla ħsara għall-Artikolu 108 tat-Trattat u l-Artikolu 38 ta' l-Istatut.

#### INDIPENDENZA PERSONALI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 13(3) tal-Liġi, li jagħti lill-Kunsill Ministerjali d-dritt li jaħtar membru tal-Bord għal perijodu ta' anqas minn ħames snin, għandu jiġi adattat biex jikkonforma ma' l-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut. Il-liġi li temenda tneħħi din l-inkumpatibbiltà billi temenda l-Artikolu 13(3) tal-Liġi.

### 5.1.3 PROJBIZZJONI TA' IFFINANZJAR MONETARJU U AĊĊESS PRIVILEĠĠAT

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 46(3) tal-Liġi li jistabbilixxi li s-Central Bank of Cyprus jista' jagħti self lil banek kontra s-sigurta` ta' garanzija għal perijodi fissi u għal skopijiet li s-Central Bank of Cyprus jista' jindika, ma kienx jinkludi salvagwardji biżżejjed biex iżomm dan is-self milli jikser potenzjalment il-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju li tinsab fl-Artikolu 101 tat-Trattat.

Il-liġi li temenda tneħħi din l-inkumpatibbiltà billi tintroduċi salvagwardji biżżejjed kontra ksur potenzjali tal-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju fil-forma ta' klawsola espliċita li ttaħħat is-setgħat tas-Central Bank of Cyprus għat-twettiq ta' l-obbligi kollha tiegħu skond it-Trattat u l-Istatut, b'mod partikolari l-Artikolu 21 ta' l-Istatut.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota wkoll li l-firxa ta' entitajiet tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 49(1) tal-Liġi (li tipprojbixxi lis-Central Bank of Cyprus milli jagħti faċilitajiet ta' owverdraft jew kull tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu mis-Central Bank of Cyprus favur il-Gvern Ċiprijott, awtoritajiet lokali, korporazzjonijiet pubbliċi jew impriżi pubbliċi, u x-xiri dirett mingħandhom mis-Central Bank of Cyprus ta' strumenti ta' dejn meta dawn jinħarġu) kellha tiġi estiża biex tkun konsistenti mat-Trattat, u tirrifletti bis-sħiħ l-Artikolu 101 tat-Trattat, biex tiġi evitata kull konfużjoni dwar liema entitajiet huma koperti mill-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

Il-liġi li temenda tneħħi din l-inkumpatibbiltà permezz ta' referenza espliċita għall-Artikolu 101 tat-Trattat.

### 5.1.4 INTEGRAZZJONI LEGALI TAL-BĊN FL-EUROSISTEMA

#### 5.1.4.1 GĦANIJIET TAL-POLITIKA EKONOMIKA

L-għanijiet tal-politika ekonomika tas-Central Bank of Cyprus qabel kienu inkumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut. Il-liġi li temenda tagħmel l-Artikolu 5 tal-Liġi (intitolat "Għanijiet tal-Bank") kumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut, billi jtaħħat l-appoġġ tas-Central Bank of Cyprus lejn il-politika ekonomika ġenerali ta' l-Istat, mhux biss għall-kisba ta' l-għan primarju tiegħu li jiżgura l-istabbiltà fil-prezzijiet, imma wkoll għat-twettiq ta' l-obbligi tas-Central Bank of Cyprus skond l-Artikolu 105(1) tat-Trattat.

8 Ir-Regolament 470/2006, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Nru 4158, III(I), 20.12.2006. Id-Direttiva relatata dwar l-Għoti tal-Kuntratti (Provvisti, Xogħlijiet u Servizzi) tas-Central Bank of Cyprus, li tinkorpora, bla ħsara għall-aġġustamenti meħtieġa, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti tal-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvisti pubbliċi u kuntratti tas-servizz pubbliku (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114) kienet ukoll ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika (Ir-Regolament 469/2006, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Nru 4158, III(I), 20.12.2006).

#### 5.1.4.2 ĦIDMIET

##### POLITIKA MONETARJA

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 6(2)(a) u l-Artikoli 10 u 11 tal-Liġi, li jistabbilixxu s-setgħat tas-Central Bank of Cyprus fil-qasam tal-politika monetarja, kienu inkumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

Il-liġi li temenda tneħħi din l-inkumpatibbiltà billi tirreferi b'mod espliċitu għas-Central Bank of Cyprus bħala parti integrali mis-SEBĊ, b'obbligu li jaġixxi skond il-linji ta' gwida u l-istruzzjonijiet tal-BĊE. Il-liġi li temenda tirrikonoxxi l-primat tat-Trattat u l-Istatut meta s-Central Bank of Cyprus iwettaq il-ħidmiet tiegħu u jabolixxi, b'effett mid-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro, il-Kumitat tal-Politika Monetarja. Rigward l-Artikolu 72A tal-Liġi, li jistabbilixxi li direttivi, atti u deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Politika Monetarja jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu emendati jew irrevokati, il-BĊE jifhem li din id-dispożizzjoni tkopri wkoll atti legali mhux relatati mal-politika monetarja maħruġin mill-Kumitat tal-Politika Monetarja, kif ukoll atti u deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja ta' l-Eurosistema. Għalhekk, il-BĊE jistenna li d-direttivi, l-atti u d-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat tal-Politika Monetarja li mhumiex konsistenti għal kollox mal-qafas ta' l-Eurosistema jiġu rrevokati jew adattati fil-ħin ta' l-applikazzjoni effettiva tal-Liġi, konformi mat-Trattat.

##### ĦRUĠ TA' KARTI TAL-FLUS

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikoli 27 sa 31 tal-Liġi, li jistabbilixxu d-dritt esklużiv tas-Central Bank of Cyprus biex joħroġ karti tal-flus u muniti f'Ċipru, kienu inkumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

L-Artikoli 21 sa 25 tal-liġi li temenda jneħħu din l-inkumpatibbilta` billi jtaħħtu b'mod espliċitu d-dritt tas-Central Bank of Cyprus li joħroġ karti tal-flus u muniti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 106 tat-Trattat.

##### IMMANIĠĠJAR TAR-RIŻERVI BARRANIN

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 6(2)(ċ) u l-Artikoli 33 sa 36 tal-Liġi, li jagħtu s-setgħa lis-Central Bank of Cyprus fir-rigward ta' l-immaniġġjar tar-riżervi barranin, kienu inkumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

L-Artikoli 6 u 27 sa 30 tal-liġi li temenda jneħħu din l-inkumpatibbilta` billi jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam. Il-BĊE jinnota li l-Artikolu 33(2) tal-Liġi (dwar is-setgħat tal-Bord tad-Diretturi tas-Central Bank of Cyprus biex jiddetermina, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Istatut, il-kambju fi flus barranin li s-Central Bank of Cyprus iżomm bħala parti mill-assi tiegħu) jagħti l-ħidma relatata mas-SEBĊ lill-Bord tad-Diretturi, filwaqt li skond l-Artikolu 20(3)(a) tal-Liġi, ħidmiet relatati mas-SEBĊ jingħataw lill-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur. Għaldaqstant ikun xieraq li tiġi kkjarifikata din l-inkonsistenza f'reviżjoni oħra tal-Liġi.

#### 5.1.4.3 STRUMENTI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikoli 39, 40 u 44 tal-Liġi, li jistabbilixxu s-setgħat tas-Central Bank of Cyprus fir-rigward ta' l-istrumenti tal-politika monetarja, kienu inkumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

L-Artikolu 34(b) u l-Artikoli 36 u 43 tal-liġi li temenda jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 41 u l-Artikolu 46(2) tal-Liġi, li jimponu obbligi ta' riżervi minimi fuq il-banek, kienu inkumpatibbli mat-Trattat u l-Istatut.

L-Artikolu 38 tal-liġi li temenda jneħħi din l-inkumpatibbilta` billi jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam. Madankollu, fir-rigward ta' l-Artikolu 46(2) tal-Liġi, li jistabbilixxi li s-Central Bank of Cyprus jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, iħallas imgħax fuq depożiti speċifikati tal-banek, il-BĊE jifhem li

din id-dispożizzjoni tirreferi għal kontijiet ta' munita barranija, jew jekk qed tirreferi għal kontijiet iddenominati fl-euro, għandha tinqara flimkien ma' l-Artikolu 41 tal-Liġi, li jagħmel referenza għall-Artikolu 19 ta' l-Istatut. Għalhekk, il-kundizzjonijiet tagħhom dejjem se jikkorrispondu ma' dawk tal-BĊE. Għaldaqstant tintlaqa' tajjeb kjarifika ta' din id-dispożizzjoni f'reviżjoni oħra tal-Liġi.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 65 tal-Liġi, li jistabbilixxi reati għal kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi, kien inkumpatibbli mat-Trattat u l-Isatut.

L-Artikolu 59 tal-liġi li temenda jneħħi din l-inkumpatibbiltà billi jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

#### 5.1.4.4 DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

##### ĦATRA TA' AWDITURI ESTERNI INDIPENDENTI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 60(1) tal-Liġi jistabbilixxi li r-rendikonti finanzjarji annwali tas-Central Bank of Cyprus huma vverifikati minn awdituri indipendenti approvati, maħtura mill-Bord tad-Diretturi, wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi.

L-Artikolu 55 tal-liġi li temenda jneħħi din l-inkumpatibbiltà billi jgħid li, b'effett mid-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro, ir-rendikonti finanzjarji annwali tas-Central Bank of Cyprus se jkunu vverifikati skond l-Artikolu 27 ta' l-Istatut.[9]

##### RAPPURTAR FINANZJARJU

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li Parti IX tal-Liġi, li titratta fost affarijiet oħra, ir-rendikonti finanzjarji annwali tas-Central Bank of Cyprus, ma tirriflettix l-obbligu tas-Central Bank of Cyprus biex jaderixxi mar-reġim ta' l-Eurosistema fir-rigward tar-rappurtar finanzjarju ta' l-operazzjonijiet ta' BĊN skond l-Artikolu 26 ta' l-Istatut.

L-Artikolu 54 tal-liġi li temenda jindirizza dawn il-kwistjonijiet billi jipprovdi li, b'effett mid-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro, is-Central Bank of Cyprus jiddetermina l-profitt jew telf nett tiegħu għal kull sena finanzjarja skond l-istandards internazzjonali tal-kontabilità li japplikaw għas-SEBĊ, kif adottati mill-BĊE.

#### 5.1.4.5 POLITIKA TAR-RATA TAL-KAMBJU

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 6(2)(b) u l-Artikolu 37 tal-Liġi, li jagħtu lis-Central Bank of Cyprus is-setgħa li jistabbilixxi r-rati tal-kambju għall-pound Ċiprijotta, kienu inkumpatibbli mat-Trattat.

L-Artikoli 6 u 31 tal-liġi li temenda jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet billi jeskludu t-twettiq tal-politika tar-rata tal-kambju mil-lista ta' ħidmiet tas-Central Bank of Cyprus, u jirrevokaw l-Artikolu 37 tal-Liġi li jkopri d-determinazzjoni tar-rati għal tranżazzjonijiet f'muniti barranin. Iż-żewġ dispożizzjonijiet jidħlu fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro.

#### 5.1.4.6 KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 6(2)(ġ) tal-

9 Ara l-Opinjonijiet CON/2006/33 u CON/2006/50, li jsostnu l-fehma li l-Awditur Ġenerali mhuwiex awditur estern fit-tifsira ta' l-Artikolu 27.1 ta' l-Istatut. Il-BĊE għamel dan il-punt qabel fl-Opinjoni CON/2006/4, fejn osserva wkoll li l-ħatra ta' awditur estern indipendenti, skond l-Artikolu 27.1 ta' l-Istatut, biex jivverifika r-rendikonti finanzjarji annwali tas-Central Bank of Cyprus ladarba Ċipru jadotta l-munita waħda, "mhux se tfixkel l-Uffiċju tal-Verifika milli jkompli jwettaq funzjoni ta' kuntroll, bil-kundizzjoni li l-attivitajiet tal-verifika tiegħu: (i) ma jfixklux l-istħarriġ tal-ħidmiet tas-CBC [Central Bank of Cyprus] relatati mas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) li għandu jitwettaq mill-awdituri esterni tas-CBC li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea skond l-Artikolu 27 ta' l-Istatut; u (ii) ma jippreġudikawx l-indipendenza tas-CBC". Il-paragrafu 2.2 ta' l-Opinjoni CON/2006/50 ikkonkluda: "Is-subsezzjoni 1(b) ta' l-abbozz tad-dispożizzjoni jistabbilixxi li l-Awditur Ġenerali jista' iwettaq verifiki finanzjarji u ta' ġestjoni ta' dawk l-attivitajiet tas-CBC li mhumiex relatati mal-ħidmiet u l-kompetenzi tas-SEBĊ tiegħu, iżda r-rapporti u l-attivitajiet ta' verifika tiegħu ma jaffettwawx l-indipendenza tas-CBC. Il-BĊE jilqa' wkoll is-subsezzjoni 1(b) u d-definizzjoni ta' verifika ta' ġestjoni fl-abbozz tad-dispożizzjoni, li tipprekludi kull interferenza fil-verifika li għandha titwettaq mill-awdituri esterni indipendenti tas-CBC."

Liġi dwar il-parteċipazzjoni tas-Central Bank of Cyprus f'organizzazzjonijiet monetarji u ekonomiċi internazzjonali, kien inkonsistenti ma' l-Istatut billi ma kienx jagħmel dik il-parteċipazzjoni kundizzjonali għall-approvazzjoni tal-BĊE.

L-Artikolu 6 tal-liġi li temenda jneħħi din l-inkumpatibbiltà billi jagħmel il-parteċipazzjoni tas-Central Bank of Cyprus f'istituzzjonijiet monetarji internazzjonali konformi ma' l-Artikolu 6.2 ta' l-Istatut.

Għas-sommarju konklużiv dwar Ċipru, jekk jogħġbok ara s-sommarji tal-pajjiżi.

## 5.2 MALTA

### 5.2.1 KUMPATIBBILTÀ MAL-LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI

Il-bażi legali għall-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-operat tiegħu huwa l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta[10] (minn issa 'l quddiem l-"Att").

Qabel l-2007, kien hemm diversi emendi ta' l-Att. Dawn l-emendi, b'mod partikolari dawk li saru fl-2005, ġew adottati bil-għan li jistabbilixxu l-indipendenza tal-bank ċentrali kif meħtieġ mit-Trattat u l-Istatut, u bil-għan li jintlaħaq livell ogħla ta' konverġenza ma' l-Istatut.[11]

Minn dakinhar l-Att ġie emendat drabi oħra[12], wara ż-żewġ konsultazzjonijiet tal-BĊE fl-2006.[13] Minħabba li l-Parlament Malti adotta l-emendi kif ġew ippreżentati lill-BĊE, biex b'hekk implimentaw l-Opinjonijiet CON/2006/23 u CON/2006/58, l-Att issa jikkonforma mat-Trattat u l-Istatut. Ġiet ukoll ippromulgata emenda oħra biex titranġa imperfezzjoni waħda li kienet għadha pendenti.[14] Fir-rigward ta' leġiżlazzjoni oħra, il-BĊE ma jafx b'dispożizzjonijiet statutorji oħra li għandhom jiġu adattati skond l-Artikolu 109 tat-Trattat.

Malta ppreżentat it-talba għal eżami tal-pajjiż fis-27 ta' Frar 2007.[15]

### 5.2.2 INDIPENDENZA TAL-BĊN

#### INDIPENDENZA ISTITUZZJONALI

Ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04)[16] qabel kienu inkumpatibbli ma' l-obbligi tat-Trattat u l-Istatut dwar l-indipendenza tal-bank ċentrali sal-punt li l-Bank Ċentrali ta' Malta kellu jitlob l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal proċeduri għall-offerti ristretti u nnegozjati, ukoll fejn dawn il-proċeduri ta' akkwist kienu marbuta direttament ma' ħidmiet relatati mas-SEBĊ.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Avviż Legali 177 ta' l-2005 eżenta lill-Bank Ċentrali ta' Malta mill-iskop ta' l-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Fir-rigward ta' l-Artikolu 8(6) ta' l-Att, dwar l-obbligi ta' rappurtar tal-Bank Ċentrali ta' Malta lill-Kamra tar-Rappreżentanti, tintlaqa' tajjeb kjarifika ta' din id-dispożizzjoni permezz ta' referenza espliċita għall-Artikolu 29(a) sa (ċ) ta' l-Att, f'reviżjoni oħra ta' l-Att, biex tiċċara li dan ir-rappurtar isir bla ħsara kemm

10 Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat l-aħħar.
11 Minkejja l-obbligu fuq l-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonsultaw lill-BĊE dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi skond l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 98/415/KE, l-awtoritajiet Maltin ma kkonsultawx lill-BĊE fir-rigward ta' l-Att IX ta' l-2005.
12 Att I ta' l-2007, li kien ippromulgat fit-2 ta' Marzu 2007.
13 Ara l-Opinjonijiet tal-BĊE: CON/2006/23 tat-22 ta' Mejju 2006 fuq it-talba tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; u CON/2006/58 tal-15 ta' Diċembru 2006 fuq it-talba tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar emendi ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.
14 Din l-emenda f'Parti III ta' l-abbozz 81 (l-abbozz li fih kienet inkluża l-emenda) għaddiet mit-tliet qari fil-Parlament qabel id-data *cut-off* tal-15 ta' Marzu u nghatat il-kunsens presidenzjali u ppubblikata fis-16 ta' Marzu. Dan l-abbozz kien ippromulgat fis-16 ta' Marzu bħala Att IV ta' l-2007.
15 Din it-talba saret bil-miktub mis-Sur Lawrence Gonzi, il-Prim Ministru Malti u l-Ministru tal-Finanzi, u s-Sur Michael C. Bonello, il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, lill-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u lill-President tal-BĊE, matul il-laqgħa tal-Kunsill ta' l-UE fi Brussell fis-27 ta' Frar 2007.
16 Avviż Legali 299 ta' l-2003.

għall-indipendenza tal-Bank Ċentrali ta' Malta, kif ukoll għar-rispett tar-reġim tal-kunfidenzjalità tas-SEBĊ.

#### INDIPENDENZA PERSONALI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 11(1) ta' l-Att, li kien jirregola l-iskwalifika, ir-riżenja u l-mili ta' postijiet battala, kellu jiġi allinjat ma' l-għażla ta' kliem ta' l-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut, safejn il-Gvernatur, id-Deputat Gvernatur u membri oħra tal-Bord tad-Diretturi involuti fit-twettiq ta' ħidmiet relatati mas-SEBĊ kienu involuti.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jżidu Artikolu ġdid 8(5) fl-Att li jallinja r-raġunijiet li għalihom il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur jitneħħew mill-uffiċju tagħhom, ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 14.2 ta' l-Istatut. Barra minn dan l-Artikolu 9(1) ta' l-Att ġie emendat biex jeskludi l-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur milli jkunu suġġetti għall-istess raġunijiet ta' l-iskwalifika u r-riżenja li japplikaw għad-Diretturi l-oħra.

#### KUNFIDENZJALITÀ

L-Artikolu 37 ta' l-Att jistabbilixxi skambju ta' informazzjoni bejn il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-awtorita` kompetenti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet ta' din ta' l-aħħar skond kull liġi, u kull informazzjoni hija suġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali skond l-Artikolu 38 ta' l-Att. Il-BĊE jifhem li dan l-iskambju ta' informazzjoni huwa bla ħsara għar-reġim ta' kunfidenzjalità tas-SEBĊ. Għaldaqstant tintlaqa' tajjeb kjarifika ta' din id-dispożizzjoni permezz ta' referenza espliċita għall-Artikolu 38 ta' l-Istatut, f'reviżjoni oħra ta' l-Att.

### 5.2.3 PROJBIZZJONI TA' IFFINANZJAR MONETARJU U AĊĊESS PRIVILEĠĠAT

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-firxa ta' entitajiet tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 27(1) ta' l-Att, li kien jipprojbixxi lill-Bank Ċentrali ta' Malta milli jagħti owverdrafts jew kull tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu lill-Gvern Malti jew lil kull impriża pubblika, awtorità pubblika jew korporazzjoni tal-Gvern, jew milli jixtri l-istrumenti tad-dejn tagħhom, kellha tiġi estiża biex tkun konsistenti mat-Trattat u biex tirrifletti bis-sħiħ l-Artikolu 101 tat-Trattat, sabiex tiġi evitata kull konfużjoni dwar liema entitajiet huma koperti mill-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jemendaw l-Artikolu 27(1) ta' l-Att biex jinkludi "korpi rregolati mil-liġi pubblika" fost l-entitajiet tas-settur pubbliku koperti mill-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar monetarju.

### 5.2.4 INTEGRAZZJONI LEGALI TAL-BĊN FL-EUROSISTEMA

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 3 ta' l-Att ma kienx jagħmel referenza għall-Bank Ċentrali ta' Malta bħala parti integrali mis-SEBĊ, jew għall-obbligu tiegħu biex jaġixxi skond l-atti u l-istrumenti legali tal-BĊE.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirreferu għal dawn l-aspetti, kif ukoll għad-drittijiet u l-obbligi konsegwenzjali, fl-Artikolu 3(1) ta' l-Att.

#### 5.2.4.1 GĦANIJIET TAL-POLITIKA EKONOMIKA

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 4(1) ta' l-Att kien jistabbilixxi li l-għan primarju tal-Bank Ċentrali ta' Malta kien li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet, imma kien ikompli biex iżid li, bla ħsara għal dan il-għan, il-Bank Ċentrali ta' Malta kellu jippromwovi żvilupp ekonomiku ordnat u bbilanċjat.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jemendaw l-Artikolu 4 ta' l-Att biex jirreferi għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat u l-Istatut.

Barra minn dan, l-Artikolu 4(2) kien jinkludi lista ta' għanijiet oħra li jirrelataw man-negozju u s-setgħat prinċipali tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jiżguraw li l-lista ta' ħidmiet tal-Bank Ċentrali ta' Malta tinsab fl-Artikolu ġdid 5 ta' l-Att, skond l-Istatut.

### 5.2.4.2 ĦIDMIET

#### POLITIKA MONETARJA

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 4(2)(a) ta' l-Att, li kien jistabbilixxi li wieħed mill-għanijiet tal-Bank Ċentrali ta' Malta huwa li jinfluwenza l-volum u l-kundizzjonijiet ta' l-għoti ta' kreditu, ma kienx jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE fil-qasam tal-politika monetarja.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jniżżlu fl-Artikolu ġdid 5(1)(a) li l-Bank Ċentrali ta' Malta għandu s-setgħa biex jimplimenta politika monetarja skond it-Trattat u l-Istatut.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 17A(1) ta' l-Att, li kien jagħti s-setgħa lill-Bank Ċentrali ta' Malta fil-qasam tal-politika monetarja, ma kienx jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jistabbilixxu li l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Gvernatur għandu jkun skond l-Istatut.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 17A(4) u (5) ta' l-Att ma kienx jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirrevokaw dawn id-dispożizzjonijiet.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 17D(1) sa (3) ta' l-Att, li kien jipprovdi għall-pubblikazzjoni tar-rendikonti dwar id-deċiżjonijiet tal-politika monetarja, kien inkumpatibbli ma' l-Istatut.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirrevokaw dawn id-dispożizzjonijiet.

#### ĦRUĠ TA' KARTI TAL-FLUS

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li Parti VII ta' l-Att kienet tagħti s-setgħa lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex joħroġ valuta, imma ma kienx jirrikonoxxi d-dritt esklużiv tal-BĊE biex jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus ġewwa l-Komunità.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirreferu għas-setgħat esklużivi tal-BĊE fil-Parti ġdida X ta' l-Att.

#### IMMANIĠĠJAR TAR-RIŻERVI BARRANIN

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikoli 15(2) u 19 ta' l-Att kienu jagħtu s-setgħa lill-Bank Ċentrali ta' Malta, fost affarijiet oħra, biex jimmaniġġja r-riżervi barranin tiegħu. Dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jinkludu r-revoka ta' l-Artikolu 19 u jemendaw dispożizzjonijiet oħra ta' l-Att. L-Artikolu 15(2) ta' l-Att, innumerat mill-ġdid bħala l-Artikolu 17(2), jistabbilixxi li l-Bank Ċentrali ta' Malta jimmaniġġja u jżomm l-assi ta' riżerva skond il-linji ta' gwida u l-istruzzjonijiet tal-BĊE.

### 5.2.4.3 STRUMENTI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 15(1) ta' l-Att, li kien jistabbilixxi n-negozju u s-setgħat prinċipali tal-Bank Ċentrali ta' Malta, u l-Artikoli 37(1) sa (3) u 52A ta' l-Att, li kollha jittrattaw depożiti ta' riżerva, ma kinux jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam billi jirreferu b'mod espliċitu għat-Trattat u għall-Istatut fl-Artikolu 17(1) u jemendaw l-Artikolu 56 ta' l-Att.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 36(5) ta'

l-Att, li kien jawtorizza lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex joħroġ direttivi fir-rigward ta' sistemi ta' kklerjar (*clearing*) u pagamenti, ma kienx jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirreferu għat-Trattat u l-Istatut. Iżidu wkoll klawsola ġdida ma' l-Artikolu 34(5) ta' l-Att li tiżgura li s-setgħa tal-Bank Ċentrali ta' Malta biex joħroġ direttivi skond l-Artikolu 34(5) hija eżerċitata skond it-Trattat, l-Istatut u kull regolament maħruġ taħthom.

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 52A ta' l-Att, li jistabbilixxi s-sanzjonijiet possibbli kontra terzi persuni li jonqsu milli jħarsu l-obbligi statistiċi tagħhom, ma kienx jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE u tal-Komunità f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jirrikonoxxu s-setgħat tal-BĊE u tal-Komunita` f'dan il-qasam. L-Artikolu 56(1) huwa emendat biex jiżgura li l-Ministru tal-Finanzi ma jitħalliex joħroġ regolamenti li jistabbilixxu penali u/jew sanzjonijiet fejn il-BĊE ikun adotta regolamenti simili.

Barra minn dan, b'referenza għall-Artikolu 9.2 ta' l-Istatut, il-BĊE jifhem li l-Artikolu 31 ta' l-Att (meta jinqara flimkien ma' l-Artikolu 3 ta' l-Att), li jawtorizza lill-Bank Ċentrali ta' Malta f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex jaħtar, għal attivitajiet ta' implimentazzjoni prattika, kull istituzzjoni ta' kreditu f'Malta biex taġixxi bħala l-aġent tiegħu dwar funzjoni pubblika, huwa bla ħsara għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-Bank Ċentrali ta' Malta jżomm ir-responsabbilta` legali u l-obbligu għall-ħidma pubblika; (ii) dan l-*outsourcing* jsir bla ħsara għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' l-Eurosistema għall-għoti tas-servizzi rilevanti; u (iii) dan l-*outsourcing* ma jipperikolax l-implimentazzjoni korretta tad-deċiżjonijiet tal-politika ta' l-Eurosistema.

#### 5.2.4.4 DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

##### ĦATRA TA' AWDITURI ESTERNI INDIPENDENTI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li Parti III ta' l-Att, li titratta dispożizzjonijiet finanzjarji (inkluż l-Artikolu 22, dwar il-ħatra ta' l-awdituri mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali ta' Malta bl-approvazzjoni tal-Ministru), ma kinitx tirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE u tal-Kunsill ta' l-UE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jistabbilixxu, konformi ma' l-Artikolu 27.1 ta' l-Istatut, li l-awdituri esterni indipendenti għandhom ikunu rrikkmandati mill-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-UE.

##### RAPPURTAR FINANZJARJU

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li d-dispożizzjonijiet li jittrattaw il-preparazzjoni u t-trasmissjoni tal-kontijiet annwali f'Parti III ta' l-Att ma kinux jirrikonoxxu r-reġim ta' l-Eurosistema għar-rappurtar finanzjarju ta' l-operazzjonijiet tal-BĊN skond l-Artikolu 26 ta' l-Istatut.

L-Artikolu l-ġdid 21(5) ta' l-Att, inkluż fl-aħħar emendi, jirrikonoxxi r-reġim ta' l-Eurosistema fir-rappurtar finanzjarju ta' l-operat tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

#### 5.2.4.5 POLITIKA TAR-RATA TAL-KAMBJU

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li Parti VII ta' l-Att kienet tagħti s-setgħa lill-Bank Ċentrali ta' Malta fir-rigward tal-politika tar-rata tal-kambju u ma kinitx tirrikonoxxi s-setgħat tal-Komunità jew tal-BĊE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirrevokaw ir-referenzi għall-valur estern tal-lira Maltija f'Parti X, kif innumerata mill-ġdid.

#### 5.2.4.6 KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Ir-Rapport ta' Konverġenza tal-BĊE ta' Diċembru 2006 innota li l-Artikolu 38Ġ ta' l-Att, li kien jistabbilixxi li l-Bank Ċentrali ta'

Malta jista' jkollu ishma u forom oħra ta' parteċipazzjonijiet f'organizzazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali, u li seta' jipparteċipa wkoll fi ftehim monetarji internazzjonali safejn meħtieġ biex iwettaq il-ħidmiet u d-dmirijiet tiegħu skond il-liġi u biex jissodisfa l-obbligi internazzjonali tiegħu, ma kienx jirrikonoxxi s-setgħat tal-BĊE f'dan il-qasam.

L-aħħar emendi jneħħu din l-inkumpatibbiltà billi jirreferu għall-Istatut fl-Artikolu 39, kif innumerat mill-ġdid.

Għas-sommarju konklużiv dwar Malta, jekk jogħġbok ara s-sommarji tal-pajjiżi.

# GLOSSARJU

**Acquis communautaire:** il-korp tal-leġislazzjoni Komunitarja, inkluża l-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u li torbot lill-Istati Membri kollha ta' l-UE.

**Aġġustament tad-defiċit-dejn:** id-differenza bejn il-bilanċ tal-baġit **tal-gvern ġenerali** (bilanċ negattiv jew pożittiv tal-gvern) u l-bidla fid-dejn tal-gvern ġenerali. Aġġustamenti bħal dawn jistgħu jiġu kkawżati minn, fost affarijiet oħra, bidliet fl-ammont ta' l-assi finanzjarji tal-gvern, rivalutazzjonijiet jew aġġustamenti statistiċi.

**Anzjani dipendenti bħala proporzjon:** il-popolazzjoni ta' pajjiż fl-età ta' 65 jew iżjed bħala proporzjon tal-popolazzjoni fl-età ta' 15-64.

**Bank Ċentrali Ewropew (BĊE):** il-BĊE huwa l-pern ta' l-**Eurosistema** u tas-**Sistema Europea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ)** u għandu personalità legali tiegħu skond it-**Trattat** (Artikolu 107(2)). Il-BĊE jara li x-xogħol li għalih huma responsabbli l-Eurosistema u s-SEBĊ jitwettaq, jew permezz tal-ħidma tiegħu jew permezz ta' dik tal-BĊN, skond l-**Istatut** tas-SEBĊ. Il-BĊE hu mmexxi mill-**Kunsill Governattiv** u mill-**Bord Eżekuttiv**, kif ukoll mill-**Kunsill Ġenerali**, li hu t-tielet korp għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE**.**

**Bilanċ primarju:** is-self nett dieħel jew is-self nett ħiereġ tal-**gvern ġenerali** minbarra ħlasijiet ta' l-imgħax fuq id-dejn konsolidat tal-gvern.

**Bilanċ ta' l-investiment dirett u finanzjarju meħuda flimkien:** is-somma tal-bilanċ ta' l-investiment dirett u tal-bilanċ ta' l-investiment finanzjarju fil-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti. L-investiment dirett hu investiment bejn pajjiż u ieħor bl-iskop li jinkiseb sehem fit-tul ġo/minn intrapriża residenti f'pajjiż ieħor (li jsir fejn is-sehem ikun ekwivalenti għal mill-inqas 10% ta' l-ishma ordinarji jew tad-drittijiet tal-vot). Dan jinkludi kapital azzjonarju, qligħ investit mill-ġdid u "kapital ieħor" assoċjat ma' operazzjonijiet bejn kumpaniji fl-istess grupp. L-investiment finanzjarju jinkludi titoli azzjonarji (meta ma jkunux investiment dirett), titoli ta' dejn bħala bonds u *notes*, u strumenti monetarji oħra.

**Bord Eżekuttiv:** wieħed mill-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-**BĊE**. Dan hu magħmul mill-President u l-Viċi President tal-BĊE u erba' membri oħra, kollha maħtura bi qbil komuni fost il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ta' l-Istati Membri ta' l-UE li adottaw l-euro.

**Defiċit (gvern ġenerali) bħala proporzjon:** id-defiċit tal-**gvern ġenerali** hu definit bħala s-self nett li jirċievi l-gvern u jikkorrispondi mad-differenza bejn id-dħul u l-infiq tal-gvern ġenerali. Id-defiċit bħala proporzjon hu definit bħala d-defiċit tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG bil-prezzijiet kurrenti tas-suq. Dan hu wieħed mill-kriterji fiskali li jintuża biex jiġi ddeterminat jekk hemmx defiċit eċċessiv, kif stabbilit fl-Artikolu 104(2) tat-**Trattat**. Dan jissejjaħ ukoll il-bilanċ tal-baġit jew il-bilanċ fiskali (bilanċ negattiv jew pożittiv).

**Dejn (gvern ġenerali) bħala proporzjon:** id-dejn tal-**gvern ġenerali** hu definit bħala l-bilanċ tad-dejn gross totali b'valur nominali fl-aħħar tas-sena u l-bilanċ ikkonsolidat kemm bejn kif ukoll fi ħdan is-setturi tal-gvern ġenerali. Id-dejn tal-gvern bħala proporzjon tal-PDG hu definit bħala d-dejn tal-gvern ġenerali bħala proporzjon tal-PDG bil-prezzijiet kurrenti tas-suq. Dan hu wieħed mill-kriterji fiskali li jintuża biex jiġi determinat jekk hemmx defiċit eċċessiv, kif stabbilit fl-Artikolu 104(2) tat-**Trattat.**

**Differenzjal bejn tkabbir u rata ta' l-imgħax:** id-differenza bejn il-bidla annwali fil-PDG nominali u r-rata medja ta' l-imgħax nominali mħallsa fuq dejn tal-gvern kurrenti (ir-rata ta' l-imgħax "effettiva"). Id-differenzjal bejn it-tkabbir u r-rata ta' l-imgħax hu wieħed mill-fatturi li jiddeterminaw il-bidliet fid-**dejn tal-gvern bħala proporzjon**.

**ERM II (mekkaniżmu tar-rata tal-kambju II):** il-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju li jipprovdi l-qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri taż-**żona ta' l-euro** u dawk barra din iż-żona, fir-rigward tal-politika tar-rati tal-kambju. L-ERM II hu arranġament multilaterali b'**rati ċentrali** fissi iżda li jistgħu jiġu aġġustati, kif ukoll faxxa standard ta' ċaqliq ta' ±15%. Id-deċiżjonijiet dwar ir-rati ċentrali u, possibilment, faxex ta' ċaqliq idjaq, jittieħdu bi ftehim reċiproku bejn l-Istat Membru ta' l-UE kkonċernat, il-pajjiżi taż-żona ta' l-euro, il-**BĊE** u l-Istati Membri l-oħra ta' l-UE li huma msieħba fil-mekkaniżmu. Il-parteċipanti kollha fl-ERM II, inkluż il-BĊE, għandhom id-dritt jibdew proċedura konfidenzjali biex ibiddlu r-rati ċentrali (ara wkoll **ri-allinjament**).

**Eurogroup:** grupp informali tal-membri tal-**Kunsill ta' l-ECOFIN** li jirrappreżentaw il-pajjiżi taż-**żona ta' l-euro**. Dan jiltaqa' fuq bażi regolari (is-soltu qabel il-laqgħat tal-Kunsill ta' l-ECOFIN) biex jiddiskuti kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltajiet komuni tagħhom relatati mal-munita unika. Il-**Kummissjoni Ewropea** u l-**BĊE** jiġu mistiedna regolarment biex jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat.

**Eurosistema:** is-sistema tal-banek ċentrali taż-żona ta' l-euro. Din tinkludi l-**BĊE** u l-BĊN ta' dawk l-Istati Membri ta' l-UE li adottaw l-euro (ara wkoll **żona ta' l-euro**). L-Eurosistema hi mmexxija mill-**Kunsill Governattiv** u mill-**Bord Eżekuttiv** tal-BĊE.

**Eurostat:** l-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej. L-Eurostat hu parti mill-**Kummissjoni Ewropea** u hu responsabbli għall-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja.

**Fatturi mhux ċikliċi:** fatturi li jinfluwenzaw il-bilanċ tal-baġit tal-gvern li mhumix ikkawżati minn ċaqliq ċikliku (ara **komponent ċikliku tal-bilanċ tal-baġit**). Għalhekk dawn jistgħu jkunu r-riżultat jew ta' bidliet strutturali, i.e. permanenti, jew ta' bidliet fil-politika tal-baġit jew ta' **miżuri b'effett temporanju**.

**Gvern ċentrali:** il-gvern kif definit fis-**Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995** iżda minbarra l-gvernijiet reġjonali u lokali (ara wkoll **gvern ġenerali**). Dan jinkludi d-dipartimenti amministrattivi kollha ta' l-istat (ċentrali) u aġenziji ċentrali oħra li għandhom il-kompetenza tagħhom mifruxa fuq it-territorju ekonomiku kollu, minbarra l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali.

**Gvern ġenerali:** settur definit fis-**Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995** bħala li jinkludi entitajiet residenti li primarjament jipproduċu prodotti u servizzi mhux kummerċjali maħsuba għall-konsum individwali jew kollettiv u/jew li huma nvoluti fir-ridistribuzzjoni/it-tqassim tad-dħul u l-ġid nazzjonali. Gvern ġenerali tinkludi awtoritajiet tal-gvern ċentrali, dawk reġjonali u dawk lokali kif ukoll fondi tas-sigurtà soċjali. Huma esklużi entitajiet tal-gvern li jagħmlu operazzjonijiet kummerċjali bħal ma huma l-intrapriżi pubbliċi.

**Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP):** kejl tal-prezzijiet għall-konsumatur li jiġi kkumpilat mill-**Eurostat** u armonizzat għall-Istati Membri kollha ta' l-UE. Il-prezzijiet ikkontrollati jirreferu għall-prezzijiet li jiġu ffissati direttament mill-gvern (e.g. ħlas għal servizzi

pprovduti mill-gvern) jew li jiġu influwenzati b'mod sinifikanti mill-gvern (e.g. prezzijiet li jkunu jeħtieġu approvazzjoni mill-gvern jew mir-regolaturi).

**Intervent fil-limiti:** intervent obbligatorju mill-banek ċentrali jekk il-muniti tagħhom jilħqu l-limitu l-iżjed baxx jew l-iżjed għoli tal-**marġni taċ-ċaqliq ta' l-ERM II** tagħhom.

**Intervent fil-marġni:** intervent minn bank ċentrali biex jinfluwenza r-rata tal-kambju tal-munita tiegħu **fil-marġni taċ-ċaqliq ta' l-ERM II** tiegħu.

**Investiment:** il-formazzjoni ta' kapital gross fiss kif definit fis-**Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995**.

**Istitut Monetarju Ewropew (IME):** istituzzjoni temporanja mwaqqfa fil-bidu tat-Tieni Stadju ta' l-**Unjoni Ekonomika u Monetarja** fl-1 ta' Jannar 1994. Iż-żewġ responsabbiltajiet ewlenin ta' l-IME kienu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali u l-koordinazzjoni tal-politika monetarja u biex jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għat-twaqqif tas-**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali**, biex titwettaq il-politika monetarja unika u biex tidħol fis-seħħ il-munita unika fit-Tielet Stadju. Dan l-Istitut ġie xolt fl-1 ta' Ġunju 1998 wara li twaqqaf il-**BĊE**.

**Komponent ċikliku tal-bilanċ tal-baġit:** juri l-effett ta' **l-*output gap*** fuq il-bilanċ tal-baġit skond stimi tal-**Kummissjoni Europea**.

**Konverġenza legali:** il-proċess ta' adattament mill-Istati Membri ta' l-UE tal-leġislazzjoni tagħhom, sabiex jagħmluha iżjed kompatibbli mat-**Trattat** u l-**Istatut** ħalli (i) jintegraw il-BĊN tagħhom fis-**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali** u (ii) jadottaw l-euro u jagħmlu l-BĊN tagħom parti integrali ta' l-**Eurosistema**.

**Kriterji ta' konverġenza:** il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 121(1) tat-**Trattat** (u żviluppati iżjed fil-Protokoll dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmi fl-Artikolu 121) li jridu jiġu milħuqa minn kull Stat Membru ta' l-UE qabel ma jkun jista' jadotta l-euro. Dawn għandhom x'jaqsmu mas-suċċess milħuq f'dak li huma stabbiltà fil-prezzijiet, finanzi tal-gvern, rati tal-kambju u ta' rati ta' l-imgħax għal perijodi fit-tul. Ir-rapporti ppreżentati skond l-Artikolu 121(1) mill-**Kummissjoni Ewropea** u mill-**BĊE** jeżaminaw jekk ikunx intlaħaq livell għoli ta' konverġenza sostenibbli minn kull Stat Membru skond kemm dan ikun mexa ma' dawn il-kriterji.

**Kummissjoni Ewropea:** l-istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-**Trattat**. Il-Kummissjoni tfassal il-politika tal-Komunità, tipproponi leġislazzjoni għall-Komunità u teżerċita l-poteri tagħha f'oqsma speċifiċi. Fil-qasam tal-politika ekonomika, il-Kummissjoni tipproduċi Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjieg, li fihom l-Linji Gwida Wiesgħa għall-Politika Ekonomika u l-Linji Gwida għall-Impjieg, u tirrapporta lill-**Kunsill ta' l-UE** dwar l-iżviluppi ekonomiċi u l-politika ekonomika. Il-Kummissjoni tissorvelja l-finanzi pubbliċi fi ħdan il-qafas għas-sorveljanza multilaterali u tissottometti rapporti lill-Kunsill ta' l-UE.

**Kunsill Ewropew:** jagħti l-impetu meħtieġ lill-UE biex din tkun tista' tiżviluppa u tiddefinixxi l-linji gwida għall-politika ġenerali tagħha. Dan jiġbor flimkien il-kapijiet ta' Stat jew Gvern ta' l-Istati Membri u l-President tal-**Kummissjoni Ewropea** (ara wkoll **Kunsill ta' l-UE**). Dan m'għandux poteri leġislattivi.

**Kunsill Ġenerali:** wieħed mill-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-**BĊE**. Dan hu magħmul mill-President u l-Viċi-President tal-BĊE u mill-gvernaturi kollha tal-BĊN tas-**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali**.

**Kunsill Governattiv:** l-ogħla korp għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE. Dan hu magħmul mill-membri kollha tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u mill-gvernaturi tal-BĊN ta' l-Istati Membri ta' l-UE li adottaw l-euro.

**Kunsill ta' l-ECOFIN:** ara **Kunsill ta' l-EU**.

**Kunsill ta' l-UE:** istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea magħmula minn rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, normalment il-ministri responsabbli għal dawk il-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu ttrattati. Il-Kunsill ta' l-UE li jiltaqa' fil-livell tal-ministri ta' l-ekonomija u tal-finanzi hu spiss imsejjaħ l-**Kunsill ta' l-ECOFIN**. Barra dan, f'dak li jirrigwarda deċiżjonijiet ta' importanza partikolari, il-Kunsill ta' l-UE jiltaqa' fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern. Dan m'għandux jitħallat mal-**Kunsill Ewropew**.

**Marġni taċ-ċaqliq ta' l-ERM II:** l-inqas u l-ogħla limiti li l-muniti fi ħdan l-**ERM II** jistgħu jiċċaqalqu kontra l-euro.

**Miżuri b'effett temporanju:** dawn jinkludu l-effetti kollha mhux ċikliċi fuq fatturi fiskali li (i) inaqqsu (jew iżidu) d-defiċit jew id-dejn gross tal-**gvern ġenerali** (ara wkoll **dejn bħala proporzjon** u **defiċit bħala proporzjon**) f'perijodu speċifiku biss (effetti "ta' darba") jew (ii) itejbu (jew jagħmlu għal-agħar) is-sitwazzjoni tal-baġit f'perijodu speċifiku għad-dannu (jew għall-benefiċċju) ta' sitwazzjonijiet futuri tal-baġit (effetti "*self-reversing*").

**Obbligazzjonijiet kontinġenti:** obbligazzjonijiet tal-gvern li jorbtu biss f'każ li jseħħu ġrajjiet partikolari, e.g. garanziji tal-gvern.

***Output Gap*:** id-differenza bejn il-livelli attwali u dak potenzjali tal-produzzjoni t'ekonomija bħala perċentwal tal-produzzjoni potenzjali. Il-produzzjoni potenzjali tiġi kkalkulata skond ix-xejra tar-rata tat-tkabbir ta' l-ekonomija. *Output gap* pożittiva tfisser li l-produzzjoni attwali hi ogħla mix-xejra jew mill-livell potenzjali tal-produzzjoni, u tissuġġerixxi l-possibbiltà li jfeġġu pressjonijiet inflazzjonarji. *Output gap* negattiva tfisser li l-produzzjoni attwali hi iżjed baxxa mix-xejra jew mill-livell potenzjali tal-produzzjoni, u tindika l-possibbiltà ta' nuqqas ta' pressjonijiet inflazzjonarji.

**Parlament Ewropew:** istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Dan jikkonsisti f'785 rappreżentanti taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri (fl-1 ta' Jannar 2007). Il-Parlament għandu rwol fil-proċess leġislattiv ta' l-UE, għalkemm bi prerogattivi differenti skond il-proċedura li tkun ser tintuża biex tgħaddi l-leġislazzjoni rispettiva ta' l-UE. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-politika monetarja u s-**SEBĊ**, il-Parlament għandu prinċipalment poteri konsultattivi. Madankollu, it-**Trattat** jistabbilixxi ċerti proċeduri li, demokratikament, jġiegħlu l-**BĊE** jirrispondi lill-Parlament (il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tal-BĊE li tinkludi seduta ġenerali dwar il-politika monetarja, u stqarrijiet quddiem il-kumitati parlamentari kompetenti).

**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir:** maħsub biex iservi bħala mezz biex jiġi żgurat li l-finanzi tal-gvern ikunu sodi fit-Tielet Stadju ta' l-**Unjoni Ekonomika u Monetarja** biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet, u għal tkabbir qawwi u sostenibbli li jwassal għall-ħolqien ta'

impjiegi. Għal dan il-għan, il-Patt jgħid li l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-oġġettivi tal-baġit fuq żmien medju. Fih ukoll speċifikazzjonijiet konkreti dwar il-**proċedura dwar defiċit eċċessiv**. Il-Patt jikkonsisti mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Amsterdam tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u żewġ Regolamenti tal-Kunsill, jiġifieri (i) Regolament (KE) Nru. 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1055/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005, dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza tal-pożizzjonijiet tal-baġit u tas-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u (ii) Regolament (KE) Nru. 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1056/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005, dwar il-ħtieġa li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura tal-baġit eċċessiv.

**Perijodu ta' referenza:** l-intervall ta' żmien speċifikat fl-Artikolu 121 tat-**Trattat** u fil-Protokoll dwar il-kriterji tal-konverġenza sabiex jiġi eżaminat il-progress lejn il-konverġenza.

**Pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali (i.i.p):** il-valur u l-kompożizzjoni ta' krediti finanzjarji netti pendenti ta' l-ekonomija kontra (jew obbligazzjonijiet finanzjarji dovuti lil) l-bqija tad-dinja. L-i.i.p. nett hu msejjaħ ukoll il-pożizzjoni netta ta' l-assi esterni.

**Proċedura dwar defiċit eċċessiv:** id-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104 tat-**Trattat** u speċifikata fil-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv tesiġi li l-Istati Membri ta' l-UE jżommu dixxiplina fil-baġit, tiddefinixxi l-kriterji meta pożizzjoni tal-baġit għandha tiġi kkunsidrata bħala defiċit eċċessiv u tirregola l-passi meħtieġa li għandhom jittieħdu wara li jkun ġie osservat li r-rekwiżiti għall-bilanċ tal-baġit jew għad-dejn tal-gvern ma jkunux ġew sodisfatti. Dan hu kkomplementat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1056/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005, dwar il-fatt li għandha titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura tal-baġit eċċessiv, li hu element tal-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**.

**Programm ta' konverġenza:** programm bi pjani u kalkoli tal-gvern fuq żmien medju dwar l-iżvilupp ta' fatturi ekonomiċi ewlenin varjabbli biex jintlaħqu l-**valuri ta' referenza** indikati fit-**Trattat**. Jissemmew ukoll il-miżuri biex jiġu kkonsolidati l-bilanċi fiskali, kif ukoll ix-xenarji ekonomiċi li huma mistennija. Il-programmi ta' konverġenza normalment ikopru t-tliet jew l-erba' snin li jkun imiss iżda jiġu aġġornati regolarment tul dan il-perijodu. Dawn jiġu eżaminati mill-**Kummissjoni Ewropea** u mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, u r-rapporti tagħhom imbagħad jintużaw biex il-**Kunsill ta' l-ECOFIN** jkun jista' jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu. Wara l-bidu tat-Tielet Stadju ta' l-**Unjoni Ekonomika u Monetarja**, l-Istati Membri ta' l-UE b'deroga jibqgħu jissottomettu l-programmi ta' konverġenza, waqt li pajjiżi li huma membri taż-**żona ta' l-euro** jippreżentaw programmi annwali ta' stabbiltà, skond il-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**.

**Rata ċentrali:** ir-rata tal-kambju kontra l-euro ta' kull munita membru fl-**ERM II** li madwarha jiġu definiti l-**marġni taċ-ċaqliq ta' l-ERM II**.

**Rata tal-kambju effettiva (nominali/reali):** ir-rata tal-kambju effettiva nominali hi l-medja ppeżata tar-rati tal-kambju bilaterali tal-munita ta' pajjiż kontra l-muniti tal-pajjiżi li magħhom isir il-kummerċ. Il-piżijiet użati jirriflettu kemm kull pajjiż jagħmel kummerċ mal-pajjiż li jkun qed jiġi kkunsidrat u jieħdu in konsiderazzjoni l-kompetizzjoni minn swieq terzi. Ir-rata tal-kambju effettiva reali hi r-rata tal-kambju effettiva nominali mniżżla bl-effett tal-medja ppeżata tal-prezzijiet barranin relatati mal-prezzijiet domestiċi.

**Rati ta' l-imgħax fuq żmien twil armonizzati:** L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmi fl-Artikolu 121 tat-**Trattat** jesiġi li l-konverġenza tar-rati ta' l-imgħax għandha titkejjel fuq ir-rati ta' l-imgħax ta' bonds tal-gvern fuq żmien twil jew titoli paragunabbli, waqt li jitqiesu d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali. Biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tat-Trattat il-**BĊE** għamel xi xogħol konċettwali fuq l-armonizzazzjoni ta' l-istatistika tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil u b'mod regolari jiġbor *data* mill-BĊN b'kooperazzjoni u f'isem il-**Kummissjoni Ewropea** (**Eurostat**). Għall-iskopijiet ta' l-eżami tal-konvergenza f'dan ir-rapport qed tiġi użata biss *data* armonizzata.

**Ri-allinjament:** bidla fir-**rata ċentrali** ta' munita li tkun qed tipparteċipa fl-**ERM II**.

**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ):** is-sistema tal-banek ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea. Din tikkonsisti fil-**BĊE** u l-BĊN tas-27 Stat Membru kollha ta' l-UE, i.e. minbarra l-membri ta' l-**Eurosistema** tinkludi wkoll il-BĊN ta' dawk l-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro. Is-SEBĊ hi mmexxija mill-**Kunsill Governattiv** u mill-**Bord Eżekuttiv** tal-BĊE kif ukoll mill-**Kunsill Ġenerali** bħala t-tielet korp tal-BĊE għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995 (ESA 95):** sistema komprensiva u integrata ta' kontijiet makroekonomiċi bbażata fuq sett ta' kunċetti ta' l-istatistika, definizzjonijiet, klassifiċi u regoli tal-kontabilità maqbula internazzjonalment li għandhom l-għan li jkun hemm deskrizzjoni kwantitattiva u fl-istess ħin armonizzata ta' l-ekonomiji ta' l-Istati Membri ta' l-UE. L-ESA 95 hi l-verżjoni Komunitarja tas-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali 1993 (SNA 93) dinjija.

**Skemi tal-pensjoni ffinanzjati u mhux iffinanzjati:** skemi tal-pensjoni iffinanzjati huma dawk l-iskemi li jiffinanzjaw il-ħlasijiet tal-pensjoni billi jiġbdu minn assi segregati u allokati għal dan l-iskop. Dawn l-iskemi jistgħu jiġu ffinanzjati bl-eżatt, bin-nieqes jew biż-żejjed skond l-ammont ta' l-assi akkumulati meta jitqies relattivament ma' l-ammont ta' pensjonijiet li jridu jiġu mħallsa. Skemi tal-pensjoni mhux iffinanzjati huma dawk l-iskemi li jiffinanzjaw il-ħlasijiet kurrenti tal-pensjonijiet b'kontribuzzjonijiet kontinwi mħallsa minn pensjonanti futuri u/jew dħul kontinwu ieħor bħal ma huma taxxi jew trasferimenti. Skemi mhux iffinanzjati jista' jkollhom bilanċi ta' assi kbar (per eżempju għal raġunijiet ta' likwidità jew bħala fondi li jistgħu jintużaw f'każ ta' bżonn.

**Spiża kapitali netta:** din tinkludi l-ispiża kapitali finali tal-gvern (i.e. il-formazzjoni ta' kapital fiss gross, flimkien ma' xiri nett ta' art u assi intanġibbli, flimkien ma' bidliet fl-istokks) u trasferimenti kapitali netti mħallsa (i.e. għotjiet għall-investiment, flimkien ma' *unrequited transfers* mħallsa mis-settur **tal-gvern ġenerali** biex jiġu ffinanzjati partiti speċifiċi ta' formazzjoni ta' kapital gross fiss minn setturi oħra, minbarra taxxi fuq il-kapital u trasferimenti oħra ta' kapital mgħoddija lis-settur tal-gvern ġenerali).

**Statut:** dan jirreferi għall-protokoll dwar l-Istatut tas-**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali** u tal-**Bank Ċentrali Ewropew**, anness mat-**Trattat** li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, kif emendat bit-Trattat ta' Amsterdam, bit-Trattat ta' Nizza, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/223/KE u bl-Att dwar il-kondizzjonijiet tas-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, u l-Att dwar il-kondizzjonijiet tas-sħubija tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea.

**Trasferimenti kurrenti:** trasferimenti tal-gvern lill-intrapriżi, individwi u l-bqija tad-dinja, netti mit-trasferimenti li daħlu mill-bqija tad-dinja, li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-ispiża kapitali; dawn jinkludu sussidji għall-produzzjoni u għall-importazzjoni, benefiċċji soċjali u trasferimenti lill-istituzzjonijiet ta' l-UE.

**Trattat:** dan jirreferi għat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea ("it-Trattat ta' Ruma"). It-Trattat ġie emendat f'diversi okkażżjonijiet, b'mod partikolari bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("it-Trattat ta' Maastricht") li qiegħed il-pedamenti għall-**Unjoni Ekonomika u Monetarja** u kien jinkludi l-**Istatut tas-SEBĊ**.

**Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM):** it-**Trattat** jiddeskrivi l-proċess li permezz tiegħu tintlaħaq l-UEM fl-UE fi tliet stadji. L-Ewwel Stadju ta' l-UEM beda f'Lulju 1990 u ntemm fil-31 ta' Diċembtu 1993; dan kien ikkaratterizzat mit-tneħħija tal-barrieri interni kollha għall-moviment ħieles tal-kapital fl-UE. It-Tieni Stadju beda fl-1 ta' Jannar 1994. Dan ipprovda, fost oħrajn, għat-twaqqif ta' **l-Istitut Monetarju Ewropew (IME),** il-projbizzjoni ta' l-iffinanzjar tas-settur pubbliku mill-banek ċentrali, il-projbizzjoni ta' aċċess privileġġjat mis-settur pubbliku għall-istituzzjonijiet finanzjarji u li jkunu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern. It-Tielet Stadju beda fl-1 ta' Jannar 1999 bit-trasferiment tal-kompetenza għall-politika monetarja lill-**BĊE** u l-introduzzjoni ta' l-euro. Il-bidla tal-muniti fl-1 ta' Jannar 2002 temmet il-proċess tat-twaqqif ta' l-UEM.

**Valur ta' referenza:** il-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv jistabbilixxi valuri ta' referenza espliċiti għad-**defiċit bħala proporzjon** (3% tal-PDG) u **d-dejn bħala proporzjon** (60% tal-PDG), waqt li l-protokoll dwar il-kriterji tal-konverġenza msemmi fl-Artikolu 121 tat-**Trattat** jispeċifika l-metodoloġija li biha jiġu kkalkulata l-valuri ta' referenza għall-eżami tal-konverġenza tal-prezzijiet u tar-rati ta' l-imgħax fuq żmien twil.

**Volatilità tar-rati tal-kambju:** kejl tal-varjabilità tar-rati tal-kambju, li soltu jiġi kkalkolat abbażi ta' l-*istandard deviation* annwalizzata tal-bidliet perċentwali ta' kuljum.

**Żona ta' l-euro:** iż-żona li tinkludi fiha dawk l-Istati Membri ta' l-UE li adottaw l-euro bħala l-munita unika skond it-**Trattat** u fejn titħaddem politika monetarja waħdanija taħt ir-responsabbiltà tal-**Kunsill Governattiv** tal-**BĊE**. Bħalissa ż-żona ta' l-euro tinkludi l-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, l-Portugall, is-Slovenja u l-Finlandja.

ISSN 1725-943-6